# “... meta titwieled tbissima minn qalb il-biki”
# Analiżi ta’ *Sena mill-Ħajja Mistura ta’ Daniel Tusa* ta’ Edgar Formosa

Diane Zammit

Teżi mressqa

lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta’ Malta

bi twettiq parzjali għall-grad ta’

Masters in Teaching and Learning

Ġunju 2022

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

# Is-Sinteżi

Diane Zammit

"... meta titwieled tbissima minn qalb il-biki"

Analiżi ta' *Sena mill-Ħajja Mistura ta' Daniel Tusa* ta' Edgar Formosa

Din id-dissertazzjoni tanalizza skont xi prinċipji tal-kritika letterarja b'orjentament psikoloġiku u soċjoloġiku d-djarju *Sena mill-Ħajja Mistura ta' Daniel Tusa* miktub minn Edgar Formosa (2004). In-narratur ta' dan id-djarju mistħajjel huwa ġuvni ta' ħmistax-il sena li jgħaddi minn għadd ta' esperjenzi tipiċi taż-żgħożija. L-analiżi tad-djarju ta' Daniel twassal biex jinftiehmu aħjar l-istadji psikoloġiċi u soċjali li jgħaddu minnhom żgħażagħ tal-istess età. F'din ir-riċerka jsir stħarriġ dettaljat tat-tekniki stilistiċi u narratoloġiċi li juża Formosa meta jikteb djarju skont mudelli tradizzjonali u meta u kif ġieli jitbiegħed minnhom b'mod kreattiv. Barra minn hekk, ir-rakkont jirrifletti l-kultura pop prevalenti fis-snin tmenin tas-seklu għoxrin li elementi minnha se jiġu mistħarrġa bħala parti mid-dokumentazzjoni realistika ta' dan il-perjodu. Permezz tad-djarju l-protagonist jikxef realtà edukattiva li kienu jgħixu fiha l-istudenti Maltin flimkien mal-pedagoġiji, il-metodi tat-tagħlim u l-evalwar imħaddmin mill-għalliema, u li mill-perspettiva tal-lum jistgħu jitqiesu bħala għeliem ta' tagħlim tradizzjonali. Din ir-riċerka tqabbel elementi ta' edukazzjoni tradizzjonali ma' oħrajn aktar progressivi li twassal biex tipproponi tibdiliet li jistgħu jsiru fis-sistema edukattiva Maltija biex l-esperjenza tas-snin obbligatorji fi skola tkun ta' gwadann għall-istudenti kollha. Formosa jgħaddi lill-qarrejja minn medda ta' esperjenzi li jqanqlu fihom damma ta' emozzjonijiet. Dan il-ktieb jista' jitqies bħala cross-over għaliex minkejja li jittratta d-dinja tal-adolexxenti faċilment jista' jiġi apprezzat mill-adulti.

Master in Teaching and Learning

Ġunju 2022

Is-Superviżur: Dr Terence Portelli, B.Ed. (Hons), M.A., Ph.D.(Birm.)

**Il-Kliem Ewlieni**

| | | |
|---|---|---|
| Maltese young adult literature | Edgar Formosa | Diary writing |
| Teachers in children's literature | Character in literature | Traditional and progressive education |

# Abstract

Diane Zammit

"... meta titwieled tbissima minn qalb il-biki"

Analiżi ta' *Sena mill-Ħajja Mistura ta' Daniel Tusa* ta' Edgar Formosa

This dissertation analyses some principles of literary criticism with a psychological and sociological orientation to the diary *Sena mill-Ħajja Misturata' Daniel Tusa* written by Edgar Formosa (2004). The narrator of this fictional diary is a 15-year-old boy who goes through several typical experiences of his youth. The analysis of Daniel's journal leads to a better understanding of the psychological and social stages that young people of the same age go through. This research examines the stylistic and narratological techniques that Formosa uses when writing a diary according to traditional patterns and when and how to deviate creatively from them. In addition, the story reflects the pop culture prevalent in the 1980s, elements of which will be explored as part of the realistic documentation of this period. Through the diary, the protagonist reveals an educational reality in which the Maltese students lived together with the teachers' pedagogies, teaching, and evaluation methods. From today's perspective, we can be considered teachers of traditional learning. This research compares elements of traditional education with more progressive ones, which leads to proposing changes that can be made in the Maltese education system so that the experience of the compulsory years in a school will be beneficial for all students. Formosa takes readers through a series of emotional experiences. This book can be considered a cross-over because despite dealing with the world of teenagers, it can be readily appreciated by adults.

Master in Teaching and Learning

June 2022

Supervisor: Dr Terence Portelli, B.Ed. (Hons), M.A., Ph.D.(Birm.)

**Keywords**

Maltese young adult literature | Edgar Formosa | Diary writing

Teachers in children's literature | Character in literature | Traditional and progressive education

*Lil Oliver Friggieri u lin-nannu tiegħi Carmelo.*

# Radd il-Ħajr

Matul il-ħidma tiegħi biex inlesti din id-dissertazzjoni, sibt għajnuna u appoġġ minn diversi persuni li mingħajrhom żgur ma kienx ikun possibbli li nissottomettiha.

Nixtieq nibda billi nuri l-gratitudni tiegħi lis-superviżur tiegħi, Dr Terence Portelli, tal-pariri siewja li tani matul dan il-vjaġġ u tal-paċenzja li ħa minn mindu għażilt li naħdem miegħu din id-dissertazzjoni. Kien ta' spalla għalija, mhux talli kien iweġibni mill-aktar fis possibbli imma talli kien jaħtaf kull opportunità biex jagħtini l-kuraġġ speċjalment meta kont nibda naqta' qalbi li mhux se nlaħħaq niffinalizza u nippreżenta dan l-istudju.

Ma nistax ma nirringrazzjax lill-familjari tiegħi, b'mod speċjali lil ommi Nataline, missieri Dione u ħija Neville, li mingħajr is-sagrifiċċji tagħhom żgur li kien ikun ferm iktar diffiċli li nasal s'hawn. Mhux l-ewwel darba li kont inħares lejhom bħala ispirazzjoni u determinazzjoni biex intemm l-istudji tiegħi u nasal fejn nixtieq. Nittama li kont u nibqa' ta' eżempju għal ħija, kemm f'rigward suċċess akkademiku kif ukoll fl-oqsma l-oħra tal-ħajja.

Nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lill-maħbub tiegħi, Keith, li kien ta' appoġġ u nkoraġġiment kbir għalija, mhux biss fil-kitba ta' dan ix-xogħol, imma anke matul dawn il-ħames snin li ilna flimkien.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lil-letturi tal-pedagoġija tal-Malti fil-livell medju u sekondarju fil-Fakultà tal-Edukazzjoni li għallmuni matul dawn l-aħħar sentejn, tad-dedikazzjoni lejn l-istudenti u talli komplew ikattru fija l-imħabba lejn il-lingwa għażiża tagħna. Ma nistax ma nsemmix is-sapport kontinwu li sibt mingħand sħabi u kollegi, kemm dawk li komplew l-istess kors tiegħi kif ukoll dawk li qabdu toroq differenti. L-akbar grazzi

tmur lill-għeżież ħbieb tal-qalb tiegħi Keana u Amy. Keana kienet preżenti f'ħajti matul l-ewwel kors u matul il-kitba tal-ewwel teżi tiegħi u s-sapport tagħha baqa' jwarrad anke meta jien kont qed nattendi l-kors li jwassalni biex insir għalliema tal-Malti u hi għal għalliema tal-primarja. Mill-banda l-oħra, Amy daħlet f'ħajti mindu irfist l-għatba tal-Fakultà tal-Edukazzjoni; ma kienx hemm assenjament jew eżami li ma ħdimnix flimkien u bla dubju kienet ta' spalla għalija waqt il-vjaġġ tat-tieni dissertazzjoni tiegħi... Grazzi ħbieb!

L-aħħar ħajr imur lil żewġ anġli li għandi jħarsuni minn hemm fuq, lin-nannu tiegħi li ħalliena eżatt malli bdejt naħdem fuq din ir-riċerka u lill-professur Oliver Friggieri li kien ta' sapport kbir matul l-aħħar snin li kien għallimni fil-kors tal-B.A. (Unuri) fil-Malti. Kull pass li nagħmel f'ħajti nħosshom preżenti miegħi.

# Il-Werrej


Is-Sinteżi ..... ii
Abstract ..... iii
Radd il-Ħajr ..... v
Il-Werrej ..... vii
Il-Lista ta' Tabelli ..... xi
Il-Lista ta' Figuri ..... xii
Il-Lista ta' Abbrevjazzjonijiet ..... xiii

Id-Daħla ..... 1

L-Ewwel Kapitlu- Tieqa mbexxqa fuq il-letteratura tat-tfal ..... 5
1.1 L-Introduzzjoni ..... 5
1.2 Il-ktieb *SĦMDT* ..... 5
1.3 Min huwa l-kittieb? ..... 6
1.4 L-għażla tal-ktieb ..... 8
1.5 X'inhu djarju? ..... 9
1.6 Djarji għat-tfal u l-adolexxenti ..... 11
1.7 Xi xogħlijiet letterarji marbuta mal-edukazzjoni ..... 14
1.7.1 Rappreżentazzjoni tal-għalliema f'xi xogħlijiet internazzjonali ..... 14
1.7.2 Rappreżentazzjoni tal-istudenti f'xi xogħlijiet internazzjonali ..... 16
1.7.3 Rappreżentazzjoni tal-iskejjel u s-sistema edukattiva f'xi xogħlijiet internazzjonali ..... 17
1.7.5 Rappreżentazzjoni tal-istudenti f'xi xogħlijiet lokali ..... 22
1.7.6 Rappreżentazzjoni tal-iskejjel u s-sistema edukattiva f'xi xogħlijiet lokali ..... 23
1.8 L-għeluq ..... 24

It-Tieni Kapitlu- Spunti metodoloġiċi tad-dissertazzjoni ..... 26
2.1 L-introduzzjoni ..... 26
2.2 L-għan tar-riċerka ..... 26
2.3 L-epistemoloġija u l-perspettivi tar-riċerka ..... 27
2.4 Il-kritika letterarja ..... 31

2.5 Xi aspetti narratoloġiċi ........ 33
2.6 Xi lehmiet etiċi ........ 34
2.7 Il-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni ........ 36
2.8 Xi problemi u kumplikazzjonijiet ........ 37
2.9 L-għeluq ........ 39

It-Tielet Kapitlu- L-adolexxenza taħt il-lenti ........ 40
3.1 L-introduzzjoni ........ 40
3.2 Il-preokkupazzjoni tad-dehra fiżika ........ 40
3.3 Il-pressjoni mill-ħbieb u l-aċċettazzjoni mis-soċjetà ........ 42
3.4 L-influwenza mill-midja ........ 44
3.5 It-tranżizzjoni wara l-iskola sekondarja ........ 45
3.6 Ħarba mir-realtà ........ 46
3.7 Ġibdiet sesswali ........ 47
3.8 In-nuqqas ta' qbil ........ 51
3.8.1 Nuqqas ta' qbil mal-ġenituri ........ 51
3.8.2 Nuqqas ta' qbil mal-aħwa ........ 52
3.8.3 Nuqqas ta' qbil mal-għalliema ........ 53
3.9 L-importanza tal-familja ........ 54
3.10 Il-maturità ........ 56
3.11 Xi deċiżjonijiet irrimovabbli ........ 59
3.12 L-għeluq ........ 61

Ir-Raba' Kapitlu- Ħarsa kritika lejn l-istil ........ 62
4.1 L-introduzzjoni ........ 62
4.2 L-idea ta' djarju ........ 62
4.3 In-narratur ........ 63
4.4 Il-kunjom 'Tusa' ........ 64
4.5 Il-karattri ........ 65
4.6 Deskrizzjonijiet tal-ġenituri, t'oħtu, ta' sħabu u tal-ambjent ta' madwaru ........ 68
4.7 Il-kunflitti ewlenin ........ 71
4.8 L-umoriżmu ........ 72
4.9 L-ispontanjetà ........ 73
4.10 L-għażla u s-sensil tal-kliem ........ 73
4.11 It-tipa u t-ton ........ 74

4.12 L-użu tal-footnotes ... 75
4.13 Il-paġni u d-dati ... 76
4.14 L-użu tad-djalogu ... 76
4.15 L-użu tal-qwiel u l-idjomi ... 77
4.16 L-għażla tal-figuri tat-taħdit ... 78
4.16.1 Is-similitudni ... 78
4.16.2 L-iperbole ... 79
4.17 Elementi ta' intertestwalità ... 79
4.18 Xi limiti u diffikultajiet ... 80
4.19 L-għeluq ... 81

Il-Ħamis Kapitlu- Il-kuntest edukattiv: L-edukazzjoni tradizzjonali ... 82
5.1 L-introduzzjoni ... 82
5.2 L-għalliema fiċ-ċentru ... 82
5.3 It-tagħlim dirett ... 84
5.4 Ix-xogħol għad-dar, l-eżamijiet u l-assessjar ... 85
5.5 L-għalliema u t-taħriġ professjonali ... 86
5.6 Ir-realtà tal-iskola ... 87
5.7 Ir-realtà tal-klassi ... 90
5.8 Is-sehem tal-ġenituri ... 92
5.9 L-għeluq ... 93

Is-Sitt Kapitlu- Il-kuntest kulturali: It-tmeninijiet ... 94
6.1 L-introduzzjoni ... 94
6.2 Il-kantanti u l-mużika ... 94
6.3 L-istil tal-ħwejjeġ ... 96
6.4 Il-poeżiji, il-kotba u r-ritratti ... 97
6.5 Xi ħjiel tax-xena politika Maltija ... 98
6.6 In-nuqqas ta' teknoloġija u l-mezzi ta' komunikazzjoni ... 102
6.7 Il-films u l-postijiet ta' divertiment ... 102
6.8 Il-flus ... 103
6.9 L-għeluq ... 104

L-Għeluq ... 106
Il-kontribut tar-riċerka ... 106

Xi spunti konklussivi ........ 109
Ir-riflessjoni fir-riċerka ........ 115
Xi suġġerimenti għal studji oħra fl-istess qasam ........ 115
L-għeluq ........ 117

Il-Lista ta' Referenzi ........ 119
Appendiċi ........ 152
Il-Konferma tal-Bord tal-Etika ........ 152

# Il-Lista ta' Tabelli

Tabella 1: Kontribuzzjonijiet ta' Edgar Formosa ........................................................................................ 7

# Il-Lista ta' Figuri

Figura 1: Grafika dwar l-imħabba meħuda minn Formosa (2004: 290) .................................................. 50

Figura 2: Il-familjari ta' Daniel Tusa li jissemmew fid-djarju miktub minn Formosa (2004) .................. 65

# Il-Lista ta'Abbrevjazzjonijiet

| **Abbrevjazzjoni** | **Titlu tal-Ktieb** |
|---|---|
| *SĦMDT* | *Sena mill-Ħajja Mistura ta' Daniel Tusa* |

# Id-Daħla

Sa minn ċkuniti, niftakarni ndur ma' djul ommi li malli kienet issib ftit ħin kienet tpoġġi ħdejja u taqrali xi storja. Malli bdejt nitfarfar bdejt nattendi xi sessjonijiet tal-qari li kienu qed isiru f'libreriji lokali. B'hekk nista' ngħid li l-gost tal-qari baqa' jakkumpanjani ma' kull stadju ta' ħajti.

Meta ġejt biex niddeċiedi l-qasam tar-riċerka tiegħi bħala parti mill-kors professjonali tal-Masters in Teaching and Learning, kont naf li xtaqt inħares lejn il-ħila tal-qari letterarju. Waqt waħda miż-żjarat tiegħi fil-Festival tal-Ktieb, ġie f'idejja r-rumanz *Sena mill-Ħajja Mistura ta' Daniel Tusa* ta' Edgar Formosa (2004) (minn hawn 'il quddiem *SĦMDT).* Ikolli nammetti li meta qrajtu ssaħħart bin-nisġa tal-ġrajjiet u bil-mod sabiħ kif inhu miktub.

Sa issa, il-kontribut letterarju tal-kittieb u għalliem tal-Malti, Edgar Formosa, ma ġiex mistħarreġ. Barra minn hekk, il-qari mill-ġdid tal-ktieb – din id-darba bl-esperjenza ta' snin nistudja l-Malti, fetaħli għajnejja għal kobba sħiħa ta' temi varji: problemi eżistenzjali u dilemmi tal-adolexxenza, kwistjonijiet edukattivi, u sitwazzjonijiet oħra li jagħmluh xogħol letterarju li jista' jiġi evalwat għall-valur estetiku tiegħu (Porter Abbott, 2002: 62). Il-kitba ssawret minn idejn Daniel, student tas-sekondarja; b'hekk tatni l-opportunità biex nara l-effetti li tħalli l-edukazzjoni fuq l-istudenti. Il-ktieb *SĦMDT* huwa sors tajjeb għal skopijiet edukattivi u għal kull min għandu għal qalbu l-ġid tal-istudenti f'istituzzjonijietedukattivi.

Osservazzjoni mill-qrib tal-ktieb tiftaħ għajnejn il-qarrejja dwar ċerti nuqqasijiet fl-istituzzjonijiet edukattivi rigward l-istatus professjonali tal-għalliema. Il-ktieb ta' Formosa (2004) iwelled tama fl-għalliema, speċjalment f'għalliema prospettivi, sabiex ma jsirux parti

mill-mekkaniżmu soċjali li jxekkel l-esperjenza edukattiva. Fischman (2001: 417) jemmen li Freire rnexxielu jeleva: "The concept of hope to the main qualifier for a progressive form of pedagogy". Madanakollu, it-tama trid tkun attribwita b'azzjonijiet li huma mistennija li jintebħu bihom il-qarrejja, speċjalment dawk li għandhom konnessjoni mal-istituzzjoni edukattiva.

Il-fatt li l-ktieb jaqa' taħt il-ġeneru tad-djarju jagħti l-opportunità lill-qarrejja biex ibexxqu tieqa fuq ħajjet il-kittieb. McDonough u McDonough (1997: 126) jgħidu li: "While a diary is private, a diary study means going public," għaliex l-udjenza jkunu jistgħu jinterpretaw il-kitba b'modi differenti. Formosa għaġen flimkien l-esperjenzi tiegħu ta' meta kien student, flimkien mal-osservazzjonijiet li għamel bħala għalliem, u preżenta ktieb f'għamla ta' djarju. Il-protagonist li ħoloq huwa żagħżugħ ta' 15-il sena li jgħaddi minn esperjenzi tipiċi taż-żgħożija bil-kriżijiet u l-isfidi kollha ta' dan il-perjodu ta' tranżizzjoni. B'hekk, il-ktieb jgħin ukoll lill-għalliema prospettivi biex jintebħu liema ħsibijiet ikunu qed itaqqlu lil studenti tas-sekondarja tampar Daniel.

Permezz tad-djarju, Formosa jirrakkonta u jiddefinixxi lilu nnifsu b'dokumentazzjoni tar-realtà li kien jgħix fiha. B'kitbietu jaqsam mal-qarrejja għadd ta' sitwazzjonijiet u esperjenzi ta' studenti u għalliema fis-snin 80 tas-seklu 20. Dan iseħħ għaliex skont Erben (1998: 4): "Given that individual lives are part of a cultural network, information gained through biographical research will relate to an understanding of wider society". Għaldaqstant, din ir-riċerka tiddiskuti l-effetti tal-pedagoġiji u l-metodi li jintużaw fil-klassi li jintrabtu mal-edukazzjoni tradizzjonali f'kuntrast ma' dawk ta' xejra progressiva. B'dan il-mod, il-qarrejja jintebħu kemm hu essenzjali li l-istudenti jkollhom sehem attiv fl-esperjenza edukattiva tagħhom. Għaldaqstant, dan il-ktieb seta' jinqara b'lenti soċjoloġika u

psikoloġika, kif ukoll b'laqta kulturali, dejjem f'relazzjoni mal-kuntest edukattiv kif jixref ġurnata wara l-oħra.

Din id-dissertazzjoni tqassmet f'għadd ta' kapitli u l-kitba ssegwi r-regoli tal-istil tal-APA kif ukoll tal-istandardizzazzjoni tal-Fakultà tal-Edukazzjoni. L-ewwel kapitlu jagħti ħarsa ġenerali tax-xogħlijiet li għandhom relevanza għat-tema ta' dan l-istudju partikolari. Fil-bidu ta' dan il-kapitlu tingħata informazzjoni fuq il-kittieb kif ukoll fuq il-ktieb *SĦMDT*. Wara hemm stħarriġ ta' xi xogħlijiet letterarji miktuba f'forma ta' djarju li saru għat-tfal u l-adolexxenti, ilkoll parti mil-letteratura għat-tfal, kif ukoll xi xogħlijiet li jintrabtu mal-kuntest edukattiv.

It-tieni kapitlu jiftaħ billi jintroduċi l-għanijiet tar-riċerka. Dan l-istudju kellu erba' mistoqsijiet ewlenin:

1. X'temi jixirfu fil-perjodu tal-adolexxenza? (ara Kapitlu 3);
2. X'tekniki stilistiċi u narratoloġiċi juża l-kittieb f'dan id-djarju mistħajjel? (ara Kapitlu 4);
3. X'sitwazzjonijiet edukattivi huma preżentati fil-ktieb? (ara Kapitlu 5);
4. X'ambjentazzjoni u realtà tidher fil-ktieb? (ara Kapitlu 6).

Il-kapitlu tal-metodoloġija (ara Kapitlu 2) jagħti idea tal-epistemoloġija u l-perspettivi li ntużaw għall-ġbir tal-informazzjoni. F'dan id-djarju letterarju partikolari, il-vuċi ta' ġuvnott tagħti l-opportunità lill-qarrejja sabiex jiltaqgħu ma' sitwazzjonijiet li jaffettwaw lil żgħażagħ tamparu – sitwazzjonijiet li f'din ir-riċerka ġew impoġġija taħt lenti soċjoloġika u psikoloġika. F'din id-dissertazzjoni saret analiżi kritika ta' xogħol letterarju u għaldaqstant parti mill-metodoloġija tmiss il-kritika letterarja b'enfasi fuq xi aspetti narratoloġiċi.

Iż-żewġ taqsimiet ta' wara ffukaw fuq xi lehmiet etiċi li ġew ikkunsidrati waqt il-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni. Dan il-kapitlu jingħalaq b'diskussjoni dwar xi problemi u

kumplikazzjonijiet li ltqajt magħhom waqt dan l-istudju.

Fl-aħħar, din ir-riċerka tagħlaq billi jiġu diskussi xi lehmiet u konklużjonijiet li ħarġu mill-analiżi. Jingħataw ukoll xi ideat li jistgħu jiġu mistħarrġa minn riċerkaturi oħra li għandhom għal qalbhom il-letteratura Maltija, speċjalment dik għaż-żgħażagħ u oqsma edukattivi varji.

## L-Ewwel Kapitlu

# Tieqa mbexxqa fuq il-letteratura tat-tfal

### 1.1 L-Introduzzjoni

Għal kull xogħol jew studju, importanti li ssir riċerka qabel. B'hekk, għal studju delikat bħalma hija l-kritika letterarja, importanti li jkun hemm tagħrif sew fuq is-suġġett li se jkun studjat. Wara kollox, "Words have the power to delight and inspire joy, as much as to shatter and destroy" (Portelli, 2016: xiii).

### *1.2* Il-ktieb *SĦMDT*

Il-ktieb *SĦMDT* inkiteb f'mument fejn il-letteratura bil-Malti għat-tfal kienet qiegħda tinbidel. Skont Portelli (2016: xiii): "The history of Maltese literature can be viewed as a succession of three waves". L-ewwel mewġa kienet influwenzata mir-Romantiċiżmu u l-iktar poeta li jintrabat miegħu huwa Dun Karm Psaila. It-tieni mewġa ġiet wara l-Indipendenza. Il-kittieba tas-sittinijiet stabbilixxew ruħhom, fosthom: Trevor Żahra, Carmel G. Cauchi u Charles Casha, u anke żviluppaw stil u ġeneru partikolari. Għall-kuntrarju, il-kittieba ta' madwar il-millenju kienu kittieba żgħażagħ b'perspettivi u stili differenti.

Fil-kunċett tal-letteratura għat-tfal, dan il-fenomenu jinħass ħafna għaliex kienet ġiet mewġa ġdida ta' kittieba. Fit-tielet mewġa jsib postu l-ktieb ta' Formosa, għaliex permezz tad-djarju qiegħed jidħol u jkompli t-tradizzjoni taż-żgħażagħ li bdewha kittieba qablu. Fl-istess ħin jitbiegħed minnhom għaliex jiffoka fuq ir-realtajiet ġodda li bdew jesperjenzaw iż-żgħażagħ. Għaldaqstant, il-metafora tal-mewġ, minbarra li tintrabat mal-pajsaġġ Malti, tikkategorizza l-ktieb xi mkien fit-tranżizzjoni tal-letteratura għat-tfal.

## 1.3 Min huwal-kittieb?

Formosa jħobb l-isports, l-iktar il-futbol, u jissapportja t-tim nazzjonali Ingliż. Meta kien żgħir kien jilgħab il-badminton u kien jieħu sehem f'logħob kompetittiv tal-iScrabble organizzat mill-Għaqda Maltija tal-iScrabble. Kien attiv ukoll fl-Archery, fejn fl-2007 rebaħ it-titlu ta' Champion ta' Malta fil-kategorija Barebow, u vice-Champion ta' Malta fl-2012 fil-kategorija Compound. Isegwi ħafna tipi ta' sport fuq l-istazzjonijiet televiżivi: Formula 1 (karozzi), MotoGP (muturi), u l-WEC (World Endurance Championship – karozzi), snooker, rugby, darts u weightlifting. Il-pożizzjoni tiegħu ta' lettur-viżitatur fl-Università ta' Malta fl-Istituzzjoni tal-Edukazzjoni Fiżika u Studji Sportivi hija xhieda tal-imħabba tiegħu lejn l-isport.

Formosa jħobb ukoll jaqra. Il-ġibda lejn il-qari u l-lingwa nattiva ħeġġitu biex isir anke koordinatur tal-Malti u għalliem tal-istess suġġett. Barra min hekk, kien ukoll Kap tad-Dipartiment tal-Malti fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Is-snin twal li għamel fil-kamp tal-edukazzjoni tawh l-opportunità biex flimkien ma' sħabu l-għalliema joħorġu kotba li jkopru l-ħtiġijiet edukattivi tal-istudenti f'livelli differenti. Huwa awtur u kontributur t'għadd ta' kotba, fosthom: tal-erba' kotba fis-sensiela *Nadriet* (Zarb, 2001) – li huma kotba tal-poeżija li ntużaw għal bosta snin fl-iskejjel sekondarji, u *Oħroġ il-Għerf* (Zarb, 2008) – ktieb tal-grammatika għall-istudenti tas-sekondarja (Galea, 2012). Il-kontribut tiegħu kompla jwarrad ukoll f'għadd ta' kotba oħra, fosthom:

| |
|---|
| *Testi u Testijiet* (2001) |
| *Tiftix u Testijiet* (2001) |
| *Grammatika f'Kuntest 1 u 2* (2001) |
| *5 Ċagħkiet* (1998) |
| *Żeppellin* (1999) |

| |
|---|
| *Frejgħat* (2004-2006) |
| *Nixxigħat f'Subway* (2001-2002) |
| *Qtar f'Omnibus* (2002-2004) |

*Tabella 1: Kontribuzzjonijiet ta' Edgar Formosa*

Għal diversi snin wara l-1998, kien jgħallem ukoll il-lingwa u l-letteratura Maltija fuq l-istazzjon televiżiv immexxi mill-għalliema – 'Education 22'.

Huwa awtur ta' erba' kotba. Fl-ewwel ktieb, *SĦMDT* (2004), għaqqad dak kollu li għadda minnu hu u l-istudenti tiegħu. It-tieni ktieb li ħareġ semmieh *Tikk… Tokk… is-Sagħtejn* (2010), li fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (Malta) fl-2010, ġie kklassifikat fit-tieni post fil-proża għall-adolexxenti. Dan il-ktieb inkiteb b'mod konċiż, b'tipa kbira u fl-ewwel persuna singular, għaliex b'dan il-mod il-qarrejja jistgħu jsiru parti mill-istorja (Galea, 2012). Briffa (f'Galea, 2012) isostni li huwa rakkont maħdum fuq il-mentalità taż-żgħażagħ fejn il-kittieb iħaddem ritmu ta' proża u strutturi sintattiċi ta' stil kollokjali. Skont Briffa (f'Galea, 2012), dan ix-xogħol jidħol fit-tradizzjoni tar-rakkonti Gotiċi għaliex Formosa jinseġ storja ta' misteru u biżà, flimkien ma' elementi sopranaturali. Id-deskrizzjoni li juża hija dik Impressjonista għaliex tfittex li tqanqal sentiment ta' misteru.

It-tielet ktieb li ppubblika huwa *AnastasiA* (2012), miktub fl-ewwel persuna li jittratta r-relazzjoni li tinbet bejn il-protagonist u tfajla li jiltaqa' magħha fis-satra tal-lejl. Ħajtu tikkumplika ruħha meta jirrealizza li kellu qawwiet speċjali. Kien proprju b'dan il-ktieb u b' *Tikk… Tokk… is-Sagħtejn* (2010) li Formosa ġie nnominat għall-Astrid Lindgren Memorial Award – għotja ta' premju internazzjonali mill-Iżvezja; premju mmirat l-iktar għal-letteratura għat-tfal u għall-adolexxenti.

*Insaniam* (2014) huwa r-raba' ktieb ta' Formosa. Bħala ġeneru ta' kitba huwa għalkollox differenti mill-oħrajn. Skont Sammut (2015), filwaqt li l-ewwel kotba ta' Formosa kienu ta' xeħta umoristika, tal-biża' u tal-ġeneru fantastiku-surreali rispettivament, f'*Insaniam* Formosa jagħti analiżi profonda u metikoluża ta' moħħ il-bniedem, biċ-ċirkustanzi u l-fatti li kollha jagħtu sehemhom biex 'ibiddlu' l-istat ta' moħħ il-bniedem. Il-ktieb huwa ġabra ta' tliet novelli: 'Insaniam', 'Għażiża Rachel' u 'Naf fejn toqgħod'. Fih naraw karatterizzazzjoni differenti, kif ukoll tiftix ta' ambjent fiżiku mhux tas-soltu. Formosa juri b'konsistenza sħiħa li huwa interessat fit-tiġdid, fl-esperimentazzjoni u fit-tħaddim ta' binja narrattiva differenti.

B'mod ġenerali, lil Edgar Formosa nistgħu nqisuh bħala bniedem li juri abbiltà li jaħkem kelma xierqa u jagħmilha tiegħu. Hu stess jistqarr waqt intervista (Galea, 2012) li s-sodisfazzjon tiegħu jilħqu meta jkun hemm imqar qarrej wieħed li jieħu gost b'kitbietu għaliex b'hekk xogħlu jservi bħala ħarba mir-realtà ta' kuljum.

## 1.4 L-għażla tal-ktieb

Sa minn ċkuniti niftakarni nġorr ktieb kull fejn immur. Meta għalaqt sitt snin ommi xtratli djajru jissakkar b'katnazz. Minn dakinhar, is-seħer tal-kitba fid-djarji sar parti minni. Għaldaqstant, għal din ir-riċerka għażilt li nagħmel studju letterarju dettaljat ta' djarju.

L-għan ewlieni ta' djarju huwa li juri stampa ċara tal-emozzjonijiet tal-individwu. Għaldaqstant, dan il-ħsieb kompla jnibbet fija x-xewqa li nanalizza djarju. Wara tiftix ta' kotba miktuba bil-Malti li jaqgħu taħt il-ġeneru tad-djarju, għażilt li niffoka fuq il-ktieb *SĦMDT* ta' Edgar Formosa. Dan id-djarju jitfa' lenti fuq l-istudenti bħala bnedmin li għandhom osservazzjonijiet, sentimenti u sensazzjonijiet bħal kulħadd. Wara li fittixt fuqu, irrealizzajt li l-awtur qed jistieden lill-qarrejja jsiru parti mir-rakkont. Il-protagonist, Daniel,

jagħmel diversi għażliet li juru lill-qarrejja kif jaħdem moħħ żagħżugħ hu u jikber.

Barra minn hekk, ħarsa lejn l-istil tal-ktieb tatni x'nifhem li huwa djarju li jista' jinqara u jiġi analizzat fid-dettall bħala ktieb tal-letteratura, li offrieli l-opportunità ta' stħarriġ ta' bosta elementi narratoloġiċi – bħall-karattri, id-djalogi, l-ambjent, u r-relazzjonijiet bejn il-protagonist u karattri oħra li jiltaqa' magħhom matul ir-rakkont.

Fatt ieħor li kompla jikkonvinċini nanalizza dan il-ktieb huwa li ma kontx iltqajt daqshekk mal-kittieb u xogħlijietu. Dan kompla jqawwili qalbi biex nara x'toffri kitbietu. Wara tiftixa fuq kitbietu, indunajt li l-ktieb *SĦMDT* huwa l-ewwel wieħed li kiteb u dam bosta snin biex jorqmu u jlesti l-verżjoni aħħarija (Galea, 2012).

Il-professjoni ta' għalliem għal bosta snin kompliet tressaqsni lejn xogħlu għaliex sforz il-professjoni tiegħu esperjenza r-realtà tal-iskola, dik li eventwalment se nsib ruħi fiha jien. L-esperjenza ta' għalliem fis-sekondarja għallmitu jidħol fiż-żarbun tal-istudenti u jara viżjoni aktar ibbilanċjata tal-ħajja (Formosa, 2004: v). Bħala għalliema tal-Malti, xogħli se jitlob li ngħallem lill-adolexxenti. Għaldaqstant, xtaqt li nagħżel ktieb miktub bit-tir li jiġbed lilhom l-iktar. Il-fatt li l-protagonist huwa ġuvni ta' 15-il sena, iktar jorbot il-ħajja mistħajla tiegħu – imsawra minn ħmerijiet u problemi – ma' tfal tamparu. It-tama tal-kittieb hija li l-qarrejja jsiru jħobbuh u jiggostawh, għaliex fih jaraw lilhom infushom.

## 1.5 X'inhu djarju?

B'mod ġenerali, Rainer (2004: 60) taqsam id-djarji fi tnejn. L-ewwel tip, imsejjaħ 'old diary' huwa dak li bosta jkollhom meta jkunu għadhom żgħar. It-tieni tip, 'the new diary', tqisu dak id-djarju fejn il-kittieb ikun jista' jżomm "Free flowing, spontaneous, and utterly honest journal" (Rainer, 2004: 60). Skont Rainer (2004: 60), il-kittieba għandhom iħossuhom ħielsa li jiktbu li jridu fih. Fil-fatt, Adams (2009: 51) jiddefinixxih bħala rakkont personali li fih

il-kittieb jesprimi ruħu mingħajr regoli.

Djarju jingħaraf mill-ewwel minħabba d-dati (Lejeune, 2009: 179). Barra minn hekk, Barrie (f'Mallon, 1986: xiii) jgħid li d-djarju huwa riflessjoni tal-ħajja tal-kittieb. Din l-idea tintrabat mill-qrib mal-idea li l-bniedem jikteb dak li jkun għadda minnu fil-ġurnata. Rainer (2004: 60) tisħaq li m'hemmx mod wieħed biss kif individwu jżomm djarju, però xorta temmen li hemm tliet elementi li jagħmlu kitba fi djarju ħaġa waħda mal-emozzjonijiet tal-kittieb. Fil-fatt, Mallon (1986: xvii-xviii) jgħid li wieħed jista' jaqra poeżija jew rumanz mingħajr ma jintebaħ min hu l-awtur, imma ma jistax jaqra djarju u ma jħossux qrib il-kittieb/a.

Ħarsa lejn il-parti storika tad-djarju turi li n-nies minn dejjem kienu jżommu xi forma ta' rendikont. Matul ir-Rinaxximent (l-14 sas-17-il seklu), in-nies bdew jużaw id-djarji biex jiktbu l-opinjonijiet u l-ħsibijiet personali, mingħajr ebda intenzjoni li xi darba xogħolhom ikun ippubblikat, kif fil-fatt għamlet Anne Frank snin wara meta kitbet id-djarju waqt li kienet mistoħbija fix-xelter waqt l-attakki tal-Ġermaniżi tal-erbgħinijiet. Cuddon (2013: 199) jgħid li l-idea tad-djarju bdiet fis-seklu 17. Tnejn mill-iktar djarjisti magħrufa tas-seklu 17 huma John Evelyn u Samuel Pepys. Id-djarju dettaljat ta' Pepys, miktub bejn l-1660 u l-1669, huwa sors ewlieni għall-istoriċi interessati fis-seklu 17.

Il-qarrejja jiltaqgħu għall-ewwel darba ma' kitbet Pepys meta jaqraw dwar il-Pesta l-Kbira tal-1665 jew in-nar il-kbir ta' Londra tal-1666. Id-djarju tiegħu kien ippubblikat l-ewwel darba fl-1825 u kien ikkunsidrat bħala: "A valuable resource for the study of the Restoration period in English history" (Skaggs, 2004: 52). Interessanti li Sinor (2002: 56) titfa' ħarsitha fuq ir-rakkonti spissi li jsiru fid-djarju u l-effetti li jħallu, u tispjega kif dawn ipoġġu lid-djarjisti u lill-qarrejja fil-preżent fejn m'hemmx lok għar-riflessjoni. Kultant, il-kitba tant tkun mill-

qalb li ċċajpar xi ftit l-għan tal-kitba. Ikun xi jkun l-iskop, Brooke (2003: xi) jemmen li konxjament jew le, kull djarjista jittama li xi darba kitbietu tinqara u tkun mifhuma.

## 1.6 Djarji għat-tfal ul-adolexxenti

Analiżi dettaljata ta' xogħlijiet letterarji għat-tfal turi kemm id-distinzjoni bejn xogħlijiet miktuba għat-tfal u l-adolexxenti mhix faċli. Fil-fatt, Hunt (1999: 4) jgħid li l-'letteratura' minnha nnifisha turi kumplessità, bil-konsegwenza li timplika ferm iktar responsabbiltà mingħand min jikteb. Sintendi, kitba mmirata għal udjenza żagħżugħa wkoll tħaddan ċerta responsabilità.

Il-kotba *The Diary of a Killer Cat* (Fine, 2011) u s-sensiela *Diary of a Wimpy Kid* (Kinney, 2007), huma eżempji tipiċi ta' djarji miktuba għat-tfal. Interessanti kif Fine (2011: 10) jikteb ir-rakkont mill-perspettiva tal-protagonist qattus. Din l-istess teknika jagħmilha Lughermo fil-ktieb *X'Aħna Smart!* (2015), għaliex juża l-ismartphone bħala n-narratur. Żahra kiteb sensiela ta' għaxar kotba żgħar imsemmija '*Mid-djarju ta'...*' (1990), ilkoll miktuba fl-ewwel persuna mill-perspettiva ta' annimal li jirrakkonta dak li jkun għadda minnu mit-Tnejn sal-Ħadd.

Fine (2011) u Kinney (2007) jużaw il-bżieżaq tat-taħdit waqt il-konverżazzjonijiet tal-karattri tal-istorja. Din it-teknika ssir ukoll f'kotba miktuba bil-Malti bħalma tagħmel Busuttil (2005) fil-ktieb *Id-Dar tal-Pupi!*. F'dan il-ktieb, l-illustrazzjonijiet jagħmluha faċli biex il-qarrejja tfal jieħdu gost jaqraw. Żahra (fi Grech, 2010) iqis l-istampi bħala ċ-ċavetta tal-fantasija li 'l quddiem tkattar fil-qarrejja l-imħabba għall-qari. Fil-fatt, jenfasizza li hija idea żbaljata li kotba miżgħuda bl-istampi huma bla valur.

In-nuqqas ta' kotba għat-tfal fis-sebgħinijiet tant ħasseb lil Żahra (fi Grech, 2010) li xtaq jibda jippubblika kotba għat-tfal. Żahra (2007: 63) jgħid li hu stess isibha diffiċli biex

jiddistingwi kotba miktuba għat-tfal u dawk għall-adulti. Id-djaru *AreYouThereGod?It'sMe, Margaret* (Blume, 1970), minkejja li nkiteb fis-sebgħinijiet, xorta baqa' jitgawda mit-tfal u l-adolexxenti snin wara. Huwa ktieb ieħor li għalkemm mhux strettament miktub fi stil ta' djarju, joħloq sentimenti ta' djarju (Top 10 Diary Books, 2021). Għaldaqstant, Blume (1970) esperimentat ftit bil-ġeneru tradizzjonali tad-djarju.

Philpot (2017: 11) induna li bosta xogħlijiet miktuba għat-tfal iħarsu lejn karattru wieħed b'tali mod li l-perspettiva tkun ta' karattru partikolari. B'konsegwenza t'hekk, il-qarrejja jingħataw l-opportunità li jesploraw esperjenzi personali u t-tifsiriet tagħhom, tifsiriet li jiffukaw fuq l-esperjenzi psikoloġiċi u soċjopsikoloġiċi ta' individwu f'dinja mistħajla. Stħarriġ ta' xogħlijiet miktuba għall-adolexxenti jinkludi: sehem iż-żgħażagħ fil-ħajja ta' kuljum, l-għaġna tal-personalità, l-emozzjonijiet, l-influwenza tal-ħbieb, il-ħajja skolastika u oħrajn. Huwa proprju għalhekk li kotba għall-adolexxenti b'xi mod jew ieħor irid ikollhom xi waħda minn dawn it-temi minsuġa fl-istorja.

Fid-djarju *I Capture the Castle* (Smith, 1999), il-protagonista hija tampar Daniel u fost it-temi li tiddiskuti f'kitbietha titkellem dwar relazzjonijiet ma' ħutha, il-lealtà u l-emozzjonijiet tal-imħabba. Temi simili jidhru wkoll f'kotba miktuba minn kittieba lokali bħal *Esperjenza Unika, Love* (Mizzi, 2015) – ktieb miktub għall-adolexxenti fejn Eliza, tfajla introverta, tagħżel li tesprimi ruħha fid-djarju rigward il-preokkupazzjoni fiżika tagħha. Temi simili jiddiskutihom Bugeja fid-djarju *Ġimgħa, Sibt u Ħadd* (2012) – djarju miktub fit-tielet persuna. In-narratur huwa omnixxenti u jagħmel parti minn grupp ta' ħbieb li hu stess josserva u jikteb dwarhom. It-temi prinċipali jduru madwar ir-relazzjonijiet u l-ħruġ taż-żgħażagħ.

Hija komuni li waqt li l-ulied ikunu qed jikbru jkollhom diżgwid mal-ġenituri. Dan il-

punt jidher kemm f'kotba bħal *X'Aħna Smart!* (Lughermo, 2015) kif ukoll fi djarji bħal *Dear Nobody* (Berlie, 1991). Matul is-seklu 20, kwistjonijiet relatati mat-tqala tal-adolexxenti bdew isibu posthom fil-letteratura. It-tqala fl-adolexxenza tħalli impatt fuq l-istudenti, speċjalment fuq is-suċċess akkademiku (Mpanza, 2012: 56). Il-protagonista fid-djarju *Dear Nobody* (Berlie, 1991), Helen, tintebaħ li qed tistenna tarbija mill-maħbub tagħha Chris – student tamparha. Minkejja l-inċertezza tagħha, Helen tkun determinata li żżomm it-tarbija. B'hekk, tibda tikteb ittra wara oħra indirizzati lit-tarbija f'ġufha (Books For Adolescents - Dear Nobody by Berlie Doherty, 1994: 327). Għalhekk, ħajjet Helen tkun narrata permezz tal-ittri indirizzati lil 'Dear Nobody'. Dan in-nuqqas ta' identità juri l-bżonn li ħasset li tixtieq tikkomunika imma fl-istess ħin ma tafx lil min għandha tindirizza (For older readers, 1992: 726).

Huwa interessanti kif minkejja s-similaritajiet li jidhru bejn id-djarju ta' Anne Frank u ta' Daniel Tusa, għall-kuntrarju ta' Daniel, Anne tindirizza d-djarju lil Kitty – ħabiba immaġinarja li ħolqitha, probabbilment sforz is-solitudni li kellha (Dear Kitty, 2018: 77-78). Kienet tindirizzaha b'modi differenti, pereżempju "Dearest Kitty" (Frank, 2003: 32) u "Dear Kitty" (Frank, 2003: 194). Dan il-ktieb, minkejja li ġie ppubblikat bil-għan li jintlaqat l-iktar mill-adolexxenti, fil-verità huwa djarju li jista' jinqara mill-adulti. L-istess jista' jingħad għal *Z for Zachariah* (O'Brien, 1998), għaliex f'kitbietha, Ann – tfajla li tibqa' ħajja wara attakk nukleari, jirnexxilha toħloq suspans u ansjetà għaliex tintroduċi l-idea li jista' jkun hemm attakk nukleari ieħor.

Kultant, il-ġeneru tad-djarju jista' jintrabat mill-qrib ma' elementi oħra. L-imħabba lejn il-kitba għat-tfal wasslet lil Casha biex jamalgama s-seħer tal-istejjer mat-taħriġ meta kiteb is-sensiela ta' *Mid-Djarji ta' Stefan u Marika* (Casha, 2001) u *Mid-Djarji ta' Lara u*

*Robert* (Casha, 2002). Fihom, il-protagonisti jżommu djarju u kull silta li jiktbu jkun hemm taħriġ marbut magħha, mistoqsijiet dwar dan it-tagħrif, kif ukoll attivitajiet u diskussjonijiet.

## 1.7 Xi xogħlijiet letterarji marbuta mal-edukazzjoni

Xi xogħlijiet lokali u internazzjonali jistgħu jiġu analizzati għall-mod kif jinkludu l-qasam edukattiv: rappreżentazzjoni tal-għalliema, studenti, skejjel u sistemi edukattivi.

### *1.7.1 Rappreżentazzjoni tal-għalliema f'xi xogħlijiet internazzjonali*

Ir-rappreżentazzjoni tal-għalliema fil-letteratura hija waħda minima (Attard, 2009: 1). Wellek u Warren (1985) jgħidu li wieħed jista' jew janalizza l-valur letterarju, jew inkella jaqra dawn ix-xogħlijiet bħala dokumenti soċjali, għaliex il-letteratura tintrabat mal-kultura li tissawwar fiha.

Dalton (2013: 78) jemmen li l-pubbliku jaqsam lill-għalliema f'żewġ kategoriji: it-tajbin li jibnu relazzjonijiet mal-istudenti, u dawk li jidħlu fil-klassi biss biex jgħallmu. Barra minn hekk, l-għalliema 'tajbin' iħejju l-lezzjonijiet li fihom l-istudenti jitgħallmu bl-aħjar mod possibbli (Dalton, 1995: 23-44). Punt interessanti huwa li ħafna drabi l-immaġni ta' għalliema dedikata tkun mara u l-għalliema l-'ħżiena' jkunu deskritti bħala kattivi u manipulattivi sforz is-superjorità (Gregory, 2007: 7-27).

Vandermeersche, Soetaert, u Rutten (2013: 90) pruvaw jesploraw l-isterjotipi marbuta mal-idea tal-għalliema bħala superteacher; l-idea li l-għalliema trid tkun perfetta. Fil-fatt, Xuereb Dingli (2012: i) tgħid li l-għalliema jkollhom pressjoni soċjali biex kuljum iġibu ruħhom kif mistenni. Farhi (1999: 158) jemmen li din l-immaġni f'xogħlijiet letterarji hija r-raġuni għall-isterjotipi negattivi fuq il-professjoni tal-għalliema. Il-kwalitajiet mogħtija lill-għalliema fi wħud mix-xogħlijiet tant ma jkunux realistiċi li ħafna drabi fir-realtà ebda

student ma jkollu edukaturi li jħaddnu dawk il-karatteristiċi. Fil-film *Like Stars on Earth* (Khan, 2007), għalliem partikolari jirnexxilu jinduna x'inhi r-raġuni għar-ribelljoni ta' student partikolari. L-imħabba lejn is-suġġett u lejn l-istudenti tidher fil-film *Dead Poets Society* (Weir, 1989) għaliex l-għalliem jipprova jrawwem l-imħabba għal-letteratura. Minkejja li dawn mhumiex sitwazzjonijiet impossibbli, sfortunatament mhux kull student ikun fortunat li jsib għalliema bl-istess kwalitajiet.

Xogħlijiet differenti juru realtajiet differenti. Is-soċjetà diskussa fix-xogħol ta' Lijun u Xiangshu (2018) hija waħda fejn il-professjoni ta' għalliema hija rispettata ħafna. Fiċ-Ċina hemm frażi popolari li turi kemm l-għalliema huma meqjusa importanti: "He who teaches me for one day is my father for life" (Yau, 2015: 309). Madanakollu, Lijun u Xiangshu (2018: 184) jgħidu li x-xbihat pożittivi tal-għalliema ppreżentati fl-aħħar tas-sebgħinijiet, kienu jiġu moħbija mit-tfal, probabbli bil-għan li l-istudenti minn età żgħira ma jkollhomx rispett lejn l-edukaturi. Ir-Rivoluzzjoni Kulturali li ġrat fiċ-Ċina bejn l-1966 u l-1976 iddominat is-settur edukattiv għaliex bosta għalliema kienu rredikolati u wħud minnhom maqtula (Kraus, 2012: 14).

Lijun u Xiangshu (2018: 78) janalizzaw episodju mir-rakkont *Schoolgirl JiaMei's Story* ta' Qin Wenjun (1993/2018) waqt li l-istudenti jitkellmu bejniethom. Bosta ddeskrivew l-atmosfera tal-klassi maħluqa mill-għalliema bħala kamp tal-konċentrament għaliex kienet tmexxihom taħt dixxiplina stretta. Matul l-analiżi tal-kotba tat-tfal Tajwaniżi ppubblikati bejn l-1960 u l-2012, Yau (2015: 321-21) innutat li spikkat ir-rappreżentazzjoni pożittiva tal-għalliema kif ukoll il-metafora tal-annimali. Zhang et al. (2009) jagħtu l-eżempju ta' xogħol fejn l-għalliem huwa mqabbel mal-ors kbir u l-istudent huwa l-volpi. It-tqabbil mal-annimali jseħħ bil-għan li l-għalliema jiġu mogħtija karatteristiċi bħal: saħħa, poter, ġentilezza,

sensittività u determinazzjoni.

Il-preżentazzjoni tal-għalliema tidher ukoll f'xogħlijiet bħal *The History Boys* (Bennett, 2006). Il-karattri ewlenin huma Hector, Irvin u s-surmast. Hector u Irvin huma żewġ għalliema bi stili akkademiċi differenti. Hector iħaddan filosofija tat-tagħlim li tmur lil hinn mill-edukazzjoni formali. Għall-kuntrarju, il-filosofija ta' Irvin tiffoka biss fuq li tħejji lill-istudenti għas-suċċess akkademiku. L-ironija tidher hekk kif is-surmast jagħżel li juri nuqqas ta' rispett lejn Hector għas-sempliċi raġuni li l-pedagoġija tiegħu kienet maħkuma mill-ispirazzjoni (Vandermeersche, Soetaert & Rutten, 2013: 94).

Irvin u Hector jintrabtu mal-immaġni tal-għalliema li sabu Barone, Meyerson u Mallette (1995) waqt analiżi ta' varjetà ta' testi, films, wirjiet televiżivi u kotba ppubblikati bejn l-1950 u l-1990 fl-Istati Uniti. Minn din l-analiżi spikkaw żewġ tipi ta' għalliema – tradizzjonali u progressivi, bl-iktar għalliema rispettati kienu dawk sensittivi għall-bżonnijiet tal-istudenti filwaqt li l-inqas rispettati kienu dawk li jużaw dixxiplina stretta.

### *1.7.2 Rappreżentazzjoni tal-istudenti f'xi xogħlijiet internazzjonali*

L-istudenti jagħmlu parti mir-realtà edukattiva u għaldaqstant is-sehem tagħhom f'xogħlijiet letterarji huwa importanti. Permezz ta' kitbietha, Malala (Yousafzai, 2018) tipprova tqajjem kuxjenza dwar kemm l-istudenti Pakistani, speċjalment dawk bniet, huma mċaħħda mill-edukazzjoni. Xogħolha huwa rappreżentazzjoni ta' studenta favur l-attiviżmu fil-pubbliku, partikolarment fejn jikkonċerna l-edukazzjoni u l-emanċipazzjoni tal-mara (Smithsonian, 2020: 302). Fiż-żmien li għexet fih hi kien hemm gwerra għaddejja bejn it-Talibani u l-Pakistani bil-konsegwenza li ħafna spiċċaw refuġjati (Smithsonian, 2020: 301). Permezz tad-djarju riflessiv, Malala twassal il-messaġġ li l-istudenti jesprimu ruħhom u mhux ikunu pupazzi kkontrollati mis-soċjetà.

Xogħol simili huwa dak ta' El Saadawi (2016), miktub minn tifla ta' għaxar snin li tkun maħkuma minn ċerti biżgħat għaliex hija mara. Fis-snin 70, xi soċjetajiet Għarab bħas-Sirja u l-Arabja Sawdija, kienu mmanifestati mill-oppressjoni, mill-isfruttament u l-pressjonijiet, speċjalment fuq in-nisa (Al-Omari, 2008: 106). L-awtriċi esprimiet ħajjitha permezz ta' kitba awtobijografika bħala studenta li ġiet ikkundannata talli kitbet dak li tħoss. El Saadawi (2016: 9) temmen li: "The influence El Saadawi's pen and paper has reached beyond the range of any weapon as she penetrates the minds of her readers". Dan għaliex meta xogħolha ġie apprezzat, il-qarrejja indunaw li dak kollu li nkiteb kien sforz l-oppressjoni tal-kultura tagħha.

Għall-kuntrarju, għalliem partikolari fil-ktieb *Schoolgirl Jia* ta' Quin Wenjun (1993/2018), xtaq li l-istudenti jipprattikaw l-awtonomija. Hawnhekk tispikka l-armonija bejn l-istudenti u l-għalliem għaliex l-istudenti jiġu ttrattati bħala individwi u mhux numru (Lijun & Xiangshu, 2018). Edukazzjoni inklussiva tilqa' fi ħdanha kull student, inkluż dawk bi bżonnijiet varji, però, xogħlijiet letterarji li jinkludu għalliema u studenti bi bżonnijiet differenti huma minimi (Bi & Fang, 2020: 188). Huwa proprju għalhekk li x-xogħol ta' Hu (2014) spikka tant li spiċċa parti mill-antoloġija ta' xogħlijiet li rebħu l-premju 'Bing Xin 2014' għal Awturi Ġodda tal-Letteratura tat-Tfal fiċ-Ċina. Fih iwassal il-messaġġ li xogħol bi studenti u għalliema bi bżonnijiet varji xorta huwa tajjeb.

### *1.7.3 Rappreżentazzjoni tal-iskejjel u s-sistema edukattiva f'xi xogħlijiet internazzjonali*

Vandermeersche, Soetaert u Rutten (2013: 91) jemmnu li dak kollu li jaraw u jaqraw it-tfal jista' jaffettwa l-perspettiva tagħhom, fosthom fuq id-diversi sistemi edukattivi li jeżistu. L-għan tad-dramm *The History Boys* (Bennett, 2006) kien li titqajjem kuxjenza dwar il-bidliet li kienu qed isiru fis-sistema edukattiva taħt il-ħakma ta' Margret Thatcher fit-tmeninijiet. Jissemmew żewġ sistemi differenti: "The modern technique that depends on

grand narratives and that of the postmodern that depends on performativity and productivity" (Bregović, 2013: 1). L-għalliem Hector u s-surmast jinkorporaw naħat estremi: is-surmast jemmen li l-milja tal-edukazzjoni tintlaħaq malli l-istudenti jsibu ruħhom l-università, u Hector jemmen li l-edukazzjoni hija iktar mifruxa.

Għal bosta snin f'ħafna pajjiżi, l-edukazzjoni kienet iddominata mill-irġiel (Jones, 2011: 1). Ix-xogħol ta' El Saadawi (2016) jipproġetta l-edukazzjoni istituzzjonalizzata billi jiffoka fuq tliet ġenerazzjonijiet differenti; kull ġenerazzjoni tippreżenta sistema edukattiva differenti. L-awtobijografija tagħha tattribwixxiha lil tfajla bl-isem ta' Souad. Fir-rakkont, ommha tistqarr magħha li meta kienet għadha żagħżugħa xtaqet li tkompli tistudja imma missierha ma ħallihiex għaliex kien jemmen li malli tfajla tagħlaq 15-il sena postha ma kienx iktar l-iskola. Għaldaqstant, ommha tgħaddilha l-messaġġ li tridha tagħmel ħilitha biex ma tkunx bħalha (El Saadawi, 2016: 14).

Id-determinazzjoni li għadditilha ommha użatha billi rnexxielha tippubblika xogħolha. Madanakollu, xorta tammetti li: "Much early talent is lost because of old, wornout educational institutions and customs, just as Souad's talent was lost" (El Saadawi, 2016: 26). Ħafna drabi s-suċċess akkademiku jistrieħ ħafna fuq il-memorja u tagħlim bl-amment, u mhux fuq l-għarfien tal-istudenti. Dan tixhdu El Saadawi meta l-għalliema tal-protagonista li ħolqot tgħidilha "It is not important you understand: just memorise it" (p. 100).

Mill-analiżi tax-xogħlijiet imsemmija f'din it-taqsima jidher li b'mod ġenerali l-għalliema huma mpittra bħala 'perfetti'. Ir-rappreżentazzjoni tal-istudenti, l-iskejjel u s-sistemi edukattivi ħafna drabi sseħħ bil-għan li jitwassal il-messaġġ kemm għal żmien twil kienu ddominati mill-irġiel u l-metodi użati fl-edukazzjoni jkunu immirati biss biex l-istudenti jeċċelleraw akkademikament.

### *1.7.4 Ir-rappreżentazzjoni tal-għalliema f'xi xogħlijiet lokali*

Matul l-analiżi ta' bosta xogħlijiet letterarji Maltin, Attard (2009) tinduna li jispikkaw tliet temi fil-professjoni tal-għalliema: l-identità u d-diffikultajiet tal-għalliema, u l-qasma li tinħass fil-letteratura Maltija bejn it-teorija u l-prattika. L-għan ta' Attard kien proprju li tara kif l-għalliema huma rrappreżentati f'xogħlijiet partikolari. Minkejja li l-karattri huma frott l-immaġinazzjoni tal-kittieb, Attard (2009: 2) temmen li fil-verità huma maskri soċjali ta' żminijiet partikolari: ideat tal-pubbliku fuq l-għalliema. Għall-analiżi tagħha, Attard (2009: 3) għażlet xogħlijiet ta' ġeneri differenti.

L-awturi ta' wħud minnhom huma għalliema stess. B'hekk, minkejja li s-sitwazzjonijiet huma fittizji, jinbnew fuq esperjenzi reali. Allura, il-qarrejja jieħdu idea ta' x'toffri r-realtà li tkun għalliem/a, waqt li oħrajn li jkunu konxji li l-awturi huma edukaturi jintebħu li kultant ċerti ideat tal-pubbliku – bħal li l-għalliema għandhom sajf sħiħ vaganzi, jaħdmu ħinijiet qosra u xogħolhom huwa faċli – huma kollha gideb.

Bosta kittieba akkademiċi jorbtu x-xogħol ta' għalliema mal-figura femminili (Cutajar, 2001; Camilleri Grima & Mallia, 2002; Bezzina & Portelli, 2005; Zammit Marmara, 2006). Bezzina & Portelli (2005: 8-22) jemmnu wkoll li l-isterjotipi kulturali jinħassu l-aktar għaliex is-soċjetà tħares lejn il-professjoni tal-għalliema bħala dik li tintrabat man-nisa. Madanakollu, Attard (2009) innutat li f'bosta xogħlijiet letterarji jiġu msemmija ammonti kbar ta' għalliema rġiel. Fir-rumanz *Is-Surmast*, in-narratur jispeċifika l-fatt li Miss Buhagiar "[k]ienet għalliema waħdanija m'erbatax-il raġel" (Żahra, 1973: 81). Fin-novella 'Pizzi-Pizzi-Kanna' (Żahra, 1981) iż-żewġ għalliema li jissemmew b'isimhom u s-surmast, ukoll kienu rġiel.

Permezz tas-satira, f'*Is-Surmast*, Żahra (1973) iqajjem bosta temi: in-nuqqas ta'

rikonoxximent tal-edukaturi ("L-għalliema li tul il-vaganzi kollha dawru wiċċhom in-naħa l-oħra kull meta għaddew minn quddiemha, issa resqu ħerqanin biex jiġbru dak l-envelop flus ta' xejn"); in-nuqqas ta' mġiba ideali mill-istudenti ("Min kien se jissaporti quddiemu żewġ tużżani tfal li, bla ma jridu jtaqqbulek moħħok, ma jħallukx tgħallimhom, ma jħallukx tedukahom...jew joqogħdu siktin juruk li l-kliem tiegħek minn widna dieħel u mill-oħra ħiereġ?") u l-effetti psikoloġiċi ("Pillola, li fiha kemm fiha zokkor wara li tkun għamilt 30 sena teħodha ssib li għamlitlek id-deni xorta waħda. Issib li sirt tifel bħal dawk li kont tgħallem") (Żahra, 1973: 42).

Sat-tmeninijiet, il-professjoni tal-għalliema kienet apprezzata ħafna mill-pubbliku. Skont Attard (2009: 25), id-deskrizzjoni li jagħti Sammut fir-rumanz *Il-Ġaġġa (*1971) tgħin lill-qarrejja jifhmu l-ideat tal-pubbliku ġenerali rigward l-għalliema fis-sittinijiet u s-sebgħinijiet: individwi dgħajfa li jagħżlu jsiru edukaturi biex ikomplu t-triq li bdew meta kienu studenti.

L-ingravata bħala ħannieqa tissimbolizza l-oppressjoni tal-għalliema li jinsabu maqbuda fil-gaġġa tas-soċjetà (Sammut, 1971: 27). Kultant l-għalliema ma jkunux mifhuma mis-soċjetà, bħalma jiġri lill-protagonista ta' 'Pizzi-Pizzi-Kanna' fil-ġabra tan-novelli soċjopolitiċi *It-8 Kontinent* ta' Żahra (1981). Attard (2009: 26) hija tal-fehma li permezz ta' dan il-protagonist, l-awtur juri kif l-għalliema jqisu lilhom infushom bħala falliment quddiem soċjetà li tkejjel l-importanza f'dawl akkademiku, filwaqt li tħalli barra l-aspetti l-oħra ħolistiċi li l-għalliema għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jiżviluppaw fl-istudenti (Ministeru tal-Edukazzjoni, 1999).

Huma ħafna l-għalliema li jinħakmu minn frustrazzjoni għaliex il-ħidma tagħhom ma tagħtix il-frott. Fix-xogħol *Sireni u Serenati* (2004) ta' Brockdorff, l-istress tal-għalliema huwa mmanifestat fl-aġir tas-Sur Bonello li "[k]ien ipetpet għajnejh ta' spiss, waqt li kellu d-

drawwa li l-jum kollu bil-maktur abjad mitwi f'idu l-leminija jimsaħ ħalqu kull ftit minuti" (p. 89). Fil-kitba tagħha, l-awtriċi ssemmi wkoll ir-raġunijiet għal din l-ansjetà:

> U kellu biex ikun nervuż, għax dawk il-mniegħel ta' subien kienu qabdu waħda miegħu u għamlulu ħajtu miżerja. [...] Barra li kienu jisfidawh u jgħadduh biż-żmien f'kulma jikkmandahom fil-klassi, qabdu d-drawwa li jippersegwitawh b'mod li kienu jifnuh. (Brockdorff, 2004: 89).

Biex jiksbu l-potenzjal tagħhom, l-għalliema għandhom bżonn jaħdmu f'ambjent skolastiku li hu kreattiv u flessibbli, u l-akbar influwenza hija l-kap (DfES, 2002: 26). Però huwa importanti li ħadd ma jabbuża mill-poter, bil-konsegwenza li jbatu l-istudenti kif ukoll l-għalliema. F'*Matilda* (1988), Dahl ħoloq il-karattru ta' Miss Honey li mill-ewwel jiġbed simpatija, anke mill-assoċjazzjoni ta' kunjomha, għaliex mill-ewwel jindika l-karattru simpatiku tagħha. Anke d-deskrizzjoni tagħha tindika l-karatteristiċi ħelwin:

> She had a lovely pale oval madonna face with blue eyes and her hair was light-brown. Her body was so slim and fragile one got the feeling that if she fell over she would smash into a thousand pieces, like a porcelain figure. (Dahl, 1988: 5).

Miss Honey hija għalliema li xtaqet tkun għalliema ideali, mhux biss akkademikament imma anke billi tkun t'għajnuna għal Matilda – il-karattru prinċipali li kellha diversi problemi familjari imma fl-istess ħin kienet intelliġenti (Dahl, 1988: 72). Minkejja d-determinazzjoni tagħha li tgħin lill-istudenti akkost ta' kollox, Miss Honey kienet imwerwra mill-kap tal-iskola – Miss Trunchbull – għaliex mal-iċken ħaġa kienet tinfexx magħha (Dahl, 1988: 65). Madanakollu, xorta jirnexxilha taqbeż għal Matilda. Għaldaqstant, għalliema li jaqraw xogħol bħal dan iqawwu qalbhom biex anke jekk imorru kontra ta' fuqhom, ma jiddejqux jagħmlu

dak li huwa ġust.

### *1.7.5 Rappreżentazzjoni tal-istudenti f'xi xogħlijiet lokali*

Sultana (1997: 87-118) jemmen li s-sistema edukattiva Maltija għandha bosta karatteristiċi ta' banking education. Attard (2009: 39) isemmi l-eżempju mid-dramm *Il-Ġaħanta'Binġemma* (1985) ta' Ebejer fejn il-karattru prinċipali jistqarr ma' ommu: "Jien għandi ħabta nimmemorizzahom il-kotba. Fejn m'għallmuniex naħsbu b'rasna, almenu tgħallimna nimmemorizzaw" (p. 83). Hawnhekk naraw karattru tipiku ta' student li ġie influwenzat min-norma li l-memorja hija ċ-ċavetta għas-suċċess akkademiku.

Il-kunċett ta' banking system ħareġ bih Freire (2000: 12) u jikkritika b'mod qawwi kull sistema edukattiva li fiha l-istudenti ma jkollhomx ċans jikbru jekk mhux akkademikament. Il-konsegwenza ta' sistema bħal din twassal biex studenti ma jirnexxilhomx jieħdu dak kollu li jistgħu mill-edukazzjoni għaliex l-istudju jkun biss biex sempliċement jgħaddu mill-eżamijiet. Fil-verità, sistema edukattiva tajba tkun waħda li tinfiltra sew fl-istudenti biex tgħinhom matul ħajjithom, anke lil hinn mill-bankijiet tal-iskola.

F'xogħlijiet oħra, l-istudenti huma ppreżentati bħala individwi maħkuma mill-apatija bil-konsegwenza li joħolqu atmosfera stressanti għall-għalliem. Fir-rumanz *Is-Surmast* (1973: 42), permezz ta' din it-tingiża satirika, Żahra jippreżenta klassi ta' tfal imqarbin li donnhom jagħmlu għal tal-apposta biex itellfu. Dan jista' jseħħ għal diversi raġunijiet: mhux interessati fit-tagħlim, għandhom xi problemi li mhux iħalluhom jikkonċentraw fil-klassi, u jista' jkun li l-għalliem stess ma jkunx qed jagħmel il-lezzjoni interessanti biżżejjed.

Madanakollu, kultant l-istudenti jsiru vittmi tal-aspettattivi soċjali u tal-kultura tal-iskola tagħhom. Fix-xogħol *Ħadd Wara Ħadd* (2007) ta' Vella, l-istudenti stess kienu konxji bid-distakk li hemm bejn dawk li jridu jitgħallmu u dawk li ma jridux: "It-tfal li ma jridux jafu

bi skola kienu jħarsu lejn dawk il-magħżulin bħala l-imfissda tas-surmast" (p. 16). Fil-fatt, Fenech (2002) jgħid li dawk l-istudenti b'alternative school culture jispiċċaw biex jitwarrbu jekk l-għalliema tagħhom ikejlu l-effiċjenza professjonali tagħhom skont is-suċċess akkademiku. Din hija forma ta' inġustizzja għaliex is-suċċess fil-ħajja ma jiddependix biss fuq l-edukazzjoni formali. Għaldaqstant, hemm bżonn li jkun hemm riforma fil-mentalità tal-edukaturi kif ukoll fis-sistemi edukattivi biex l-edukazzjoni tgħin lill-istudenti għal ħajjithom.

### *1.7.6 Rappreżentazzjoni tal-iskejjel u s-sistema edukattiva f'xi xogħlijiet lokali*

Skont Borg u Mayo (2006), il-pedagoġija ppreferuta f'Malta hija dik ibbażata fuq il-kunċett ta' banking education. Bosta studjużi (Roberts, 2016: 51) jemmnu li sistemi edukattivi alternattivi huma ferm aħjar mill-istreaming. Il-fatt li l-letteratura Maltija tqis it-taħlit tal-abbiltajiet bħala problema kbira għall-għalliema, bħal ngħidu aħna f''Pizzi-Pizza-Kanna' (1981) ta' Żahra, turi kemm is-sistema kellha tinbidel. Skont Attard (2009: 39), din in-novella tikkritika s-sistema edukattiva tas-sebgħinijiet billi turi kemm l-għalliema ma kinux ippreparati għar-riforma tat-tneħħija tal-eżamijiet. Is-silta tpinġi lill-għalliem bħala bniedem dgħajjef li ma jista' jagħmel xejn. Skont Attard (2009: 38) il-letteratura Maltija toffri indikazzjonijiet ta' kif il-libertà tal-għalliema tiġi affettwata sforz ir-realtà ta' madwarha. F'*Sireni u Serenati* (2004), ambjentat fi żmien it-taqlib soċjali minħabba t-Tieni Gwerra Dinjija, Brockdorff turi kif l-għalliema u l-istudenti kellhom ibatu l-konsegwenzi għaliex kulħadd kellu jaddatta għall-ispazju u r-riżorsi umani disponibbli f'dak il-perjodu.

Xena mid-dramm *Il-Ġaħan ta' Binġemma* ta' Ebejer (1985) ukoll tindirizza l-oppressjoni li jesperjenzaw l-istudenti u l-għalliema li ma għandhomx l-istess kapital kulturali li jirċievu l-iskola. It-terminu kapital kulturali ħareġ bih Bourdieu (1977) għaliex jemmen li l-iskejjel jippremjaw lill-istudenti skont il-bażi kulturali li jiġu bih, bil-konsegwenza li kultant

jippreferu lil dawk li għandhom sfond kulturali b'saħħtu. Dan jidher fix-xogħol ta' Ebejer (1985) hekk kif l-għalliem jistaqsi lil Richard biex jirrepeti warajh imma l-istudent ma jkunx jista' jirrepeti perfettament dak li jgħidlu l-għalliem:

**Għalliema**: Isa, Richard, għid warajja. (Tkanta) "Twinkle twinkle, Little Star" ...

**Tfajjel**: Winki winki tittil sta ...

**Għalliema**: "How I wonder what you are" ...

**Tfajjel**: Haqqawanda atti żar ... (pp. 71-73)

Din ix-xena tikkritika l-pressjoni li jkollhom l-għalliema biex jiffukaw l-isforzi pedagoġiċi tagħhom fuq il-kontenut, aktar milli jaddattaw il-metodi tagħhom għal studenti individwali (Attard, 2009: 40). F'din is-silta partikolari, jidher li t-tifel qed jipprova jirrepeti wara l-għalliem imma mhux jirnexxilu jirrispondi b'mod korrett. Permezz ta' siltiet bħal dawn, jiġu ppreżentati sistemi edukattivi lokali li kultant jagħmlu l-professjoni ta' għalliem iktar diffiċli. Attard (2009: 41) tgħid li r-raġuni għala l-għalliema jibqgħu msakkra fil-gaġġa li jsibu ruħhom fiha jista' jkun sforz in-nuqqas ta' riflessjoni, jew riflessjoni oppressiva li ma twassal għall-ebda azzjoni sabiex tinkiser ir-rutina.

## 1.8 L-għeluq

F'dan il-kapitlu ġew diskussi r-raġunijiet għala wara tiftix ta' varjetà ta' djarji, ġie magħżul il-ktieb *SĦMDT*. Ġiet mogħti wkoll xi ħjiel bijografiku dwar Edgar Formosa. Matul ir-riċerka li ssegwi, jiġu analizzati kemm xogħlijiet marbuta direttament mal-edukazzjoni, kif ukoll xi studji ta' kittieba li jiddefinixxu djarju u xi djarji miktuba għat-tfal u għall-adolexxenti.

Permezz tal-analiżi ta' testi letterarji u akkademiċi (lokali u internazzjonali), ġiet

ippreżentata analiżi kritika li tgħaqqad flimkien il-letteratura mar-realtà soċjali preżenti f'bosta f'xogħlijiet. F'dawn ix-xogħlijiet jiġu mistħarrġa l-attitudni u l-aspettattivi tal-pubbliku lejn l-għalliema, l-awtorità u l-imġiba tal-għalliema, l-involviment (jew in-nuqqas tiegħu) tal-istudenti fil-proċess tal-edukazzjoni u s-sistemi edukattivi differenti. Din l-analiżi serviet ta' bażi biex ikun analizzat id-djarju ta' Formosa mil-lat stilistiku u tematiku.

# It-Tieni Kapitlu:

# **Spunti metodoloġiċi tad-dissertazzjoni**

## 2.1 L-introduzzjoni

F'dan il-kapitlu se jkunu diskussi l-epistemoloġija u l-metodoloġija li fuqhom tistrieħ din ir-riċerka, fosthom il-proċess tal-ġbir tal-informazzjoni u xi kwistjonijiet etiċi. Dan il-kapitlu jingħalaq b'diskussjoni dwar xi wħud mid-diffikultajiet li tfaċċaw waqt ir-riċerka u l-kitba ta' dan l-istudju.

## 2.2 L-għan tar-riċerka

Din ir-riċerka tfittex li tanalizza l-istil, il-kuntest kulturali u t-temi li jixirfu, b'mod speċjali dawk marbuta mal-edukazzjoni u l-perjodu tal-adolexxenza fid-djarju *SĦMDT* (Formosa, 2004). Il-qari ta' xogħlijiet differenti jgħin lill-qarrejja jassimilaw l-istil u t-teknika mħaddma, u dawn isiru parti mill-bagalja kulturali tagħhom (Żahra, 2007: 5). B'hekk, fost l-oħrajn saret analiżi ta' wħud mit-tekniki li uża l-kittieb biex għaqqad il-ġeneru tradizzjonali tad-djarju ma' lehmiet stilistiċi oħra.

L-ewwel indikazzjoni kienet li l-kitba kienet se tkun spontanja (tipika tad-djarji reali), mentri l-analiżi tal-istil uriet xejra oħra għaliex ġie rivedut sa ma spiċċa ppubblikat. Il-bażi tal-kitba letterarja hija l-ħsieb, u l-ktieb jissawwar ġo moħħ il-kittieb qabel tinkiteb l-ewwel sentenza (Żahra, 2007: 3).

Ġew analizzati wkoll it-temi ewlenin tal-adolexxenza kif misjuba fir-realtà lokali fis-snin 80 tas-seklu 20. Il-ktieb ġie analizzat b'konnessjoni mar-realtà tat-tmeninijiet għaliex

Formosa rriċikla din ir-realtà f'kitba ta' djarju biex tintlaqat iktar minn sempliċement dokumentarju jew rumanz.

Biex xogħol kritiku letterarju jsir tajjeb, hemm bżonn ikunu kkunsidrati xi teoriji kritiċi. Jien u naqra test narrattiv ta' raġel fuq żagħżugħ, kelli nanalizzah mill-perspettiva Femminista għaliex kultant il-perspettiva maskili kienet qawwija, bħal b'kummenti sterjotipati mitfugħa f'fomm il-protagonist. Fernald (2006: 2) jgħid li: "Understanding the durable connection between feminism and art may help us develop a feminist literary history". Fil-fatt, Briffa (1998: 75) jemmen li huwa neċessarju li kull xogħol ikun analizzat b'lenti Femminista. Fil-każ tiegħi, l-għan kien li nara l-protagonist f'kuntest ta' żvilupp fiżiku, psikoloġiku u soċjali; ġieli wkoll f'kuntest edukattiv.

## 2.3 L-epistemoloġija u l-perspettivi tar-riċerka

L-epistemoloġija hija l-mod kif ir-realtà tinftiehem mir-riċerkatur (Waring, 2021: 16). Matul ir-riċerka, ġew addottati partijiet mit-tekniki li jintużaw f'reviżjoni sistematika tal-letteratura. Dawn ġew identifikati, magħżula, u evalwati b'mod kritiku, sabiex ġew ifformulati l-mistoqsijiet tar-riċerka. F'dan id-djarju letterarju partikolari, il-vuċi ta' ġuvni ta' madwar 15-il sena tesponi lill-qarrejja għall-esperjenzi li jaffettwaw lill-adolexxenti tamparu li jistgħu jiġu interpretati soċjoloġikament u psikoloġikament (ara Kapitlu 3).

B'filosofija epistemoloġika tal-Interpretiviżmu, wieħed jifhem li r-riċerkaturi jkunu qed jinterpretaw ir-realtà skont il-lenti li jużaw (Alharahsheh & Pius, 2020: 39-43). Fil-każ tiegħi, biex għamilt din l-analiżi ma stajtx inkun mija fil-mija oġġettiva fl-interpretazzjoni. Dan għaliex l-Interpretiviżmu jargumenta li l-verità u l-għarfien huma suġġettivi għaliex jiddependu mill-esperjenzi personali tal-individwu (Ryan, 2018: 17). B'hekk, jien u nanalizza kien hemm fatturi li inkonxjament affettwaw l-interpretazzjoni tiegħi.

O'Gorman u MacIntosh (2015) jgħidu wkoll li r-realtà u l-għarfien mhumiex oġġettivi iżda influwenzati minn dak li jiġri madwarhom. Il-karatterizzazzjoni preżentata fil-ktieb tagħti attenzjoni għal dak li jiġri fl-ambjent ta' madwar il-karattri. B'hekk, għal din ir-riċerka l-iktar metodu addattat kien proprju l-approċċ interpretattiv għaliex jekk l-istess studju jkun replikat hemm il-possibilità li jiġu nnutati punti differenti.

L-epistemoloġija tal-Interpretiviżmu hija filosofija li tattribwixxi interpretazzjoni lill-kostruzzjoni soċjali tal-individwu (Walsham, 1993: 4-5). Matul din ir-riċerka, qabbilt lili nnifsi ma' xi tfla li jkollha kemm ikollha ħamrija fertili, jekk ma jkunx hemm żerriegħa ma tinbitx. Għaldaqstant, mindu twelidt, twieldet miegħi ż-żerriegħa li bdiet tiġi kkurata permezz tal-edukazzjoni li ħadt u tal-kotba kollha li kont esposta għalihom. Tfuliti kienet ikkaratterizzata minn kotba għat-tfal, l-aktar dawk miktuba minn kittieba lokali bħal Trevor Żahra u Natalie Portelli. B'hekk, il-qari u l-esperjenzi tiegħi kienu parti integrali mit-taħtiġ tiegħi bħala riċerkatriċi, għaliex servew bħala għodda biex norbot xogħol ma' stil partikolari.

Is-sitwazzjonijiet preżenti f'kitbet Formosa nqraw minn perspettivi, teoriji u filosofija ta' sistemi edukattivi differenti. F'din ir-riċerka ġew diskussi ż-żewġ sistemi edukattivi: edukazzjoni tradizzjonali f'kuntrast ma' dik progressiva (Dewey, 1938: 526). L-edukazzjoni progressiva ġiet deskritta bħala l-iktar sistema li toffri opportunità biex l-istudenti jkollhom sehem attiv fl-edukazzjoni tagħhom.

F'din ir-riċerka ġie applikat il-proċess induttiv li jibda bil-qari ta' xogħol, jimxi għall-kategorizzazzjoni tal-informazzjoni f'temi speċifiċi sa ma jasal għal reviżjoni tal-kontenut maqsum (Thomas, 2006: 241-242). Ir-raġuni ewlenija kienet li dan il-proċess huwa addattat għal riċerki li ftit li xejn ikunu saru studji dwarhom. Għal snin twal, id-djarji ma kinux studjati għall-valur letterarju tagħhom. Fil-fatt, kien proprju Fothergill (1974): "To consider the diary

as a literary form". Il-proċess beda billi l-ewwel qrajt il-ktieb kollu. Wara niżżilt xi noti li ġew f'moħħi u fl-aħħar għaqqadt il-punti li kont niżżilt u fformulajt il-kategoriji li kienu l-bażi tal-kritika tar-riċerka.

Fl-analiżi testwali, il-kitba letterarja hija fiċ-ċentru. Studjużi u kritiċi differenti għandhom ideat varji ta' kif riċerkatur janalizza test. Xi studjużi, fosthom Barthes (1977: 147), jemmnu li: "To give a text an Author is to impose a limit on that text, to furnish it with a final signified, to close the writing". Filwaqt li studjużi bħal Barthes jemmnu għal ftit fil-kittieb, hemm dawk li jemmnu fit-test u l-limiti tiegħu (mhux il-kittieb) bħall-Formalisti Russi (Selden, 2008: 13) li fformulaw prinċipji lingwistiċi li qiesu t-test bħala awtonomu bil-mekkaniżmi tiegħu, lil hinn mill-messaġġ politiku, morali jew prodott tal-istorja privata tal-kittieb. Fi kliem ieħor, peress li ttrattaw il-letteratura bħala diskors maqtugħ minn min ħolqu, irnexxielhom jistabbilixxu metodu kritiku b'dixxiplina awtonoma (Somers, 2017: 93-115). Din il-perspettiva ntużat fir-riċerka tiegħi sabiex analizzajt xi aspetti stilistiċi fejn warrabt fil-ġenb lill-kittieb bil-bijografija u l-ideolġija tiegħu, u analizzajt biss dak li kien qed jitwassal bil-kitba.

Għall-kuntrarju, il-Kritiċi Marxisti bħal Brecht u Benjamin jaraw l-arti bħala forma ta' produzzjoni soċjali (Eagleton, 1976: 56). Dawn jemmnu li hemm bżonn tingħata importanza lill-kittieb u lil ħajtu għaliex il-kitba stess twasslek għal min sawwarha. Naqbel mal-ħsieb ta' Barthes u tal-Kritiċi Marxisti, imma nemmen ukoll li min sawwar ix-xogħol ma jistax jitwarrab kompletament għaliex huwa s-sors ewlieni li welldu. Fil-ħajja tal-kittieb ikun hemm ċerti ċirkostanzi li jinfluwenzawh b'tali mod li l-qarrej jara l-preżenza tal-kittieb f'xogħlu (Fenech, 2004: vi). Hemm min jissuġġerixxi wkoll li l-kittieb u l-intenzjoni tiegħu jinżammu f'moħħ ir-riċerkatur anke f'fażi ta' pjanar (Academic Center for Excellence, 2009: 1).

Għaldaqstant, f'din id-dissertazzjoni ppruvajt inżomm bilanċ bejn il-perspettiva Formalista u dik Marxista, għaliex meta ġejt biex nanalizza l-element kulturali, edukattiv u t-temi tal-adolexxenza, irbatt mal-esperjenzi tal-kittieb.

Id-dixxiplini li jintużaw f'analiżi letterarja jistudjaw is-suġġett minn perspettivi differenti. F'din ir-riċerka, jien għażilt li nanalizza mill-perspettivi psikoloġiċi u soċjoloġiċi flimkien. It-terminu Ingliż għalihom huwa social psychology. Baron u Branscombe (2012: 8) jgħidu li studjużi li jużaw din il-perspettiva josservaw il-fatturi li jinfluwenzaw l-imġiba tal-individwu. Matul l-analiżi kontinwament kont qed nanalizza l-aġir tal-karattri f'dawl soċjali u psikoloġiku, speċjalment fl-analiżi tat-temi tal-adolexxenti (ara Kapitlu 3). Dan ma jfissirx li kultant ma kienx hemm perspettiva li tispikka iktar, kif fil-fatt ġara fi kwistjonijiet kulturali u politiċi (ara Kapitlu 6).

Fost il-perspettivi soċjoloġiċi li evolvew matul iż-żmien, l-iktar tliet teoriji klassiċi applikabbli għal bosta xogħlijiet huma: il-Funzjonaliżmu Strutturali, l-Interazzjoni Simbolika, u t-Teorija tal-Kunflitt. Macionis (2011: 2) jiddefinixxi perspettiva soċjoloġika bħala dik li tosserva s-soċjetà bl-influwenzi tagħha. Għażilt li mmiss ma' dan l-orjentament għaliex permezz ta' kitbietu, Formosa pinġa stampa tar-realtà tal-Maltin fit-tmeninijiet.

Greene (1981: 29-45) jiddeskrivi l-perspettiva Marxista u Femminista bħala l-iktar żewġ perspettivi popolari fil-Kritika Soċjoloġika. F'din id-dissertazzjoni inkludejthom it-tnejn. Ersaqt lejn il-perspettiva Marxista, b'referenza għal Bowles u Gintis (2002), biex niddiskuti s-sitwazzjonijiet soċjali preżenti fil-ktieb u kif ħajjet il-karattri – speċjalment tal-protagonist – hija influwenzata minn fatturi soċjali, politiċi u ekonomiċi, partikolarment b'rabta mal-edukazzjoni.

Il-perspettiva Femminista b'referenza għal Niechcial (2019) u Bloom (1994) kienet

preżenti matul l-analiżi kollha għaliex ikkunsidrajt li l-kittieb u l-protagonist huma rġiel. B'hekk, kont qed nanalizza mill-perspettiva ta' mara, speċjalment f'okkorrenzi li xi karattri bdew juru fuq sterjotipi ta' sess partikolari. Matul ir-rakkont, il-protagonist juri x-xewqa għal iktar libertà – punt ieħor li jirrifletti stadji li adolexxenti tamparu jesperjenzaw.

Kultant jinħakem minn attitudnijiet kunfliġġenti biex jingħoġob. Proprju għalhekk l-iktar perspettiva li addottajt tersaq iktar lejn dik psikoloġika – b'referenza għal Berger (2018), Elkind (1967), Sullivan (1963), Erikson (1968) u Loevinger (1990), speċjalment fit-tielet kapitlu. Il-letteratura u l-psikoloġija, daqskemm huma differenti huma simili. Għaldaqstant, l-għan tiegħi kien li nħares lejn il-protagonist bħala pazjent – idea li ntużat minn Nappa (2020: 2). Waqt li nosserva l-mogħdija tal-ħajja tal-karattru ridt inżomm f'moħħi li xi esperjenzi li jgħaddi minnhom, speċjalment dawk tipiċi tal-adolexxenti, setgħu affettwaw id-deċiżjonijiet tiegħu.

## 2.4 Il-kritika letterarja

Din ir-riċerka ħaddmet l-analiżi stilistika u tematika. Analiżi testwali huwa terminu li jirreferi għal xogħlijiet b'metodoloġiji varji (Given, 2008: 865). Madanakollu, il-proċess tal-analiżi ma jinkludix biss qari. Fil-fatt, Cohen et al. (2007: 369) jisħqu li biex analiżi ssir b'mod sħiħ irid li jkun hemm qari bir-reqqa tal-kontenut u ġudizzju mill-qarrejja sabiex titfassal l-interpretazzjoni tal-informazzjoni preżentata. B'hekk kien neċessarju li jsiru qari u analiżi profondi biex permezz tal-kitba jinkixfu r-realtajiet li għaddew minnhom studenti tampar il-protagonist li għexu fl-istess żminijiet.

Briffa (1998) jistqarr li l-kritika letterarja daħlet fl-industrija tal-kultura tagħna. Hu jqis il-kritiku bħala medjatur, għaliex permezz tat-tgħarbil ta' test letterarju, il-qarrejja jaslu jifhmu iktar ix-xogħol letterarju u anke jifhmu ftit mill-ħsieb li jkun fassal dak ix-xogħol (L-

Akkademja tal-Malti, 2021). L-analiżi tiegħi kienet waħda letterarja, b'dell kulturali. B'hekk, fiha sar stħarriġ tal-istil, tal-karattri, u tal-vokabularju fost l-oħrajn, l-aktar b'rabta mal-qasam edukattiv.

L-istudji, l-artikli u l-kotba akkademiċi li fittixt matul ir-riċerka servew bħala sostenn importanti għall-istudju. Għal din ir-raġuni partikolari, importanti ħafna li r-riċerkaturi jagħżlu liema testi jikkonsultaw. Fil-fatt, Altick u Fenstermaker (1993: 31) jgħidu li kultant ir-riċerkaturi l-ġodda jsibuha bi tqila biex jagħżlu sorsi tajbin. Biex tiġi eliminata din il-possibilità, użajt kemm jista' jkun sorsi awtorevoli. Madanakollu, dan ma jfissirx li ma għamiltx konsultazzjoni ta' artikli, kotba, kif ukoll siti, li fl-opinjoni tiegħi kellhom relevanza għas-suġġett u kienu ta' kwalità tajba.

Mill-banda l-oħra, l-istil ġie analizzat skont xi prinċipji tal-Formaliżmu Russu ul-Istrutturaliżmu. Il-Formaliżmu Russu huwa moviment kritiku li jistħarreġ il-komponenti tekniċi u stilistiċi ta' xogħol letterarju. Il-Formaliżmu Russu jenfasizza dwar l-importanza tal-forma distinta mill-kontenut, b'tali mod li x-xogħol jinqasam f'partijiet żgħar biex tingħata importanza lil kull biċċa (Bennett & Royle, 2004: 291). Dan il-moviment jintrabat l-iktar ma' kritiċi Russi, fosthom Jakobson, Shlovsky u Mukarovsky, u bl-ebda mod ma riedu jagħmlu referenza għall-isfond tal-kittieb (Kalinin, 2017: 342).

Il-Formaliżmu Russu u l-Istrutturaliżmu jimxu id f'id għaliex it-tnejn jiffukkaw fuq l-istruttura ta' test partikolari. Id-differenza ewlenija bejniethom hija li l-Istrutturaliżmu jgħaqqad ix-xogħol ta' awtur partikolari ma' xogħlijiet ta' strutturi simili, filwaqt li l-Formaliżmu janalizza xogħol wieħed. Distinzjoni oħra hija li l-Formaliżmu jiffoka fuq it-tifsira tat-test partikolari, pereżempju billi janalizza l-ironija, is-simboli u l-paradossi; għall-kuntrarju, l-Istrutturaliżmu jiffoka iktar fuq il-lingwa bħala sistema ta' sinjali – terminu li

ħareġ bih de Saussure li kien il-moħħ wara l-istudji strutturali tal-lingwa (Flecha et al., 2001: 30-35).

Għaldaqstant, fil-parti tal-analiżi tematika u l-kapitli li jiffukaw fuq il-qasam edukattiv u kulturali tajt importanza għall-isfond tal-kittieb. Għall-kuntrarju, fl-analiżi tal-istil analizzajt biss kif huwa ppreżentat l-istil tad-djarju. Barra minn hekk, jien u nanalizza, kontinwament bdejt inqabbel ix-xogħol ta' Formosa ma' xogħlijiet oħra bi strutturi simili, għaliex minkejja li l-kittieb u l-esperjenzi twarrbu fil-ġenb għal mument, xorta bdejt inżomm f'moħħi li kull ħaġa li jipproduċi individwu għandha struttura u funzjoni.

## 2.5 Xi aspetti narratoloġiċi

F'din id-dissertazzjoni, minkejja li l-bażi kienet il-kritika letterarja, kien hemm preżenti wkoll aspetti narratoloġiċi. Filwaqt li għal żmien twil l-istudju narrattiv kien popolari, ir-riċerka narrattiva bdiet titqies bħala metodoloġija fit-tmeninijiet – iż-żmien li huwa ambjentat fih il-ktieb *SĦMDT*. Maż-żmien, il-kontribuzzjoni ta' din ir-riċerka ntrabtet mal-istituzzjoni edukattiva. Casey (1995: 239) temmen li r-riċerka tan-narrattiva l-ġdida ġabet bidla radikali fil-qasam edukattiv. Madanakollu, xorta għad hemm ħafna għalliema li l-esperjenzi tagħhom għadhom ma ġewx mogħtija vuċi.

Punt interessanti li qajmet Casey (1995: 240) kien meta qabblet ir-riċerka narrattiva f'kuntest edukattiv bħala opportunità biex dak li jkun isemma' leħnu. Formosa, bħala għalliem, b'kitbietu ried jiddokumenta r-realtajiet soċjali u skolastiċi li kienu preżenti fis-snin 80. Il-protagonist qed jirrappreżenta lill-kittieb stess. Lumsden (2018) tgħid li l-għarfien narrattiv jinbena permezz tal-esperjenzi tan-nies u t-tifsiriet li jagħtuhom. B'hekk, dan il-metodu kien ideali fl-analiżi tal-ħajja u l-imġiba tal-protagonist imsawra minn emozzjonijiet u sentimenti, kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu man-nies ta' madwaru.

## 2.6 Xi lehmietetiċi

Il-ktieb *SĦMDT* ġie miktub u ppubblikat darba biss, fl-2004, u minn dakinhar ma saru ebda edizzjonijiet oħra. Kien disponibbli f'bosta pubblikazzjonijiet lokali, allura ma kienx hemm problemi sabiex akkwistajtu. Għal din ir-riċerka ma nġabret ebda informazzjoni minn informanti. B'hekk, qabel ma beda l-proċess tal-informazzjoni meħtieġ tar-riċerka ma kienx hemm bżonn li tingħata l-approvazzjoni mill-Bord tal-Etika biex isiru l-intervisti. Għalhekk, il-permess ħareġ immedjatament wara li wettaqt il-proċedura tal-applikazzjoni b'mod mill-iktar responsabbli.

Mill-informazzjoni li akkwistajt qabel ma bdejt l-analiżi, intbaħt li qatt ma sar studju delikat u dettaljat fuq dan il-ktieb, bħalma huwa xogħol ta' dissertazzjoni. Dan ma jfissirx li qatt ma saru intervisti lill-kittieb jew xi reċensjoni fuq il-ktieb, bħal intervisti u diskussjonijiet fuq it-televiżjoni; pereżempju fi 'Guernica' – programm kulturali fuq l-istazzjon 'Education 22', u r-radju bħal fi 'Il-Ktieb tal-Ġimgħa' – programm ta' kull ġimgħa fuq l-RTK (2005), kif ukoll ġieli kien mistieden ukoll f'xi fieri, imma ħadd ma ta importanza daqskemm ingħatat f'din ir-riċerka.

Kien importanti li l-informazzjoni li nanalizza u niġbor tkun iffukata. It-terminu 'fokalizzazzjoni' ħareġ bih Genette (1980: 186) u jirreferi għall-perspettiva li biha tiġi ppreżentata n-narrattiva. Philpot (2017: 11, 18) isemmi wkoll il-fokalizzazzjoni tal-karattri li jiddefinixxiha bħala kunċett jew qafas li jippermetti lill-qarrejja jesploraw esperjenzi personali li jistgħu jkunu wkoll mistħajla kif ukoll jagħtu tifsiriet psikoloġiċi jew soċjopsikoloġiċi lill-karattri biex jorbtuhom mar-realtà. Fil-każ tiegħi, minkejja li użajt dawn iż-żewġ perspettivi, irbatt kollox f'relazzjoni mal-edukazzjoni. Ikun hemm kemm ikun hemm ideat oriġinali u plott inġenjuż, trid tkun is-saħħa tal-karattri li timbotta l-istorja. Ħafna

kittieba jistqarru li jibnu l-karattri fuq persuni reali (Żahra, 2007: 29). Għaldaqstant, kien essenzjali li jien u nanalizza nżomm f'moħħi li biex sawwar lill-karattri ħa karatteristiċi minn persuni differenti u għaġinhom flimkien.

Il-kritika letterarja tintrabat mal-qari ta' testi letterarji (Poiana, 1995: 47). Dawn jinfluwenzaw il-perspettivi tal-individwi jew joħolqu modi ġodda ta' ħsieb jew attitudnijiet innovattivi. Xogħol letterarju jingħaraf minn diversi fatturi, fosthom: it-tranżizzjoni bejn ir-realtà u l-fantasija li twelled esperjenzi varji; l-użu tad-djalogi u l-perspettivi tal-karattri; temi u relazzjonijiet varji; u għalqa lessikali wiesgħa. Dawn il-karatteristiċi huma preżenti fil-ktieb *SĦMDT* b'tali mod li jżommu lill-qarrejja fuq ix-xwiek bit-tama li t-tmiem ma jasalx. Kultant, f'analiżi jiġu osservati punti li lanqas ikunu għaddew minn moħħ il-kittieb, aħseb u ara kemm ikun kitibhom apposta. Għaldaqstant, kien neċessarju li ma nħallix l-esperjenzi u l-valuri tiegħi jaffettwaw l-interpretazzjoni li tajt.

Mhux faċli li tanalizza fi grad oġġettiv. Il-prinċipji u l-metodoloġija tal-Kritika l-Ġdida riedu juru li: "Knowledge about literature is really knowledge and not merely a record of fleeting personal observations" (Bleich, 1975: 739). Resnik (2001) jiddefinixxi riċerka oġġettiva bħala analiżi nieqsa minn kwalunkwe bias u valuri personali. Biex innaqqas il-possibilità li l-interpretazzjoni tiegħi jkollha element qawwi ta' suġġettività, kont nirrevedi dak li nkun ktibt iktar minn darba u kull darba nara hux possibbli li jkun hemm alternattiva oħra għal li ktibt. Dan il-proċess ħa fit-tul imma b'hekk ippruvajt nelimina l-possibilità li nikkonkludi skont il-perspettiva tiegħi. Matul dan l-istudju ma stajtx inħaddan kompletament il-Kritika l-Ġdida għaliex nemmen li minħabba li kont jien li qrajt u ktibt dan l-istudju, xi traċċi ta' suġġettività xorta kien hemm.

Fil-letteratura ta' żmienna, ir-rakkonti mhux kollha jintemmu billi fl-aħħar jingħaqdu

t-trufijiet kollha flimkien, dik li fil-ħrejjef nirreferu għaliha bħala: "they lived happily ever after" (Żahra, 2007: 53). Fil-każ ta' *SĦMDT*, ridt inżomm f'moħħi li l-istrateġija li l-ktieb jispiċċa bi tmiem miftuħ seta' kellha għan partikolari: qarrej li jgħarrex iktar fil-fond tal-karattri, iż-żmien ikompli u l-ħajja tkompli, u oħrajn.

## 2.7 Il-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni

Il-bażi tal-analiżi twieldet mill-kitba tad-djarju, allura l-ġbir tal-informazzjoni primarja saret permezz tal-qari dettaljat tal-ktieb u l-istħarriġ tal-istil. L-analiżi tat-test letterarju saret maqtugħa minn kull sors ieħor għaliex it-test kien is-sors ta' kollox.

Given (2008: xxix) jgħid li l-analiżi ta' test ma ssirx bil-għan li toħroġ il-messaġġ jew l-interpretazzjoni t-'tajba', imma biex toħloq interpretazzjonijiet u ħsibijiet possibbli. Dawn jiddependu minn simboli, konvenzjonijiet, il-ġeneru tat-test, u l-kuntest soċjokulturali, storiku u ideoloġiku li jaħdmu flimkien biex iwasslu l-qari mixtieq (Given, 2008: 865). Sa mill-ewwel fażi bikrija ta' din ir-riċerka kelli nipproblematizza l-pożizzjoni tiegħi bħala qarrejja żagħżugħa li qed naqra ktieb miktub minn raġel.

Lundberg (1988: 1) tgħid li: "In recent years, scrutiny of how literary texts produce has challenged conventional assumptions about what constitutes the author, the text, and the reader, as well as how interrelate". Bosta kritiċi letterarji, fosthom Barthes (1974: 15), elevaw lill-qarrej għaliex "In the text, only the reader speaks". B'hekk, l-ewwel kelli nikkunsidra l-pożizzjoni tiegħi bħala qarrejja fl-att tal-qari billi kemm jista' jkun ma nillimitax it-tifsira li nagħti lill-qari għal interpretazzjoni waħda. Dan sar billi ma rbattx il-qari u s-sitwazzjonijiet preżenti fil-ktieb mal-esperjenzi tiegħi biss. Għall-kuntrarju, pruvajt nikkunsidra possibiltajiet u interpretazzjonijiet differenti. Madanakollu, fl-aħħar mill-aħħar kelli nagħġen dak li qrajt ma' dak li nemmen li kienet l-iktar interpretazzjoni ideali għall-

analiżi tad-dissertazzjoni. Fil-fatt, matul din ir-riċerka sibt ruħi f'dak li Cassedy (2005: 204) tirreferi għalih bħala hermeneutic double-bind, li Schor (1980: 165-82) tiddefinixxiha bħala: "The absolute necessity to interpret [that] goes in hand with the total impossibility to validate interpretation".

Qrajt ukoll xi xogħlijiet li jiffukaw fuq il-Kritika Femminista sabiex jiggwidawni bħala qarrejja. Din bdiet tieħu s-saħħa tagħha fis-snin 60 u l-punt ċentrali kien li jinbidlu l-valuri u l-irwoli tradizzjonali. Importanti li min jagħmel analiżi b'perspettiva Femminista, jistaqsi xi mistoqsijiet, fosthom: min hu l-awtur u n-narratur; is-sehem tan-nisa fit-test (primarji jew sekondarji); l-attitudni tal-protagonist lejn in-nisa; kif il-kultura tipproġetta l-involviment tal-mara, u oħrajn (Bressler, 2007: 161). Dawn il-mistoqsijiet evalwajthom jien u nanalizza d-djarju biex inwarrab fil-ġenb l-aspettattivi tradizzjonali li għal snin twal kienu meqjusa bħala universali. Għall-kuntrarju, iddeċidejt li nidentifika mal-karattri nisa billi eżaminajt il-mod kif inhuma definiti min-narratur u l-isterjotipi preżenti fl-ambjentazzjoni tal-ktieb, għaliex il-Kritika Femminista teżamina kif xogħlijiet letterarji jinkludu attitudnijiet patrijarkali (Napikoski, 2020).

Stħarriġt ukoll ir-realtà li kienet preżenti fiż-żmien li huwa ambjentat il-ktieb biex kemm jista' jkun inkun leali lejn l-ambjentazzjoni li ħoloq il-kittieb. Minħabba l-fatt li jien analizzajt il-ktieb fi żmien differenti, kien hemm lok għall-qari ta' testi partikolari li għenuni ninfiltra fl-epoka tad-djarju.

## 2.8 Xi problemi u kumplikazzjonijiet

Fir-riċerka akkademika, bosta studji kwalitattivi jagħżlu li jagħmlu analiżi ta' djarju għaliex tagħtihom l-opportunità li josservaw u jsegwu ħajjet in-nies. Fil-fatt, il-kitba fid-djarju sservi bħala snapshots kbar li joffru opportunità għar-riċerkatur biex janalizza dak li jgħaddu

minnu n-nies li qed jiktbu (Given, 2008: 215-216).

Fil-każ tiegħi, il-protagonist ġie analizzat skont kitbietu għaliex l-esperjenzi li jgħaddi minnhom jirriflettu l-ambjent li għex fih il-kittieb meta kien tamparu (ara Kapitlu 6). Għaldaqstant, jien ridt nistaqsi lili nnifsi mistoqsijiet miftuħa li jwassluni biex nasal nidentifika t-temi u s-sottotemi.

Deċiżjoni oħra li kelli nieħu kienet rigward il-kitba użata fil-ktieb. Minn meta nkiteb il-ktieb, id-deċiżjonijiet tal-ortografija nbidlu darbtejn (Farrugia, 2008). Bosta riċerkaturi jiddeċiedu li jikkwotaw eżatt dak li jkun hemm fit-test li jkunu qed jisiltu minnu, inkluż l-iżbalji ortografiċi (Arendholz et al., 2015: 76). F'din ir-riċerka kelli niddeċiedi jekk inkunx leali lejn il-kitba tal-ktieb jew inkella jekk naġġornax il-kitba mal-aħħar deċiżjonijiet tal-ortografija (Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2008) jien u nikkwota. Nemmen li jekk naġġorna l-kitba għall-aħħar deċiżjonijiet, tgħin lill-qarrejja tad-dissertazzjoni tiegħi għaliex tkun kitba li huma mdorrija jużaw fil-preżent. Min-naħa l-oħra, li kieku għażilt li nħalli l-kitba kif inhi preżentata fil-ktieb, il-qarrejja kien ikollhom bżonn joqogħdu attenti li xi kliem ma jirrepetuhx meta jiġu biex jiktbu. B'hekk għażilt li naġġorna l-kitba.

Diffikultà oħra kienet dwar it-tqassim u l-kategorizzazzjoni ta' din ir-riċerka biex l-analiżi letterarja tkun dettaljata u ta' kwalità tajba, b'tali mod li torbot l-istħarriġ tad-djarju mal-qasam edukattiv. Naqbel ħafna mal-kumment li għaddiet Vella (2021: 14) meta qalet li waħda mill-ikbar diffikultajiet tal-istudju kwalitattiv f'analiżi ta' test hija l-immaniġġjar tal-ammont kbir ta' informazzjoni li jagħmilha diffiċli biex tinftiehem malajr. Għalhekk, matul il-proċess, sikwit kelli nerġa' nirrevedi dak li qed jikteb il-protagonist biex nifhem eżatt dak li qed jipprova jwassal b'kitbietu.

Kelli wkoll nara kif se nikteb b'mod konċiż biex ma naqbiżx il-limitu tal-kliem.

Madanakollu, l-akbar limitazzjoni kienet tittratta ż-żmien ristett li fih kelli naqra l-ktieb, nanalizza l-informazzjoni u nikteb b'mod akkademiku.

Analiżi kritika ta' xogħol letterarju tagħtik l-opportunità li tistħarreġ f'dettall dak li hemm preżentat. Nemmen ukoll li l-letteratura għandha tkun studjata b'rabta mar-realtà; kemm ir-realtà ppreżentata fix-xogħol, kif ukoll ir-realtà tal-qarrejja. Din tintrabat ukoll mal-fatt li bħala għalliema nixtieq li ma nkunx dak li Gunther (2000: 87) isejjaħlu rabble rouser. Bħalu nemmen li l-valur tal-edukazzjoni għandu jiddependi fuq kemm l-istudenti jkunu kapaċi jaħsbu u jirriflettu: "As oppossed to merely reciting information and spitting it back on a test" (Gunther, 2000: 87).

## 2.9 L-għeluq

Il-qari bir-reqqa tal-ktieb *SĦMDT* wassalni biex nirfina l-abbiltà tiegħi bħala riċerkatriċi ta' xogħol letterarju. Permezz tal-qari tal-ktieb fid-dettall, flimkien ma' stħarriġ ta' artikli u studji akkademiċi li jintrabtu mill-qrib mal-istudju tiegħi, irnexxieli nanalizza l-informazzjoni li ksibt mid-djarju u nippreżentaha biex nikxef lehmiet li mhux lakemm jidhru mal-ewwel qari.

L-esperjenzi personali tal-kittieb kienu importanti għaliex ħafna kittieba jgħidu li l-akbar għajn ta' ispirazzjoni tkun proprju fl-esperjenzi personali tagħhom; dak kollu li għaddew minnu huma u n-nies ta' madwarhom. Dan it-tagħrif tani l-opportunità biex matul il-qari u l-analiżi stilistika nosserva u ngħarbel it-temi skont l-interpretazzjoni personali tal-kittieb bħala għalliem, imħallta mal-interpretazzjoni tiegħi bħala studenta u riċerkatriċi. B'dan il-mod irnexxieli nara rabta eqreb bejn il-letteratura u r-realtà tal-bniedem.

# It-Tielet Kapitlu

# L-adolexxenza taħt il-lenti

## 3.1 L-introduzzjoni

L-adolexxenza hija perjodu kruċjali (Zaky, 2016: 4-6). Il-protagonist tad-djarju *SĦMDT* huwa ġuvni li matul ir-rakkont juri bidliet tipiċi għal dan il-perjodu.

## 3.2 Il-preokkupazzjoni tad-dehra fiżika

Daniel jagħti importanza lid-dehra, speċjalment lil imnieħru. Meta jirrealizza li telgħetlu "ponta" jgħid: "Imnieħri qiegħed sew, issa se jiġi isbaħ" (Formosa, 2004: 3). Is-sarkażmu juri li huwa jinsab konxju kemm l-iżvilupp se jġibu agħar.

Ċerti karatteristiċi jintrabtu qrib tal-kundizzjoni body dysmorphic disorder (Philips, 2009: 13-20), għaliex jibqa' jhewden fuq difett żgħir. Daniel jagħti importanza lil wiċċu ferm iktar minn postijiet oħra. Ayers u Nicolson (2004: 2) jgħidu li l-adolexxenza mmanifestata minn bidliet fl-ormoni u fil-ġisem fiżiku, b'konsegwenza ta' preokkupazzjoni fil-ġisem, hija karatteristika li bosta kittieba jinkluduha. F'*Esperjenza Unika, Love* (Mizzi, 2015), Robert jixbah lil Daniel; 15-il sena u ppreokkupati minħabba l-ponot.

Il-laqam 'L-imnieħer' wassal għal ħsibijiet eċċessivi f'Daniel: joqgħod attent kif jaġixxi u jipprova jsib raġuni għal dan it-titlu, (Formosa, 2004: 226). F'*ĠenerazzjoniPaceville*, Celine għandha ħabibtha, Fiona, li tgħajjarha għax: "Qisha baga u wiċċha bil-ponot!" (Grech, 2002: 18). Kummenti bħal dawn jagħmlu liż-żgħażagħ konxji minn surithom.

It-tqabbil tal-ponta ta' mnieħru ma' lighthouse: "Il-ponta donnha kibritli aktar. Saret

qisha lighthouse" (Formosa, 2004: 6) – ukoll fiha x'tomgħod. Bħala struttura, il-lighthouse għandha forma ċilindrika tawwalija ddisinjata biex titfa' d-dawl minn sistema ta' lampi mwaħħlin bħala navigazzjoni għall-baħħara. Normalment jitpoġġew f'post fejn id-dawl jidher mill-bogħod. Daniel uża din is-similitudni billi rabat il-karatteristiċi tal-lighthouse mal-ponta – paragun li joħloq iperbole. L-istess bħal-lighthouse, il-ponta tinsab f'post prominenti f'wiċċu – hija bbuzzata 'l barra u ħamranija, bil-konsegwenza li tiġbed l-attenzjoni.

Daniel spiċċa estenda l-istess preokkupazzjoni għal partijiet differenti. Il-ponot u s-suf kellhom effett kompletament differenti fuqu. Is-suf fuq sidru, kwalità sesswali sekondarja, ġiegħlu jħossu aħjar għaliex induna li qed jiżviluppa (Formosa, 2004: 152).

L-adolexxenti jiżviluppaw b'ritmi differenti (Ayers & Nicolson, 2004: 2) u jirriżulta f'biżgħat u dubji dwar x'inhu l-iżvilupp normali għall-età tagħhom. Daniel huwa konxju li għad baqagħlu biex isir raġel. Jimplika wkoll li s-suf fuq sidru huwa ereditarju għaliex missieru huwa piluż ħafna. Dvornyk u Waqar-ul-Haq (2012: 198-210) jisħqu li l-ġenetika hija fattur importanti fil-pubertà għaliex f'kull bniedem hemm ġeni partikolari li jipprogrammaw il-pubertà. Darba, waqt ħarġa ma' sħabu, Daniel jispiċċa mudell għall-karikatura – xena li turi kemm kien konxju mid-difetti fiżiċi. Fil-fatt, malli ta titwila lill-kanvas li fuqha pinġieh l-artist, jammetti li: "Ħariġli d-difetti kollha" (Formosa, 2004: 177).

Kultant il-protagonist juri karatteristiċi li jaqgħu taħt it-terminu psikoloġiku egocentrism (Berger, 2018: 770). Dan jidher meta joħloq udjenza immaġinarja mmanifestata fost l-oħrajn meta jkun ma' tfajla u jibda jaħseb li kulħadd qed iħares lejhom: "Kulħadd iħares lejna" (Formosa, 2004: 178). It-terminu imaginary audience huwa invenzjoni ta' Elkind (1967), u skontu din il-karatteristika tgħib iktar ma l-adolexxent jimmatura.

Daniel jiffoka wkoll fuq l-aspett fiżiku meta tibda tikbirlu l-leħja. Waqt li kien qed

ibiddel, induna li kien: "wasal iż-żmien li nibda nqaxxar il-leħja" (Formosa, 2004: 17), biex iżomm ruħu pulit; evidenza oħra tal-preokkupazzjoni tad-dehra.

## 3.3 Il-pressjoni mill-ħbieb u l-aċċettazzjoni mis-soċjetà

Daniel juri sinjali ta' tiftix tal-identità. Fl-istess ħin jixtieq rabtiet qawwija ma' sħabu. It-tranżizzjoni għal skola postsekondarja tfisser ukoll iktar libertà fl-ilbies. Daniel jammetti li jixtieq: "l-aqwa u l-isbaħ ilbies tal-aħħar moda, ta' xi Gucci jew Armani, biex la nidħol is-6th Form inkun nidher tal-life" (Formosa, 2004: 84).

Imsejsa fuq il-mudelli psikosoċjali ta' Erikson (1968) u Sullivan (1963), Loevinger (1990) ħarġet bit-teorija li l-ego tal-individwu jimmatura b'riżultat ta' interazzjoni bejn id-dinja interna u esterna. Loevinger (1990) torbot l-adolexxenza bikrija mal-istadju msejjaħ the conformist stage, fejn matulu l-adolexxenti jippruvaw jikkonformaw man-nies ta' madwarhom. Daniel jipprova jilbes ilbies tal-moda biex jidher bħal sħabu. Fl-età tiegħu, komuni li ż-żgħażagħ jimmudellaw l-imġiba tagħhom fuq ħaddieħor. Madanakollu, ommu tidher li ma tantx approvat l-istil il-ġdid ta' binha: "għalxejn ngħidilha li jien qed nimxi mal-moda" (Formosa, 2004: 270). Għaldaqstant, Daniel qed jersaq qrib sħabu waqt li jitbiegħed mill-familja.

L-istess ħaġa tiġri meta Daniel xtaq li jkollu mowbajl – fi żmien meta dan kien kapriċċ – imma: "Ommi u missieri ma jridux jixtruli wieħed. Jgħidu li għadni żgħir għal ħwejjeġ bħal dawn. Sħabi kollha għandhom" (Formosa, 2004: 263). Pickhardt (2010) jgħid li ż-żgħożija ġġib magħha pressjoni fuq il-familji għaliex l-adolexxenti jibdew jistaqsu għal affarijiet bħall-ilbies tad-ditta u teknoloġija (pereżempju: mowbajl, headphones, kompjuter, u arloġġi teknoloġiċi).

L-adolexxenti spiss jitbiegħdu mill-familjari, imqar għal perjodu qasir. Daniel joqgħod

attent ferm biex sħabu ma jsirux jafu li joħroġ mal-ġenituri tiegħu: "Qgħadt in-naħa ta' Marco biex ma jmurx jarani xi ħadd, jagħraf lill-ġenituri tiegħi u jmur ixerridha mar-raħal kollu li għadni noħroġ mal-papà u l-mamà!" (Formosa, 2004: 72). Iħossu ferm iktar skomdu meta jkun ma' ommu (Formosa, 2004: 189). Madanakollu, kultant ċertu aġir ta' missieru jġiegħlu jistħi: "Missieri ġegħelni nistħi llum waqt it-training. Ġab megaphone miegħu, ma nafx minn fejn ġabu, mingħajr ma qalli xejn. Waqqagħli wiċċi l-art" (Formosa, 2004: 195).

Fil-perjodu li jinsab fih Daniel, il-ksib tal-awtonomija u l-indipendenza huma frott kif iħarsu lejn sħabhom. Skont Adams u Gullotta (2005: 13), is-subien għandhom tendenza ikbar li jinfluwenzaw ruħhom mill-ħbieb. Iktar ma bdew jikbru, bdew jippruvaw jimpressjonaw lit-tfajliet, bħalma jidher waqt lezzjoni tal-Edukazzjoni Fiżika meta sħabu riedu jiskartaw il-lezzjoni u biex ma jibqax waħdu mar magħhom: "Qatt f'għomri ma kont għamilt ħaġa bħal din" (Formosa, 2004: 21).

Iż-żgħażagħ jibdew iħossu li wasal iż-żmien li jesploraw b'kull tip ta' mġiba, anki jekk tkun ta' sfida lill-awtorità. Sfortunatament, f'ħafna każijiet din timplika parteċipazzjoni f'attivitajiet riskjużi u b'konsegwenzi gravi. In-nuqqas ta' ħsieb ta' Daniel u sħabu jidher meta għamlu ċajta goffa lis-Sur Testaferrata: "Ftaħna l-bunsen burners kollha ta' ġol-laboratorju u għamilnieha tabirruħna mejtin" (Formosa, 2004: 61). Minkejja li din iċ-ċajta nisslet tbissima, spiċċat tat kedda kbira lill-għalliem. Sforz kemm kienu moħħ ir-riħ, ebda student ma rrealizza li qatgħa bħal dik tista' tħalli effetti koroh. Fil-fatt, minbarra l-qatgħa, l-għalliem spiċċa anke waqa' għaċ-ċajt quddiem is-surmast għaliex spiċċa bla kliem (Formosa, 2004: 62).

Adams u Gullotta (2005: 13) jemmnu li fl-età ta' bejn l-14 u s-16-il sena, il-klikek jikbru għaliex jiltaqgħu ma' żgħażagħ tas-sess oppost. Adolexxenti bħal Daniel huma

suxxettibbli għall-influwenza ta' individwi oħra, prinċipalment l-influwenza tal-pressjoni soċjali. Minkejja li jibdew jaħtfu l-okkażjoni biex jiltaqgħu mat-tfajliet, Daniel huwa ferm iktar kwiet – sempliċiment jagħmel bħalhom biex ma jwarrbuhx.

Madanakollu, kultant juri mġiba ħażina mingħajr ma jiddispjaċih, bħal meta ftiehem ma' sħabu biex jagħmlu ċajta fuq Kenneth: kitbulu kartolina ta' San Valentinu taparsi mingħand tfajla (Formosa, 2004: 37). Minkejja li ċ-ċajta saret bl-iskop li jidħku, Kenneth xorta spiċċa suġġett għar-redikolaġni. Fil-fatt, Daniel ħa pjaċir ikompli jżejjen l-affarijiet meta Kenneth mar ikellmu fuq il-kartolina li rċieva: "Il-lajks," għedtlu, "din xi waħda miġnuna fuqek" (Formosa, 2004: 43).

## 3.4 L-influwenza mill-midja

L-uniċi mezzi ta' komunikazzjoni li jissemmew fil-ktieb huma l-mowbajl, it-televiżjoni u r-radju, li lkoll iħallu effett fuq l-imġiba ta' Daniel. Eżempju tipiku huwa meta pprova jimpressjona lil sħabu billi jimita l-mossi tal-karat, bħalma ra fuq it-televiżjoni: "Għamilt injama immaġinarja quddiemi, ħoxna xi 7/8 ċentimetri. Għamilt salt mutetti b'idejja kif narahom jagħmlu tal-karat fuq it-televixin" (Formosa, 2004: 14). Hawnhekk Daniel jirrealizza li mhux kulma jara fuq it-televixin jista' jimitah għaliex spiċċa weġġa'. Il-film *The Karate Kid* (Avildsen, 1984), fit-tmeninijiet kien wieħed mill-iktar films popolari għaż-żgħażagħ. Osservazzjoni interessanti hija li kemm il-protagonist tal-film kif ukoll tal-ktieb, għandhom l-istess isem u huma tampar xulxin. Eżempju ieħor huwa meta rrealizza li l-movimenti li: "nara l-bowlers jagħmlu fuq it-televiżjoni" (Formosa, 2004: 77) ma waslu għalxejn għaliex spiċċa biex waqa' għaċ-ċajt. Għaldaqstant, sa ċertu punt tidher l-indottrinazzjoni tal-midja.

Formosa ħoloq il-karattru ta' tifla ta' tmien snin, Olivia, biex iġġiegħel lil Daniel jaħseb fuq il-ġejjieni: "lill-Kappillan għedtlu li kieku nixtieq narah kuljum lin-nannu u li

jħalluna mmorru nistadu flimkien fil-Ġenna. Naħseb li hemmhekk insibu xi għadira sabiħa bħalma naraw fuq it-televixin" (Formosa, 2004: 259). Minkejja li hija Olivia li ġiet influwenzata minn dak li rat fuq it-televixin, xorta rnexxielha tittrażmettih lil Daniel.

Sa ċertu punt, l-inklużjoni ta' bosta films fid-djarju huma evidenza li Daniel qed jagħmel użu mit-teorija li f'termini psikoloġiċi tissejjaħ observational learning theory – osservazzjoni u mmudellar ta' mġiba skont l-aġir ta' ħaddieħor. Il-midja ġġib magħha wkoll role models. Fil-fatt, Daniel sikwit jimita dak li jara mingħajr ma jirrealizza li mhux kollox huwa possibbli.

Darba esaġera dak li sema' fuq ir-radju u ħoloq storja: "Fuq ommi sirt naf illum"... "kienet qiegħda tisma' bħas-soltu t-tabib fuq ir-radju" u qal li: "mhux sew, li qegħdin jagħmlu ħsara lil ġisimhom dawk li jieħdu ħafna Panadols" għax "huma droga" (Formosa, 2004: 29). Daniel qabad l-aħħar frażi u interpretaha kif ried hu. Skont Piaget u Inhelder (1975: 28): "The ability to differentiate probability from possibility crystalizes during early adolescence". B'hekk, il-qarrejja jikkonkludu li Daniel ipproċessa l-informazzjoni b'moħħ immatur.

## 3.5 It-tranżizzjoni wara l-iskola sekondarja

Il-ħames sena tal-iskola sekondarja ġġib magħha ħsibijiet kunfliġġenti: stress, it-tranżizzjoni bejn skola sekondarja għal skola ikbar, inċertezzi rigward il-futur, u oħrajn. Daniel jidħol f'dilemma liema suġġetti l-aħjar jistudja fl-iskola postsekondarja (Formosa, 2004: 163). Beda jħossu wkoll inferjuri fl-ambjent tal-postsekondarja għaliex: "Ħafna mill-istudenti hawnhekk huma sharks lesti biex jaqbdu ma' dawk kwieti bħali" ... "jiena differenti minnhom, u m'iniex komdu magħhom" (Formosa, 2004: 264).

Hawnhekk Daniel qed jgħaddi minn dak li jissejjaħ top-dog phenomenon: mill-ogħla

pożizzjoni (student tal-ħames sena) sab ruħu fil-grupp taż-żgħar. Riċerkaturi bħal Hirsch u Rapkin (1987: 1235–1243) sabu li l-istima personali tal-istudenti hija ogħla fl-aħħar sena tal-iskola sekondarja. Madanakollu, Santrock (2014: 342) jemmen li din it-tranżizzjoni hija neċessarja għaliex l-istudenti jispeċjalizzaw f'suġġetti partikolari. Daniel stess jammetti li kien komdu fit-tutorials għax: "Inkunu ftit, u aktar inkunu nistgħu nitkellmu mal-għalliem" (Formosa, 2004: 218).

## 3.6 Ħarba mir-realtà

Sa mill-ewwel paġni, jidher li l-kitba għal Daniel isservi bħala tisfija u żvog. Id-djarju jsir ħabib leali tiegħu tant li jammetti li: "Inħobb nikteb jiena" (Formosa, 2004: 1). Dan l-aġir isawwar kunflitti bejn it-tifel li m'għadux u l-adult li qed isir. Daniel ifittex il-kitba biex jesprimi ruħu b'mod liberu, mingħajr ebda ċensura. Klimova (2015: 551) jemmen li bniedem jikteb fi djarju għal tliet raġunijiet; mill-istħarriġ tad-djarju jidher li Daniel jissodisfa żewġ raġunijiet minnhom. Qabelxejn, Daniel iħoss li d-djarju huwa l-unika 'wieħed' li jifhmu, u t-tieni għaliex hu ma jixtieqx li l-esperjenzi tiegħu jikxifhom ma' kulħadd. Fi kliem ieħor, Daniel jużа l-kitba riflettiva biex il-kitba tgħinu jaħseb fil-fond fuq dak kollu li jħoss u jagħmel (Dewey, 1910: 6).

Kitbietu tbexxaq tieqa fuq il-karattru tiegħu – bniedem li jieħu gost ikun waħdu. Anke meta bidel l-iskola, xorta kien iqatta' ħafna ħin waħdu. Sa ċertu punt, Daniel jitqabbel ma' Anne Frank għaliex kultant jikteb biex itaffi mis-solitudni. Daniel stess jagħmel referenza għaliha: "Għandu jkun missieri ma semax b'Anne Frank" (Formosa, 2004: 277). Il-karattru ta' Elisa fil-ktieb *Esperjenza Unika, Love* (Mizzi, 2015) jitqabbel ma' Daniel ukoll għaliex bħalu hija riservata u tagħżel li tesprimi ruħha fi djarju.

Ħafna drabi, l-adolexxenti ma jkunux jafu kif għandhom jesprimu ruħhom sew

(Santrock, 2014: 53). Kultant, bi ftit jew xejn provokazzjoni, jispiċċaw jiżvugaw ma' ta' madwarhom. Għalhekk, l-aħjar soluzzjoni hija li jsibu modi oħra biex jiżvugaw, kif fil-fatt jagħmel Daniel permezz tal-kitba. L-istess sitwazzjoni tinħass f'*Diary of a Wimpy Kid*: *Roderick Rules* (Kinney, 2008) għaliex sforz in-nuqqas ta' poter li jħoss il-protagonist minħabba li ħuh jilgħabha tal-bully miegħu, jispiċċa jiżvoga fil-kitba: "Now that Roderick knows I have another journal, I better remember to keep this one locked up" (Kinney, 2008: 1).

Daniel sikwit jindirizza lid-djarju daqslikieku huwa xi ħabib tal-qalb permezz tal-apostrofi "Għażiż djarju" u "Djarju tiegħi". Din il-possessjoni tinħass ukoll billi jżomm id-djarju f'post sigur biex ma jinstabx, għaliex jibża' li jkun ikkundannat għal diversi fatturi: l-użu tal-kliem 'ħamallu', deskrizzjonijiet tal-ġisem ta' xi tfajla, kif ukoll xi paprata. Daniel jgħaddi minn perjodi fejn ikun jixtieq jaħrab mir-realtà sabiex ma jkunx iġġudikat: "Mort fil-lecture room u qgħadt hemm. Hemmhekk inkun 'il bogħod mill-bqija" (Formosa, 2004: 263). Sa ċertu punt, jidher xebh bejn Daniel u l-karattru prinċipali tal-ktieb *X'Aħna Smart!* (Lughermo, 2015), bid-differenza li Daniel jagħżel li jikteb fid-djarju waqt li Sarah tidħol f'dinja teknoloġika permezz tal-ismartphone. L-istess bħalma l-mowbajl jakkumpanjaha f'kull vjaġġ li tgħaddi minnu, tant ieħor jagħmel id-djarju għal Daniel.

## 3.7 Ġibdiet sesswali

Sforz il-maturità sesswali, iż-żgħażagħ jibdew iħossuhom attirati sesswalment lejn ħaddieħor. L-aġir ta' Daniel u sħabu jindika interess fis-sess oppost. Sempliċiment logħba bejn il-ħbieb, isservi bħala mod kif jiġbdu l-attenzjoni tat-tfajliet (Formosa, 2004: 6). Hawnhekk Daniel jinsa l-mistħija u jipprova jiġbed l-attenzjoni hu wkoll – sinjali li hu interessat fit-tfajliet. Madanakollu, jista' jkun li jaġixxi hekk biex sħabu ma jittimbrawhx

bħala 'mhux normali'.

Il-festa ta' San Valentinu timla lil Daniel bit-tensjoni għaliex jixtieq jibgħat kartolina lil tfajla (Formosa, 2004: 7). Minkejja li mhux minnu, jagħti l-impressjoni li għandu l-esperjenza sabiex ma jaqax għaċ-ċajt: "Mur għidlu li jien qatt ma ħriġt ma' waħda lanqas" [...] "jaħsbuni tas-sengħa" (Formosa, 2004: 43).

Sa ċertu punt tinbet ftit għira għaliex jistqarr li: "Għall-inqas Kenneth kien jista' jittama. Jiena le" (Formosa, 2004: 44). L-istess emozzjonijiet iħosshom Greg, f'*Diary of a Wimpy Child: Third Wheel* (Kinney, 2012). Matul ir-rakkont, Daniel kontinwament jhewden fuq tfajla jisimha Rita: "Ħlomt dal-lejl li ltqajt ma' dik it-tfajla sbejħa ta' quddiem l-iskola" (Formosa, 2004: 56).

Meta Daniel u sħabu bdew joħorġu bħala grupp imħallat, ta' sikwit kienu jiltaqgħu f'postijiet fejn normalment l-adolexxenti jissoċjalizzaw: "Malajr iltqajna mat-tfajliet" ... "issuspettajt ħażin meta rajt lil Catherine tħares lejja ta' sikwit" ... "iċċekkjajt, u nara roqgħa għaraq" (Formosa, 2004: 158). Dan il-ħsieb ma ħallihx jiddeverti kif xtaq.

Daniel jidħollu dubju jekk it-tfajla li ried kinitx qed toħroġ ma' ħaddieħor. Għalhekk jinħakem minn taħlita ta' emozzjonijiet: solitudni, dwejjaq u anke għira, sforz il-ġibda li għandu lejn din it-tfajla: "Xi dwejjaq ta' ħajja. Kemm inħossni waħdi" [...] "għadha miegħu. Meta se tiftaħ għajnejha imma din?" [...] "forsi miġġildin. Tajjeb kieku" (Formosa, 2004: 62). Fil-fatt, Berscheid u Reis (1998: 193-281) jgħidu li għal ħafna żgħażagħ, ir-relazzjonijiet romantiċi huma sors ta' ferħ u diżappunt fl-istess ħin.

Kull ħaġa mhux tas-soltu, Daniel beda jorbotha ma' tfajla. Pereżempju meta ommu sabet fjura fil-parapett, moħħu mar f'Monica. Id-dettalji f'kitbietu jixhdu l-attenzjoni kbira li kien jagħti lil kull tfajla li jitfa' ħarstu fuqha: "Għajnejha ċari fil-kannella – soft bħal tal-klieb;

ħuġbejn irqaq – naħseb tnittifhom; xagħarha lewn il-karta li niksu l-pitazzi biha, forsi ftit iktar skur, innukklat u jmewweġ fuq spallejha… figura ta' artista, sidirha sod u sbejjaħ, patattha żgħira u ħelwa" (Formosa, 2004: 44).

Sa ċertu punt jidher xebh bejn Daniel u Claire – żagħżugħa ta' 15-il sena fir-rumanzett *360°* (Block, 2020). It-tnejn tampar xulxin u t-tnejn ħallew il-ħsibijiet jiġru bihom. Madanakollu, analiżi tal-ittri li kienet tibgħat lil Jon – ġuvni ħabib tagħha – turi li għandha idea li l-infatwazzjoni u ż-żgħożija jintrabtu flimkien. Fil-fatt tgħidlu li hemm il-possibilità li l-boyfriend tagħha huwa infatwazzjoni (Block, 2020: 82). L-immaturità tidher meta tammetti li: "M'ilniex ħafna flimkien" (Block, 2020: 83) imma xorta saret taħseb fuqu l-ħin kollu.

Minkejja li n-norma hija li l-ġuvintur jinġibdu lejn tfajliet tal-istess età, l-ewwel darba li tfajla ikbar minnu għaddietlu kumment sabiħ, Daniel ħassu kburi. B'hekk, minkejja li Daniel jimmatura matul ir-rakkont, fil-verità jidher bħala bniedem mimli inċertezzi. Fil-fatt, meta ħabiba t'oħtu ammiratlu għajnejh, Daniel jammetti li: "Ma nafx x'ħassejt dak il-ħin" (Formosa, 2004: 38). Connolly u McIsaac (2009: 104-151) jgħidu li fl-età ta' bejn il-11 u t-13-il sena, jiddominaw ħafna konverżazzjonijiet ma' ħbieb tal-istess sess. Madanakollu, ħafna drabi jistħu jersqu lejn il-persuna li tkun togħġobhom. Minkejja li Daniel u sħabu huma ikbar, xorta jispiċċaw jiffantasizzaw fuq għalliema li tgħallimhom. McCullough (2017: 60) sabet li ħafna drabi meta l-istudenti subien tas-sekondarja jitfgħu ħarsithom fuq studenti bniet, ikunu jridu li tgħaddi tagħhom. B'dan l-aġir, is-subien jiddominaw lill-bniet. Sa ċertu punt, meta Daniel u sħabu jiffissaw fuq għalliema u jgħaddulha l-kummenti, ikunu qed jippruvaw jimponu l-attrazzjoni tagħhom fuqha.

Santrock (2014: 320) jgħid li fl-età li jinsab fiha Daniel, ħafna drabi l-ħruġ ikun f'forma ta' casual dating; jiġifieri l-koppji ma joħorġux flimkien bil-għan li jibdew relazzjoni serja. Sa

ċertu punt, Daniel joħroġ mat-tfajliet biex ikun bħal sħabu, aktar milli għax jixtieq relazzjoni. Fil-fatt, il-ftit ħruġ li ħareġ ma' tfajliet waħdu, damu ftit ġranet biss. Ngħidu aħna, il-ħarġa ma' Josephine u li mill-għada beda jhewden fuq oħra.

L-imħabba veru tinħass wara li żewġ persuni jkunu qattgħu żmien twil flimkien biex jindunaw humiex kompatibbli. Madanakollu, minħabba n-nuqqas ta' esperjenza, ġieli l-individwi jispiċċaw biex jidealizzaw lill-maħbub tagħhom daqslikieku huwa l-unika wieħed adattat għalihom. Daniel jagħmel dan l-iżball meta jibda joħroġ ma' Monica għaliex jgħaddi ċerti kummenti li jidealizzawha: "I am in LOVE!" (Formosa, 2004: 290). Barra minn hekk, l-emozzjoni tidher qawwija permezz tal-grafika li jinkludi fid-djarju (Formosa, 2004: 290):




*Figura 1: Grafika dwar l-imħabba meħuda minn Formosa (2004: 290)*

Din il-grafika timplika li kien mikul minn emozzjonijiet sbieħ ħafna, tant li ried jestendi l-ferħ fuq il-paġni.

L-istess dilemma tħossha Claire f'*360°* (Block, 2020) meta tibda taħseb dwar il-possibilità li ssir tħobb lil Chris: "Xi kultant naħseb li qed insir inħobbu, imma mbagħad ngħid li l-imħabba tiġi maż-żmien" (Block, 2020: 84). Madanakollu, Claire tidher iktar matura minn Daniel għaliex taħseb fil-possibilità li l-imħabba trid iż-żmien biex tissawwar.

Il-fenomenu ta' dating huwa pjuttost riċenti għaliex ma kienx faċli li ġuvintur u tfajliet jiltaqgħu waħedhom; ħafna drabi l-ħruġ kien ikun ikkontrollat mill-ġenituri (Lanfranco, 2004: 59). Għall-kuntrarju, iż-żmien li fih huwa ambjentat id-djarju jagħti l-awtonomija lill-adolexxenti għaliex Daniel għażel liema tfajla xtaq. Xi drabi, il-ġenituri jopponu li wliedhom ikollhom namrat, bħal f'*X'Aħna Smart!* (Lughermo, 2015). Fis-sena li fiha dam jikteb, Daniel ma jidhirx li kellu oppożizzjoni mingħand il-ġenituri. Madanakollu, dan jista' jkun sforz is-segretezza li kien iżomm. Barra minn hekk, bir-relazzjoni tajba li kellu ma' missieru ma kienx jazzarda joħroġ ma' tfajla li kieku ma kellux pjaċir biha. Daniel ma jżommx lura milli jitfa' l-botti quddiem ommu: "Illum oħti daħħlet l-għarus tagħha d-dar. Ġie għall-ikel" ... "issa ġa avżajtha lil ommi. Meta jiena ndaħħal l-għarusa d-dar, trid tkun ikla wkoll" (Formosa, 2004: 59). Li kieku ommu xxukkjat ruħha u ħaditha kontrih meta semma l-kelma "għarusa", kien jikteb. Il-fatt li oħtu ma jidhirx li kellha oppożizzjoni mingħand il-ġenituri, jista' jkun li kompla qawwa qalb Daniel.

## 3.8 In-nuqqas ta'qbil

L-adolexxenza huwa perjodu li fih l-adolexxenti jfittxu l-identità tagħhom u sens ta' awtonomija. Dan iwassal għal nuqqas ta' qbil mal-membri familjari, mal-ħbieb u anke mal-għalliema (Adams & Berzonaky, 2003: 72).

### *3.8.1 Nuqqas ta' qbil mal-ġenituri*

Permezz ta' kitbietu, jidher ċar li Daniel għandu għal qalbu l-valuri reliġjużi li għaddewlu l-ġenituri. B'hekk jidher li jaqbel ferm mal-ġenituri fuq dan l-aspett. Meta kien għadu qed jirkupra mill-operazzjoni, xorta ried imur il-quddies. Il-fatt li ommu ma ħallitux, turi li minkejja li l-familja Tusa kienet tqis il-valuri Kattoliċi bħala importanti, ommu ġabet saħħet binha qabel kollox.

Bosta studjużi, fosthom Offer u Schonert-Reichl (1992: 1003-1014), u Wyatt u Carlo (2002: 646-666), jgħidu li ż-żgħażagħ għandhom it-tendenza li jaqblu mal-ġenituri dwar il-valuri reliġjużi. Ir-riċerka kurrenti tindika li d-differenzi fl-opinjoni huma akbar fost l-adolexxenti milli bejnhom u bejn il-ġenituri. Fil-fatt, Daniel għandu relazzjoni pjuttost tajba mal-ġenituri. Madanakollu, huwa eqreb ta' missieru milli t'ommu, tant li sikwit jammetti li l-aġir ta' ommu – mara protettiva xi ftit jew wisq iżżejjed, jittikkah. Waqt li jiddeskrivi l-mumenti tal-ġlied bejn missieru u ommu, lil ommu jiddeskriviha bħala: "Tigra selvaġġa" (Formosa, 2004: 145) u lil missieru bħala dak li jobdi.

Steinberg (1990: 255-276), Arnett (1999) u oħrajn ipproponew li l-pubertà u l-bidliet fl-ormoni għandhom sehem ewlieni fil-kunflitti li jixirfu f'dan il-perjodu tal-iżvilupp. Steinberg (1990) jgħid li l-iktar kunflitt li jinħass huwa bejn l-ulied bniet u ommhom. Però, minkejja li oħtu tissemma ftit li xejn fid-djarju, ma tidhirx li għandha relazzjoni mxellfa ma' ommha. Fil-fatt, titkellem magħha fuq affarijiet serji, bħaż-żwieġ (Formosa, 2004: 203).

### *3.8.2 Nuqqas ta' qbil mal-aħwa*

Ainsworth (1979) jgħid li d-differenza fl-età hija fattur importanti fil-kunflitti bejn l-aħwa. Normalment, l-aħwa l-kbar jagħmluha tal-ġenituri ma' ħuthom iż-żgħar, imma fl-istess ħin ikunu sors ta' affezzjoni. Mill-perspettiva tal-attachment theory ta' Bowlby (1989), dan huwa sforz kemm il-bniedem ikollu bżonn lil xi ħadd għall-protezzjoni.

Matul ir-rakkont fid-djarju, l-argumenti li jinqalgħu bejn Daniel u oħtu jisfumaw fix-xejn. Oħtu sikwit tagħmel użu mis-silent treatment – imġiba li tintuża biex dak li jkun jipprova jirbaħ l-argument mingħajr argumenti: "Oħti ma tridx tkellimni. Għaddejja speċi ta' Gwerra Bierda bejnietna" (Formosa, 2004: 32).

Madanakollu, dan ma jfissirx li kultant ma jinqalgħux polemiki li jwasslu għat-tpattija.

Bħala żagħżugħa, ir-rabja u l-impulsività għadhom preżenti fiha: "Fit-tard imbagħad daħlet oħti f'kamarti. Ja kiesaħ u qżież. Dardir u indiġest. Inpattihielek żgur. Jekk insiblek dak id-djarju maħbub tiegħek inqattagħhulek f'mitt elf biċċa" (Formosa, 2004: 132).

Formosa jippreżenta l-imħabba tipika ta' bejn l-aħwa; iħobbha imma jaqbad magħha, pereżempju meta għaddiet mit-test tal-karozza: "Ħadt gost jiena wkoll li għaddiet. Nieħu gost naraha ferħana. Avolja niġġieldu ħafna u nitgħajru" (Formosa, 2004: 193).

### *3.8.3 Nuqqas ta' qbil mal-għalliema*

Il-komunikazzjoni bejn l-għalliema u l-ġenituri hija importanti, speċjalment f'każ li jkun hemm bżonn li jsir xi intervent li jeħtiġilhom illi jaħdmu flimkien. B'mod ġenerali, il-ġenituri ta' Daniel kienu jiġbdu ħabel wieħed mal-edukaturi tal-iskola tiegħu; ħsieb li jisħaq ħafna d-dixxiplina u kif din għandha titkompla d-dar. Tant hu hekk, li s-surmast, imlaqqam il-Bulldog, kien ta' sikwit jinforma lill-ġenituri meta wliedhom jagħmlu xi ħaġa ħażina: "Il-Bulldog qalilna li se jċempel lill-ġenituri" (Formosa, 2004: 23).

Minkejja li Daniel ta' sikwit kien ipaspar xi ċajta goffa ma' sħabu, ipprova jimpressjonahom wara li kien qatta' ġranet fis-sodda. Madanakollu, "Ħadd ma ta' kas. Lanqas l-għalliema! Għalihom ħej aħna l-istudenti numri biss [...] ma jafux dawn li aħna wkoll sensittivi għall-emozzjonijiet umani?" (Formosa, 2004: 55). Ir-relazzjoni bejn Daniel u sħabu mal-għalliema ma tidhirx li hija eżemplari. Ir-rigal li taw lill-Form Teacher kien biss għall-kirjanza, sempliċiment botta li issa rebħu l-ġwienaħ tal-indipendenza u m'għandhomx bżonn iktar l-għajnuna (Formosa, 2004: 93).

Daniel jixtieq ikompli bl-istudji tiegħu: "Jien il-Malti biss baqagħli, bħal ħafna minn sħabi, biex nidħol fi skola postsekondarja" (Formosa, 2004: 32). Madanakollu, Daniel jilmenta kontra l-għalliem tal-istess suġġett għaliex avżah li refa' l-mock test biex jagħmlu

ma' sħabu, mentri hu kien ħaseb li rnexxielu jiffrankah imma arralu: "Il-mock exam m'għamilthulhomx għadni ta, biex inti tkun tista' tagħmlu wkoll" (Formosa, 2004: 55). F'din is- sitwazzjoni, Daniel jipprova jisfida l-għalliem, avolja kellu għan tajjeb. Dan huwa aġir komuni ħafna għall-istudenti għaliex ħafna jippruvaw jiskappaw xi test.

Hunter (1998) jgħid li inkonxjament ħafna drabi l-għalliema jpoġġu stress eċċessiv fuq l-istudenti li jista' jwassal għal riżultati pożittivi jew għal dawk mhux mixtieqa. Fil-każ ta' Daniel, ir-rabja li kellu għall-għalliem meta sar jaf bit-test issarrfet f'riżultat pożittiv għaliex għamel ħiltu biex jgħaddi avolja bit-tgergir: "Qgħadt naħdem għall-mock exam ta' dak l-għaġeb ta' Sir tal-Malti" (Formosa, 2004: 58). Jirrealizza wkoll li l-iżvilupp tiegħu qed jimxi pari passu wkoll mat-toqol tas-suġġetti akkademiċi: "Xejn ma għadu sempliċi u ħafif bħal darba" (Formosa, 2004: 58).

## 3.9 L-importanza tal-familja

Il-familja tappartjeni mal-proċess tas-soċjalizzazzjoni primarja. Minbarra l-bżonnijiet neċessarji, il-familja tiddetermina l-iżvilupp tal-persuna għaliex ħafna drabi l-ulied jimitaw l-azzjonijiet imwettqa mill-ġenituri (Rogers, 1990: 350). Huwa essenzjali li l-ulied iħossuhom mifhuma mill-ġenituri sabiex jitkellmu magħhom meta jħossu l-bżonn.

B'mod ġenerali, Daniel huwa ġuvni li jżomm kuntatt qawwi mal-familja. Ta' sikwit kien iżur lil nanntu biex jitkellem magħha: "Meta għedtilha li qed inżomm u nikteb djarju qaltli 'Agħmel ir-riżoluzzjonijiet tas-sena l-ġdida fil-bidu'" (Formosa, 2004: 4). L-imħabba għal nanntu tidher ukoll meta kien jieħu paċenzja biha, anke meta kien jirrealizza li: "Xi kultant ilsienha jaqta' u jweġġa'" (Formosa, 2004: 275).

Meta mietet, tant ħass in-nuqqas tagħha li ddeċieda li kważi ma jikteb xejn jumejn wara li mietet bħala rispett. Minkejja li kien mifxul, prova jkun ta' spalla għal ommu wkoll

(Formosa, 2004: 274). In-nuqqas ta' abbiltà biex jgħinha wasslitu jħossu inkapaċi imma fl-istess ħin baqa' hemm għaliha.

Daniel kien jipprova jsib ftit ħin biex iqattgħu mal-familja. Il-fatt li raw iktar minn film wieħed fl-istess ġurnata, juri li kienu qed jieħdu gost. Li kieku ma kienx hekk, kien jikteb fid-djarju li ddejjaq għaliex il-kitba hija estensjoni tal-ħsibijiet ġewwiena. L-affezzjoni lejn missieru tinħass meta Daniel jgħid: "Missieri għalhekk inħobbu jien. Jifhimni" (Formosa, 2004: 24).

Daniel sikwit jagħti widen ta' kull argument li jkollhom il-ġenituri. Madanakollu, waqt li jirrakkonta l-mumenti tal-ġlied tagħhom, jagħżel li jissatirizza ftit is-sitwazzjoni: "Qtajtha li nibda nagħti l-punti għal min ikollu l-aktar raġun fl-argument. Bħal kif jagħmlu fil-boxing għal kull round" (Formosa, 2004: 130). It-twaħħid tas-satira mad-deskrizzjoni ta' mument serju jseħħ sforz in-nuqqas ta' maturità għaliex ma jifhimx is-serjetà tal-argument. L-użu tas-satira jġiegħel lill-qarrejja jidħlu fil-kuntest għaliex id-deskrizzjoni tikkonkretizza x-xena.

Darba, oħtu bdiet tiġġieled mal-ġenituri għaliex l-għarus tagħha ma riedx li jmur jgħix magħhom wara ż-żwieġ. Għal darb'oħra Daniel jagħti widen ta' dan kollu: "Dak storbju! Ommi u missieri vs oħti. Iktar għamlu storbju naħseb mill-banda stunata tar-raħal fil-festa meta kienet tgħaddi minn taħt it-tieqa tiegħi fid-dar l-oħra" (Formosa, 2004: 132). Hawnhekk, Daniel jagħmel użu minn dik li f'termini psikoloġiċi tissejjaħ avoidance learning – evitar tat-tlaqqigħ ma' sitwazzjoni stressanti (APA, 2015: 101), billi jmur jissakkar f'kamartu.

Osservazzjoni interessanti hija t-tqabbil tal-briju tal-festa mal-argument u l-frattarija misjuba fid-dar. Daniel għażel li jmewwet iċ-ċelebrazzjoni tal-festa mal-ġlieda biex itaffi mis-serjetà. Fl-istess ħin ried li jikkonkretizza l-affari billi jqabbel l-għajjat u l-istorbju mal-banda stunata. Sa ċertu punt din l-assoċjazzjoni turi wkoll kontradizzjoni: il-banda – li iktar ma

tqajjem storbju, iktar ikun hemm briju, u l-ġlied – li iktar ma jkollu storbju, iktar joħloq tbegħid mill-membri konċernati. Hemm possibilità kbira li l-kittieb uża din it-teknika biex juri li Daniel, sforz l-iżvilupp mentali tiegħu, immedjatament rabat l-istorbju li kien hemm fid-dar dak il-ħin mal-istorbju li kien jisma' fid-dar l-oħra.

Il-ġenituri ta' Daniel jixtiequ li binhom jikber f'raġel sew u mill-mod kif jikteb jidher li jisma' ħafna minnhom: "U dan meta l-ġenituri dejjem jgħiduli li dak li nwiegħed għandi nżommu, għax inkella nikser kelmti, u ma nkunx raġel" (Formosa, 2004: 163).

## 3.10 Il-maturità

Piaget ikkategorizza erba' stadji rigward l-iżvilupp konjittiv tat-tfal: sensorimotor, preoperational, concrete operational, u formal operational. Ir-raba' u l-aħħar stadju jittratta adolexxenti li jaħsbu b'mod loġiku, astratt, ipotetiku u metakonjittiv (Inhelder & Piaget, 1958). Matul ir-rakkont, Daniel jimmatura billi jiffoka fuq persuna partikolari, bħal missieru. Din l-attenzjoni speċifika tgħinu jaħseb x'jista' jiġri la jikber: "Illejla deherli li missieri bħal donnu xjaħ f'daqqa. Innutajtlu xagħar abjad ġdid f'xagħru u fuq ħuġbejh. Miskin. L-effett taż-żwieġ" (Formosa, 2004: 107). Il-fatt li Daniel assoċja r-responsabiltajiet taż-żwieġ maż-żmien u x-xjuħija, juri li qed jibda jhewden dwar kemm ċerti deċiżjonijiet iħallu impatt fuq il-bniedem.

Minkejja t-traċċi satiriċi li jidhru, il-qarrej jirrealizza li Daniel qed jaħseb ta' ġuvni matur. Hu janalizza d-deċiżjonijiet ta' ħaddieħor biex iktar 'il quddiem ma jirrepetihomx:

> La niżżewweġ jien mhux se nagħmel xi tieġ ta' xi Lm 4,000! Mhux hekk tgħid! Ikla ma' tal-familja, u iġri u mexxi. Dik l-aħjar. Għall-inqas hekk inkun kilt jiena wkoll. Ikla gwappa. U mhux kif ġralu l-kuġin tiegħi s-sena l-oħra meta fl-aħħar tat-tieġ qal li lanqas biss ħa xejn. (Formosa, 2004: 167)

L-aspirazzjonijiet ta' Daniel dwar il-futur ukoll huma xhieda tal-vjaġġ li għamel minn tifel għal ġuvni. Daniel jidher konvint li "rrid nizzewweġ!" (Formosa, 2004: 17), u dan il-ħsieb iwelled fih ukoll immaġinazzjoni dwar x'jista' jiġri jekk martu ssiblu d-djarju. L-abbiltà ta' ipotesi wkoll hija sinjal li l-individwu kapaċi jaħseb lil hinn mir-realtà immedjata.

Matul il-vjaġġ ta' sena, Daniel iħoss bidliet li jtuh l-opportunità jitla' skaluna fil-maturità: "Mhux sew li tilgħab bis-sentimenti ta' ħaddieħor. Min jaf kif se jiffissa issa" (Formosa, 2004: 44). Il-frażi "min jaf"' timplika ħsieb profond għaliex il-ħsieb filosofiku qed iġiegħlu jempatizza ma'ħabibu.

Paġna wara paġna, Daniel jistqarr fid-djarju li hemm bżonn li jimmatura billi juża modi differenti ta' meditazzjoni, fosthom: billi "tlajt fuq il-bejt tard billejl biex noqgħod ngħodd l-istilel u nipprova forsi nara l-figuri tal-kostellazzjonijiet" (Formosa, 2004: 55). Hija ħaġa komuni li adolexxenti jsibu modi partikolari kif jimmeditaw u jsiru jafu iktar lilhom infushom permezz tal-kitba f'xi djarju, esperimentazzjoni fl-ilbies, avventuri u oħrajn (Cleveland Clinic, 2020). Roeser u Zelazo (2012: 143-145) jemmnu li eżerċizzji ta' meditazzjoni huma essenzjali għall-iżvilupp konjittiv u soċjoemozzjonali tal-adolexxenti. Daniel stess jirrealizza li l-meditazzjoni wasslet biex ħolqot kambjament fih: "Naħseb li qed nimmatura xi ftit" (Formosa, 2004: 55).

Normalment, il-bniet jimmaturaw ferm qabel il-ġuvintur (Bergland, 2013). Madanakollu, Josephine taġixxi bħala immatura ħdejn Daniel minkejja li tampar xulxin. Fl-24 ta' Awwissu, Daniel u Josephine jiddeċiedu li jmorru jaraw film flimkien, *Intersection* (Rydell, 1994) – film li fih il-protagonist isib ruħu f'taqbida bejn martu u bejn is-sieħba. L-għażla ta' film serju b'tema soċjali tkompli tintrabat mal-perjodu tal-adolexxenza għaliex l-istorja tittratta realtà li l-bniedem jista' jesperjenza. Hawnhekk, Daniel iġib ruħu ferm iktar ta'

matur minn Josephine. Meta tinfaqa' tidħak waqt il-film, hu jkun pront idur lejha u jaħtafha: "Aqtagħha!" għedtilha. "Qed tisma' lil xi ħadd jidħak inti? Dan hu film serju ta" (Formosa, 2004: 179). Permezz t'hekk, il-qarrej jinduna li Daniel kapaċi jiddistingwi liema kuntest jippermetti d-daħk u liema le. Barra minn hekk, il-fatt li kellu l-kuraġġ idur fuqha u jaħtafha quddiem in-nies, turi li m'għadux jistħi jitkellem fuq dak li jemmen hu, ikun ma' min ikun. Fl-istess ħin, Daniel ma ddejjaqx jikser tfajla quddiem in-nies – aġir li seta' poġġa lil Josephine f'qagħda imbarazzanti. Għaldaqstant, wieħed jikkonkludi li Daniel ma indenjax ruħu jaħseb dwar il-konsegwenzi ta' x'tista' tħoss tfajla meta tinkiser quddiem ħaddieħor.

Daniel jiddistingwi wkoll bejn ir-realtà u l-fantasija għaliex hu stess jgħidilha li: "Dan mhux film biss?" (Formosa, 2004: 179). Għall-kuntrarju, Josephine tiġġeneralizza: "Intom l-irġiel kollha hekk intom ta! Kollha l-istess" (Formosa, 2004: 179). Daniel irrabja għaliex jaf li mhux sew li titfa' lil kulħadd fl-istess keffa. Iċ-ċertezza tiegħu tidher fil-mod kif jikteb: "Kif kulħadd l-istess? Jien m'iniex melodrammatiku, u issa qed nimmatura ftit u allura m'għadnix baħnan u bla sens" (Formosa, 2004: 179).

Bla ma jaf, Daniel seta' kien konxju mill-gender intensification hypothesis. Hill u Lynch (1983: 201-228) ħarġu b'din l-ipotesi għaliex jemmnu li fl-adolexxenza, id-differenzi bejn il-ġeneri tkun qawwija. Skonthom, ikun hemm pressjoni kbira min-nies ta' madwarhom, speċjalment tal-ġenituri. Meta Daniel kien jagħmel xi waħda minn tiegħu, ommu kienet tħallih f'idejn missieru. Diskorsha jimplika li l-missier għandu l-qawwa għax huwa r-raġel tad-dar: "Ċempilt lil missierek ħa jiġi u jieħu ħsiebek hu" (Formosa, 2004: 24). Il-familja hija l-għeruq u b'hekk hemm it-tendenza li ibnu jaspira li 'l quddiem ikun bħalu. Għaldaqstant, meta sema' lil Josephine tgħaddi kummenti fuq l-irġiel, ħass li għandu jirrispondiha.

Daniel ukoll għażel li jimxi man-norma, li r-raġel iħallas meta joħroġ ma' tfajla: "Jien

ħallast, hi ma ħallset xejn. Aħjar ħallset għal rasha għax kieku kont naqbad u nitlaq. Le, bilħaqq! Jien raġel" (Formosa, 2004: 180). Hawnhekk Daniel qed jagħmel użu mill-isterjotip li biex tkun meqjus raġel, hemm bżonn tkun int li 'tieħu ħsieb tfajla'. Għaldaqstant, minkejja li għadu qed jiżviluppa, diġà qed jaġixxi skont l-irwoli tradizzjonali assoċjati mal-maskilità. Il-kummenti li kultant jgħaddi fuq ommu u oħtu jixhdu kemm għad baqagħlu fejn jimmatura: "Kemm jagħmlu għaġeb!" (Formosa, 2004:14) u "kurjużi n-nisa" u "ma tridx tafdahom" (Formosa, 2004: 50) – evidenza li turi kemm għadu ma mmaturax biżżejjed biex ikun kapaċi jirraġuna li kemm l-irġiel u anke n-nisa għandhom it-tajjeb u l-ħażin.

Minkejja li Daniel jirrealizza l-bidla li qed issir fih, xorta huwa konxju li baqagħlu biex isir 'raġel': "Missieri għandu ġilda ħoxna u ħarxa, qisha sandpaper, mhux fina u delikata bħal tiegħi" (Formosa, 2004: 166). Fl-istess ħin kultant jiddeskrivi lilu nnifsu bħala raġel u jrid li jkun ittrattat t'hekk (Formosa, 2004: 124). B'hekk xorta jidher li Daniel huwa maħkum mill-inċertezza ta' x' jagħmel raġel eżatt: l-iżvilupp fiżiku? Il-ħsieb li int kbirt?

Kultant l-adolexxenti jaslu għall-konklużjoni mingħajr ma jistaqsu jew ifittxu. Darba ġie mistoqsi liema professjoni jixtieq li jkollu: "X'nista' nsir? Tabib? Avukat? Perit? Inġinier? Għalliem? Ajma ħej! Għalliem żgur le. Meta niftakar fl-għalliema li għandi jaqbadni l-bard!" (Formosa, 2004: 7). Minħabba l-esperjenza li kellu, ma xtaqx isir għalliem. Wasal għal konklużjoni mgħaġġla; ma kienx qed jagħti żmien lilu nnifsu biex jirrealizza li mhux għax kellu esperjenza ħażina darba jfisser li dejjem hekk.

## 3.11 Xi deċiżjonijiet irrimovabbli

Matul ir-rakkont, Daniel jgħaddi xi kummenti u ġudizzji fuq in-nies ta' madwaru u kultant jikkonkludi malajr wisq. Formosa (2004: 98-100) jiddedika tliet paġni biex lil Daniel jagħtih il-fakultà tal-istudju b'tali mod li jagħmel analiżi profonda ta' sħabu sa ma wasal biex

jikkategorizzahom skont kriterji differenti. Hawnhekk, il-protagonist jidher bħala bniedem matur li jaħseb għaliex ma jagħtix biss tikketta, imma jagħti wkoll deskrizzjoni għala wasal għall-konklużjoni:

> Il-kalamiti: Dawk li jkunu għassa għal kull għalliema mara ġdida li tiġi, u jagħtuha l-marki, skont kategoriji definiti differenti maħsuba minn qabel.
>
> Mhux se nsemmihom il-kategoriji. (Formosa, 2004: 99).

Kummenti bħal dawn u oħrajn tal-istess xorta jindikaw li sħab Daniel qed jagħmlu użu mill-male gaze (Bloom, 2017: 1). Għal snin twal, ħafna kittieba kienu jkunu rġiel u b'hekk il-letteratura kienet tkun interpretata minn lenti maskilista (Niechcial, 2019: 163-173). Personalment, ma nemminx li hija kumbinazzjoni li l-kittieb u l-protagonist huma rġiel. Madanakollu, ħafna kummenti fuq in-nisa jsiru minn sħabu u mhux minnu (Formosa, 2004: 99). Huwa nuqqas ta' rispett li għalliema tispiċċa suġġett għar-redikolu. Minkejja li l-kummenti mhux qed isiru minn Daniel, xorta l-ktieb huwa miktub kollu kemm hu minn Formosa. Għaldaqstant, permezz ta' kitbietu, il-kittieb xorta qed iwassal messaġġi sterjotipati.

Daniel sikwit isemmi kif jixtieq ikun parti mix-Xirka tal-Imdawlin. Tant hu hekk, li joqgħod b'seba' għajnejn għall-attitudni tan-nies biex jara dak li jkun huwiex maqtugħ għal dan il-moviment, bħalma jagħmel mat-tifla tal-kuġin tiegħu għaliex irrealizza li kellha intelliġenza kbira għall-età tagħha (Formosa, 2004: 263).

Fir-realtà, ix-Xirka tal-Imdawlin kienet moviment imwaqqaf minn Manwel Dimech li emmen li l-poplu seta' jemanċipa ruħu. L-ikbar sfida kienet li l-poplu jegħleb il-faqar u l-miżerja. Madanakollu, mhux kulħadd kien favur dan il-moviment. Xi wħud bdew ixerrdu l-kelma li twaqqfet mill-mażunerija u li kull min kien jissieħeb fiha kien qed iwettaqdnub

mejjet (Micallef, 2013: 41).

Dimech kien jemmen li n-nisa m'għandhomx ikunu esklużi. Fil-ktieb, Daniel ma sab ebda diffikultà li Olivia, tifla, tkun parti mill-moviment. Il-kittieb laħaq dan iż-żmien. B'hekk, Formosa seta' inkluda dan l-eżempju biex iwassal il-messaġġ li n-nisa wkoll għandhom sehem essenzjali fis-soċjetà.

## 3.12 L-għeluq

F'dan il-kapitlu ġew diskussi t-temi ewlenin tal-adolexxenza li jidhru fid-djarju. L-ewwel żewġ temi – il-preokkupazzjoni fuq id-dehra fiżika u l-aċċettazzjoni mis-soċjetà – jimxu id f'id għaliex Daniel, bħal kull żagħżugħ ieħor, jipprova jkun attraenti biex sħabu jaċċettawh. Barra minn hekk, Daniel jiġi influwenzat ukoll mill-midja għaliex jestendi dak li jara għar-realtà.

It-tema li ssegwi tittratta t-tranżizzjoni għal skola postsekondarja. L-iżvilupp fiżiku jġib miegħu taħlita ta' emozzjonijiet f'Daniel: ħarba mir-realtà, ġibdiet sesswali, kif ukoll nuqqas ta' qbil ma' bosta persuni. Minkejja li Daniel kultant ikollu xi argument ma' tal-familja, xorta jħoss li familtu hija l-qofol ta' kollox. Fil-fatt jidher li għandu relazzjoni tajba magħhom. Dawn il-ħsibijiet ikomplu jindikaw li Daniel jimmatura matul in-nisġa tar-rakkont. Proprju għalhekk, l-aħħar tema analizzata f'dan il-kapitlu tittratta l-maturità jew in-nuqqas tagħha, flimkien ma' xi deċiżjonijiet li jieħu.

# Ir-Raba’ Kapitlu

# Ħarsa kritika lejn l-istil

## 4.1 L-introduzzjoni

Għall-istħarriġ tal-istil ta’ Formosa ġew ikkunsidrati teoriji u studji soċjoloġiċi u psikoloġiċi li jintrabtu mas-sengħa tal-kitba, mal-letteratura u mal-edukazzjoni.

## 4.2 L-idea ta’ djarju

Djarju jixbah l-awtobijografija u l-memoir, bid-differenza li djarju huwa rendikont ta’ ħajjet il-bniedem (Heehs, 2013: 6). Skont Dostoevsky (1961: 122), huwa diffiċli li kittieb jikxef il-verità kollha dwaru nnifsu fil-kitba. Għall-kuntrarju, Friggieri (1974: 11) jemmen li: “Ebda kittieb veru ma jgħix gidba”. Fil-fatt, Sontag (1982: 122) temmen li d-djarju huwa l-muftieħ għall-ħsibijiet ġewwiena. Zammit (1886: 10) torbot ukoll l-immaġinazzjoni u l-emozzjoni mal-kitba fi djarju. Għaldaqstant, minkejja li s-sinċerità tibqa’ kwalità meħtieġa, nemmen li qatt ma jista’ jkollok verità assoluta fil-letteratura għaliex imkien ma teżisti l-verità assoluta.

Id-djarji ma kinux preżenti fl-Ewropa qabel is-seklu 16 (Heehs, 2013: 7). In-nies kienu jsibu metodi oħra ta’ kitba: bil-plakki tax-xama’ u l-ledger (għal rendikonti finanzjarji) li ġieli kienu jitniżżlu xi dettalji personali. Madanakollu, il-ġeneru tad-djarju nfirex fl-Ingilterra minn Pepys (Heehs, 2013: 8). L-eqdem tradizzjoni tad-djarju tintrabat mal-Ġappun (madwar it-tmien seklu), magħrufa b’nikki bungaku. Maż-żmien, il-fatti bdew iċedu posthom bl-inklużjoni tal-karattri fittizji. Però, xorta baqa’ ġeneru marbut mal-esperjenzi personali (Heehs, 2013: 9). Id-djarji jistgħu jaqdu funzjonijiet differenti: bħala organizzatur personali,

bħala terapija, speċi ta' solliev u oħrajn.

Eżempju tad-djarji mistħajla huwa *Diary of a Nobody* ta' Grossmith u Weedon (1997). Fih l-awturi jinkludu l-praspar ta' kuljum tal-iskrivan u jiddokumentaw l-esperjenzi tal-Era Vittorjana. Hemm ukoll id-djarji moderni, bħas-sensiela *Wimpy Kid* – serje miktuba fl-ewwel persuna (Loyal Books, 2021).

## 4.3 In-narratur

Abbott (2002: 64) jiddefinixxi l-vuċi f'kotba letterarji bħala dik li l-qarrejja jisimgħu fil-qari. Normalment tkun fl-ewwel persuna, kif fil-fatt huwa d-djarju *SĦMDT*.

Mifsud (2005) jemmen li n-narratur għandu awtorità assoluta. Huwa essenzjali li l-qarrejja jirrealizzaw li l-awtur huwa distint min-narratur. Fil-fatt, f'*SĦMDT* hemm distinzjoni fil-punto di vista tagħhom. Xi frażijiet jindikaw kemm Formosa kultant kienu jiġu f'moħħu riflessjonijiet: "tkun taf li m'intix waħdek il-miskin fid-dinja huwa ta' wens kbir" (Formosa, 2004: 43). Hawnhekk il-protagonist donnu jgħib għal ftit u jagħti l-opportunità lill-kittieb sabiex jitkellem. Il-protagonist kultant jagħti l-impressjoni li huwa oppressat mill-ġenituri, (Formosa, 2004: 7). Nichols (2004: viii) jemmen li sabiex ikun hemm relazzjoni tajba, il-ġenituri għandhom ikunu miftuħa għall-opinjonijiet ta' wliedhom.

In-narratur huwa dak li l-kittieb fil-bidu tal-ktieb jistqarr li l-qarrejja jistgħu jħossuhom qribu (Formosa, 2004: vi). Daniel jibqa' preżenti għaliex jieħu lill-qarrejja fuq vjaġġ ta' sena. Għaldaqstant, huwa n-narratur ewlieni l-figura ewlenija inkarigata li tgħid l-istorja b'perspettiva personali (Groensteen, 2013: 14).

Huwa proprju għalhekk li n-narratur jgħaddi xi kummenti fuq in-nies. Pereżempju lis-surmast jiddeskrivih bħala feroċi (Formosa, 2004: 31), lis-Sir tal-Edukazzjoni Fiżika bħala

"Nażist-Faxxist kattiv" (Formosa, 2004: 31), u lil sieħbu bħala "daqsxejn fidil" (Formosa, 2004: 37). Skont Zahavi (2008: 12), normalment narratur fl-ewwel persuna singular ikun ukoll il-protagonist li madwaru ddur in-narrattiva. Bal (2009: 38 u 237) isemmi wkoll il-lokazzjoni. Waqt il-qari, il-qarrejja jimmaġinaw lil Daniel jikteb meta jkun waħdu f'kamartu.

Fost il-mistoqsijiet ta' Mifsud (2005: 118) tissemma mistoqsija dwar il-fiduċja tan-narratur. B'mod ġenerali, il-qarrejja jafdawh għaliex matul ir-rakkont jammetti xi affarijiet li huma mera tal-onestà tiegħu: "Mur oqgħod bi lsienhom jekk ngħidilhom il-verità!" (Formosa, 2004: 42). L-importanza tal-veru fil-letteratura tidher mill-fatt li kull tip ta' kitba tgħid xi ħaġa (Borg, 2014: 82). Għaldaqstant, l-iskop tal-protagonist kien li għalkemm kif isemmi hu fil-ħajja tiegħu ġieli kien jigdeb biex jgħatti xi kummiedja, meta ġie biex jikteb fid-djajru għażel li jikteb il-verità. Kieku ma għamilx hekk, kien jitlef l-iskop ewlieni tad-djarju. Daniel tant iħossu liberu, li kultant juża kliem li normalment jintuża kollokjalment biss.

## 4.4 Il-kunjom 'Tusa'

Skont l-analiżi ta' Cassar (2003), wieħed jikkonkludi li l-kunjom 'Tusa' huwa invenzjoni tal-kittieb għaliex l-iktar kunjom qrib huwa 'Tua'– laqam li oriġina fi Sqallija, li tikkonfermah l-Ancestry (1997-2021); il-kunjom 'Tusa' oriġina minn Messina. Hull (2015: 135) isemmi wkoll 'Ħantusa', li jaqbel mal-kunjom Għarbi 'Ħantus' – komuni fit-Tuneżija u fl-Alġerija. Jista' jkun li Formosa kien influwenzat minn sors wieħed jew aktar fil-ħolqien tal-kunjom ta' Daniel.

Minn kitbietu, Daniel jidher li huwa kburi b'kunjomu. Dan jidher fost l-oħrajn waqt konverżazzjoni ma' oħtu (Formosa, 2004: 193). Anke meta jkun ma' tfajla, kontinwament ifakkar lilu nnifsu li "aħna ta' Tusa mhux hekk. Aħna rġiel sal-aħħar" (Formosa, 2004: 179).

## 4.5 Il-karattri

Matul ir-rakkont, Daniel ikollu kuntatt ma' bosta individwi (Figura 2).




*Figura 2: Il-familjari ta' Daniel Tusa li jissemmew fid-djarju miktub minn Formosa (2004)*

Forster (1927: 4-5) jiddistingwi l-karattri f'żewġ kategoriji: dawk ċatti bi kwalitajiet fissi u dawk tondi li matul ir-rakkont jinbidlu u jevolvu.

Matul ir-rakkont, Daniel isemmi diversi membri tal-familja: l-iktar lil ommu, lil missieru, u lil oħtu, li isimhom ma jissemmiex. Jidher li huwa qrib ta' nanntu, omm missieru (Formosa, 2004: 148). Minkejja li ma jiltaqax magħhom ta' sikwit, jagħmel referenza għaz-ziju Henry, iz-ziju Patist (Formosa, 2004: 2), iz-ziju Franġisku, iz-zija Maltilda – li tiġi oħt

ommu (Formosa, 2004 : 22), il-kuġina ta' missieru (Formosa, 2004: 1), u l-kuġin (Formosa, 2004: 183).

Jagħmel referenza wkoll għal sħabu. L-iktar ħbieb viċin tiegħu huma "Jeffrey l-Boċċu u Ċali l-Ġiraffa" (Formosa, 2004: 114). Inkonxjament, il-qarrejja joħolqu immaġni tagħhom sforz il-laqam. Minkejja li huma sħabu, Daniel jiżen il-karattru tagħhom u jikkategorizzahom skont il-kwalitajiet tagħhom: it-tajbin, il-ħżiena, il-marradin u l-bqija (Formosa, 2004: 99-100).

Minkejja li ma jużax il-kelma 'għedewwa', Daniel jagħmel referenza għall-klikek tal-futbol ta' kontrihom (Formosa, 2004: 225). Din hija metafora kalċistika li f'dan ir-reġistru tirreferi għat-timijiet kontra xulxin; l-avversarji.

Sa mill-ewwel paġni, l-esperjenza edukattiva hija preżenti f'ħajjet Daniel, inklużi l-għalliema. L-għalliem tal-Kimika jitpinġa bħala għalliem superjuri fuq l-istudenti, tant li fl-ewwel ġurnata prova jbeżżagħhom: "Dak li ngħid jien hawn ġew huwa liġi" (Formosa, 2004: 13). Il-metodu tiegħu ma jħallix frott: minflok rebaħ il-fiduċja tal-istudenti spiċċa biex "[t]ilef il-kontroll tiegħu nnifsu, u tagħna wkoll" (Formosa, 2004: 13). Tant tilef il-kontroll, li nesa li kien qiegħed fi klassi u qabad bagalja u tefagħha mit-tieqa (Formosa, 2004: 19).

Għalliem simili huwa s-Sur Camilleri, l-għalliem tal-Ġografija, "[e]x Surġent fis-Servizzi Ingliżi li jittrattana b'reġim militari tal-biża' [...] għandu seħer li jattakkak bid-difetti tiegħek" (Formosa, 2004: 48). Dan isawwar biża' f'Daniel għaliex iħossu suldat, mhux student. Dewey (2006: 16) jistqarr li huwa essenzjali li l-ambjent tal-klassi joffri opportunità lill-istudenti sabiex jikbru. Il-metodu tas-Sur Camilleri jintrabat mal-metodi tradizzjonali: studenti li jridu jkunu ubbidjenti. L-użu tal-platforms (Formosa, 2004: 30) ukoll jintrabat mas-sistemi tradizzjonali; l-għoli tal-platform jixhed superjorità tas-surmastrijiet u l-għalliema, b'tagħlim

fuq quddiem tal-klassi li juru l-inferjorità tal-istudenti (Ikuko, 2007: 52).

Għalliem magħruf għall-għajjat huwa s-Sur Miċeli, għalliem li jaqbeż għall-konklużjoni mingħajr evidenza tant li Daniel stess ammetta li l-iskola saret post li jdejqu (Formosa, 2004: 27-28). Dan l-għalliem ma jinżilx tajjeb mal-istudenti (Formosa, 2004: 93). Għall-kuntrarju, l-għalliem tal-Malti jieħu ħsieb lill-istudenti. Il-pedagoġija tiegħu tħalli impatt fuq Daniel u sikwit kien jhewden fuqu: "Nittama (din aħjar minn 'nispera', hekk irid is-Sir tal-Malti)" (Formosa, 2004: 10). Minkejja li gerger għaliex kien se jkollu jistudja, irrealizza li l-għan tal-għalliem huwa "biex ikun żgur li nistudjaw ħafna qabel l-eżami nnifsu, dak ta' Mejju. U dan jien napprezzah" (Formosa, 2004:46).

Id-deskrizzjoni tas-Sir tal-letteratura Ingliża tindika li ma kienx għalliem imħarreġ sew fis-suġġett (Formosa, 2004: 44). Il-metodu tiegħu ma jgħinx lill-istudenti jinġibdu lejh, pereżempju billi ma jħallihomx jieklu avolja jitolbuh permess. Aġir bħal dan iħalli impatt negattiv. Fil-fatt, bi tpattija, Daniel jgħid "ma qgħadtx attent għal-lezzjoni" (Formosa, 2004: 39).

Mill-banda l-oħra, għalliema onesti jinżlu tajjeb mal-adolexxenti. Fil-fatt, Daniel iħossu qrib tas-Sir tar-Reliġjon (Formosa, 2004: 60). Emozzjoni hekk tgħin biex tinbet fiduċja bejn l-għalliema u l-istudenti (Russel & Loughran, 1997: 59).

B'mod ġenerali, Daniel jagħti widen tal-ilmenti tal-għalliema: "Taf x'naf ingħid?" gerger is-Sur Miċeli, "aħna qegħdin f'ħabs hawn u mhux it-tfal" (Formosa, 2004 : 36). Daniel jirrealizza li mhux kull għalliem kien kuntent. Foucault (1978: 186) jikkundanna s-sistemi edukattivi li jbiddlu l-iskola f'ħabs. Il-prijorità ta' ċerti skejjel hija li l-istudenti jibbrillaw akkademikament bil-konsegwenza li jinħoloq stress fuq l-istudenti u l-għalliema, allavolja l-pubbliku jqis ix-xogħol tal-edukaturi bħala faċli (Palmer, 1998: 3). Borg u Falzon (1990: 50-

58) sabu li fost il-fatturi ewlenin tal-istress għall-għalliema jispikkaw l-attitudni negattiva tal-istudenti u l-klassijiet diffiċli. Għaldaqstant, il-fatt li Daniel u sħabu kienu jagħmlulhom il-praspar, kompla kabbar l-oppressjoni tal-edukaturi.

## 4.6 Deskrizzjonijiet tal-ġenituri, t'oħtu, ta' sħabu u tal-ambjent ta' madwaru

Permezz tal-plott u d-deskrizzjoni, il-qarrejja jidħlu fl-istorja (Rozelle, 2005: 2-5). Matul ir-rakkont, Daniel sikwit jiddeskrivi l-imġiba tal-ġenituri tiegħu, pereżempju meta jiddeskrivi l-ġlieda tagħhom daqslikieku kummentatur f'xi reċta (Formosa, 2004: 130). Kultant id-deskrizzjoni tiżżejjen b'assoċjazzjonijiet bħal meta rabat il-ġlied tal-ġenituri u t'oħtu mal-atmosfera tal-festa (Formosa, 2004: 132).

Vella (2004: 44) sabet li bosta kittieba ta' rumanzi ta' avventura, fosthom Anna Mangion u Trevor Żahra, huma konxji kemm il-ġenituri jħossu responsabbiltà biex irabbu lil uliedhom tajjeb. Bħal Mangion, Formosa joħloq ġenituri bi kwalitajiet tajbin. Fil-letteratura għat-tfal, normalment id-deskrizzjoni tal-omm hija li tgħaddi ħafna ħin id-dar (Sultana, 2002: 13). B'mod ġenerali, mid-deskrizzjoni li jagħti Daniel jidher li l-familja li jgħix fiha hija tradizzjonali: il-missier jaħdem u l-omm trabbi lill-ulied. Din id-deskrizzjoni turi qagħda sterjotipata: l-omm bl-ebda mod ma tgawdi ħajja oħra għajr dik li ddur mal-erba' ħitan tad-dar. L-unika ħruġ tagħha kien għall-quddies u xi qadja. Dan hu rifless taż-żmien li nkiteb fih il-ktieb; illum, bl-emanċipazzjoni tal-mara, il-ksib ta' drittijiet u vvalorizzar tal-kontribut tal-mara fid-dinja tax-xogħol, l-affarijiet huma differenti.

Bejn Daniel u oħtu teżisti atmosfera tipika tal-aħwa kkaratterizata minn tinbix. Minbarra t-tinbix, Daniel jgħaddi xi kummenti li jindikaw kemm jaf ikun aħrax, pereżempju billi jgħaddi kummenti sterjotipati: "Għal mara xi kultant titkellem bis-sens" (Formosa, 2004: 164). Skont De Beauvoir (2011: 33), in-nisa jitqiesu inferjuri tort tas-soċjetà. Fil-fatt,

inkwetanti kif Daniel, ta' 15-il sena, diġà għandu dan il-ħsieb dejjaq u maskilista. Interessanti wkoll li l-karattri femminili jidhru ferm inqas frekwenti minn dawk maskili f'kotba tat-tfal u jkunu mogħtija rwoli limitati (Sultana, 2002: i). Il-ktieb *SĦMDT* inkiteb bil-għan li jinqara l-iktar mill-adolexxenti. B'hekk, ċerti kummenti ta' Daniel indirettament iwasslu messaġġ li huwa aċċettabbli li ġuvintur tamparu jgħaddu ċerti kummenti fuq in-nisa.

Il-karattri mhux neċessarjament ikunu żviluppati ndaqs. Fil-fatt, id-distinzjoni bejn karattru u ieħor mhux dejjem tkun faċli (Braden, 2012: 3). F'*SĦMDT* il-qarrejja jħossuhom f'qagħda li jsiru jafu ferm iktar lil Daniel milli lil oħtu. Madanakollu, wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni li hija karattru ċatt, avolja tibqa' kostanti u statika għaliex tixtieq tibni familja u ssib kull opportunità biex tinbex lil ħuha. Għall-kuntrarju ta' Forster (1927: 4-5), Daniel jaqsam lil sħabu fi 13-il kategorija skont il-karatteristiċi tal-karattru (Formosa, 2004: 98-100). Din is-sofistikazzjoni turi kemm l-għarbiel tiegħu hu fin u preċiż.

L-ewwel paġni tad-djarju, Daniel jiddedikahom għad-deskrizzjoni tad-dar il-ġdida. B'hekk, il-qarrej jieħu idea tal-ambjent fiżiku u tal-membri f'ħajtu (Formosa, 2004: ix, x, 1-2). Jiddeskrivi wkoll l-atmosfera tal-madwar; il-ħsejjes waqt l-ikel tant idejquh li jispiċċa jikteb fuqhom: "Kulħadd imeċlaq. Ħsejjes ħorox u koroh. Tqażżist [...] għamilt żmien ma nikolx m'ommi u missieri u oħti ħalli jien ma nismax lilhom u huma ma jisimgħux lili" (Formosa, 2004 : 211). F'termini psikoloġiċi, din tissejjaħ misophonia – disturb emozzjonali minħabba ċerti ħsejjes: nies jieklu, jixorbu, jomogħdu, jieħdu n-nifs (Kumar et al., 2017: 527). Din l-iskumdità tinħass ukoll fid-deskrizzjoni meta jgorrlu l-istonku fil-lift (Formosa, 2004: 217).

Matul ir-rakkont, joħloq atmosferi differenti, pereżempju meta mar jgħum ma' missieru: filli jiddeskrivi kemm ħa gost u ftit wara jistqarr li ma jridx jerġa' jagħmilha (Formosa, 2004: 166). Għall-kuntrarju, meta mietet nanntu, l-atmosfera tinħass

melankonika, speċjalment bin-nuqqas ta' kitba (Formosa, 2004: 275).

Minkejja li mhix indikata b'mod dirett, sa ċertu punt Daniel joħloq atmosfera ta' tensjoni meta jħossu mbeżża' mill-awtorità ta' missieru:

> Nibża' wisq mir-rabja ta' missieri [...] mhux l-ewwel darba li ċapċaphieli meta kont iżgħar (...) tgħid did-darba jorbotni mat-taraġ u mbagħad isawwatni biċ-ċintorin, kif ommi nismagħha tgħid li kien jagħmillu missieru?. (Formosa, 2004: 31).

Din id-deskrizzjoni tagħti indikazzjoni dwar id-dixxiplina fiżika li kienet aċċettata qabel, li llum hija illegali f'diversi pajjiżi (Ritchie, 2002: 30-33). Madanakollu, Daniel, li qed jikteb fis-snin 80, xorta jibża' minn missieru. Isemmi wkoll kif missieru kien jissawwat minn missieru, prattika li għaddiet minn ġenerazzjoni għal oħra, bil-possibilità li Daniel juża l-istess metodu ma' wliedu.

Mid-deskrizzjoni ta' kamartu, Daniel juri li dak huwa l-uniku post li fih iħossu sigur. Fil-fatt, meta jidħol xi ħadd, iħoss li daħal fit-territorju tiegħu (Formosa, 2004: 255). Madanakollu, kultant jagħżel li jdawwar ħarsu 'l bogħod minn kamartu "u qgħadt inħares lejn is-sħab. Meta s-sħab beda jiswied u ħarġu l-istilel, l-għasafar kollha marru jorqdu" (Formosa, 2004: 219). Permezz tal-effett kromatiku, Daniel jispira ruħu mill-atmosfera.

Jiffoka wkoll fuq l-ambjent skolastiku. Mid-deskrizzjoni juri realtajiet li saru possibbli snin wara, fosthom studenti mħalltin fil-klassi. Jixtieq ukoll li s-sistema toffri iktar spazju lill-istudenti, fosthom bl-ilbies ta' kuljum minflok uniformi, ħin iddedikat għaċ-ċajt, kif ukoll post fejn jesprimu ruħhom bit-tpinġija (Formosa, 2004: 46-47). Jagħti wkoll deskrizzjoni tal-ambjent tal-klassi li tindika li l-immodernizzar teknoloġiku kien għadu lura: sistema tad-dawl antika u l-użu tal-whiteboard (Formosa, 2004: 15, 78).

Formosa jinseġ il-kultura tat-tmeninijiet fil-kitba tiegħu, bid-deskrizzjoni li jagħti Daniel tad-dar il-ġdida (Formosa, 2004: ix): karatteristiċi tipiċi ta' djar antiki. Il-kittieb, imwieled bejn wieħed u ieħor fis-sittinijiet, seta' kien konxju li ħafna mill-qarrejja jkunu mrobbija ġo djar moderni u xtaq li jagħti togħma tal-istil antik. Zammit (f'Micallef, 2017) jirrimarka li d-djar mibnija fit-tmeninijiet qed jitwaqqgħu biex jittellgħu l-appartamenti. Dan il-progress ikerrah l-ambjent u huwa magħruf bħala uglification. Interessanti wkoll it-titlu tad-djarju għaliex jinkludi deskrizzjoni u ħjiel tal-kontenut.

## 4.7 Il-kunflitti ewlenin

Abbott (2002: 51) jemmen li ma teżistix narrattiva tajba mingħajr kunflitt. Il-kunflitt jista' jkun preżenti f'taqbid ma' individwi oħra jew mistur fil-personalità. F'*SĦMDT* jidhru kunflitti bejn l-individwi, pereżempju bejn Daniel u oħtu. Però, Daniel stess jitħawwad sforz l-emozzjonijiet kunfliġġenti.

Interessanti kif meta Daniel jirrealizza li żbalja, ma jkomplix jisħaq fuq il-punt mal-ġenituri tiegħu (Formosa, 2004: 30). Madanakollu, minn kitbietu jidher li jżomm ferm iktar lura milli jaqbad argument ma' missieru għaliex tiġih sudizzjoni (Formosa, 2004: 31). Fl-istess ħin, minkejja li m'ommu iktar jagħmel l-arja, xorta konxju li ħafna drabi tgħaddi tagħha (Formosa, 2004: 10).

Għall-kuntrarju, il-protagonist jevita li jargumenta ma' tfajla: "Għalfejn targumenta ma' mara bħal din? Ħela ta' ħin u bżieq" (Formosa, 2004: 179). Eżempju oppost jidher meta Monica, ħabibtu, taqbad targumenta miegħu fuq it-telefon (Formosa, 2004: 180).

Kultant Daniel donnu jara x'jivvinta biex jaqbad argument m'oħtu. Madanakollu, il-kunflitti li jkollhom ikunu frivoli: l-ammont ta' ikel li tpoġġilhom ommu fil-platt (Formosa, 2004: 128) jew fuq l-istudju (Formosa, 2004: 207). Però, dan ma jfissirx li fid-djarju ma

jiddeskrivix kunflitti ikbar, pereżempju meta "qam storbju u pandemonju sħiħ. Kulħadd jakkuża lil xulxin" (Formosa, 2004: 224) fil-konkors tal-isbaħ tarbija tar-raħal.

## 4.8 L-umoriżmu

Formosa (1976: i) isemmi xi personaġġi umoristiċi bħal Tusè Costa. Probabbilment mhix kumbinazzjoni li kunjom Daniel huwa kważi identiku għall-isem ta' dan. Costa kiteb ħafna xogħlijiet b'laqta umoristika – *Il-Parlament tal-Kappillan* (1976) u *Il-Kappillan u l-M.L.P* (1977) – fejn il-botti huma magħmula b'sens ta' umoriżmu u b'doża qawwija ta' sarkażmu. Għaldaqstant, Formosa seta' ġie influwenzat minnu.

Ġiet ikkonsultata wkoll it-teżi ta' Formosa (1976: 16) fejn fiha jgħid li hemm żewġ tipi ta' umoriżmu: l-ewwel, l-intenzjoni li l-awtur idaħħak, u t-tieni, l-intenzjoni li waqt li jidħku, il-qarrejja jissaffu mill-istess għeltijiet ta' ħaddieħor. Skont l-analiżi ta' *SĦMDT*, jidher li Formosa għamel użu mit-tieni tip għaliex il-protagonist juża l-umoriżmu biex iwassal messaġġ:

> Missieri lil ommi ħadilha t-te fil-kamra [...] naħseb li kienet tkun tajba għal politikanta [...] ħafna mill-politikanti li nara jien jagħtuk idea ta' kollox ħlief ta' severità, u bħalhom tgħid salt ċuċati u ħmerijiet. (Formosa, 2004: 106).

Il-paragun bejn ommu u l-politiċi tikxef ir-realtà tal-politikanti Maltin li jagħmlu l-ħmerijiet. Daniel iżewweġ l-umoriżmu mas-serjetà tal-argumenti tal-ġenituri (Formosa, 2004: 130). Kultant l-umoriżmu juri l-attitudni infantili tiegħu billi jiffoka fuq dettalji żgħar, bħall-pika m'oħtu: "Ara kemm għandha pastard. Mhux sew. U anke fażola mgħollija għandha iktar minni" (Formosa, 2004: 128).

## 4.9 L-ispontanjetà

Berry (2010: 67) jisħaq li l-ispontanjetà tikxef is-sinċerità. Lill-protagonist, Formosa ried li jsawru bil-karatteristiċi umani b'taħlita ta' burdati differenti, fosthom meta jiqliel u jirrabja. Daniel jinħakem mir-rabja u jaqbad u jirrispondi b'mod aħrax lil tfajla (Formosa, 2004: 49). Fid-djarju juża kliem Semitiku, imma f'ċerti okkażjonijiet jagħmel użu mill-qlib tal-kodiċi: "ħadha xi mkien *very special*" (Formosa, 2004: 186). Mill-bqija, dan il-qlib jintuża iktar minn ħaddieħor, pereżempju mit-tfajliet: "It-tfajliet bdew jidħku, ħa ħa ħa, qishom *carnival costumes*. Kemm huma *funny*" (Formosa, 2004: 226).

Ebejer (2016: 12) tinnota li f'Malta t-taħlit ta' żewġ lingwi flimkien jibda minn meta nkunu żgħar. Minkejja li l-ewwel lingwa li jkunu esposti għaliha tkun il-Malti, l-Ingliż jibda jsib postu ftit wara. Għaldaqstant, mhix xi ħaġa ta' barra minn hawn li adolexxenti jużaw taħlita ta' kliem Malti mal-Ingliż. Riflessjoni soċjolingwistika turi li Daniel juża dan it-taħlit biex donnu jitkessaħ ftit, pereżempju meta ddeskriva l-ħarġa tal-ġenituri tiegħu. Mill-bqija ma jidhirx juża kliem hekk iktar. Madanakollu, kelliem bilingwi, kif inhu Daniel, mhux faċli li jkun attent il-ħin kollu biex ma juża ebda kelma li mhix bil-lingwa nattiva. Camilleri Grima (2003: 63) tgħid li dan iseħħ għaliex il-lingwa hija spontanja u tintuża b'mod naturali meta l-kelliema jikkonċentraw fuq it-twassil tal-messaġġ u mhux fuq il-mod kif iwassluh. Fil-każ ta' Daniel, hu jagħżel li juża lingwa u mhux oħra skont l-għan tiegħu.

## 4.10 L-għażla u s-sensil tal-kliem

Il-kittieb juża lessiku assoċjat maż-żgħażagħ – kliem li normalment ma jinstabx f'kitba formali (Formosa, 2004: 14, 58, 81). Minkejja li l-użu tal-kliem Ingliż jista' jseħħ għal diversi raġunijiet, il-possibilità hija li Formosa ried ikun realist u ffoka fuq l-influwenza tal-lingwa Ingliża fuq l-istudenti – sitwazzjoni reali fit-tmeninijiet. Dan il-kliem inkludih fil-korsiv bħall-

aġġettiv 'Ja *ferocious'* (Formosa, 2004: 31). Sfortunatament, l-użu tal-lingwa Ingliża kultant jintrabat ma' prestiġju. Spiteri (1993: 89) juża l-lingwa Ingliża fid-diskors dirett fix-xogħol *Mal-Ħmura tas-Silla* biex juri d-differenza fil-livell ta' għajxien ta' livelli soċjali differenti. Għaldaqstant, Formosa ddeċieda li kultant juża aġġettivi bl-Ingliż għax kitbietu tirrifletti l-lingwaġġ kollokjali taż-żgħażagħ.

Il-ktieb *SĦMDT* inkiteb qabel id-*Deċiżjonijiet2* tal-ortografija tal-2018 li jgħidu li kliem Ingliż m'għandux ikun fil-korsiv (Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2018). Interessanti wkoll kif Formosa jsensel il-kliem. B'mod ġenerali, juża sentenzi qosra b' ħafna punteġġjatura biex il-qarrej jieħu pawża (Formosa, 2004: 1). Ħafna drabi, kitba tajba tkun magħmula minn sentenzi qosra (Yaffe, 2017: 2), però kultant sensiela ta' sentenzi qosra ma jurux rabta għaliex titħalla xi informazzjoni barra. Fir-rakkont ta' Daniel, minkejja li hu miżgħud bis-sentenzi qosra, il-messaġġ xorta jasal għand il-qarrejja. Kultant, donnu jinħakem mill-muża tal-kitba u jibqa' jikteb mingħajr spazju bejn il-paragrafi (Formosa, 2004: 95).

Formosa jagħmel użu mid-diskors dirett u indirett. Abbott (2002: 70) jgħid li kultant ikun hemm qabża bejn narrazzjoni normali għad-diskors li jgħid in-narratur fuqu nnifsu mingħajr il-kwotazzjonijiet diretti: "Ħeqq," għedtlu. "Għall-inqas, għedt f'qalbi, hemm xi ħadd li ftakar fija" (Formosa, 2004: 55). Dan l-istil jissejjaħ free style u għal mument qasir, il-kittieb jagħti l-permess lill-karattru biex jieħu kemxejn iktar importanza fuq il-vuċi narrattiva.

## 4.11 It-tipa ut-ton

Strateġija interessanti hija li Formosa jinkludi numru ta' kliem b'tipa differenti: (Formosa, 2004: 20, 54). F'ċerti okkorrenzi, Formosa jnaqqas it-tipa, pereżempju meta Daniel jistqarr li kiteb biċċa proża (Formosa, 2004: 111). Permezz ta' tipi differenti, korsiv u grassett, Formosa jevita li jitlef l-interess tal-qarrejja.

Fir-rakkont, jidhru sentimenti u tonalitajiet differenti. Kultant, il-protagonist isir irritabbli għaliex igorr li ma jafx x'se jaqbad jikteb: "Illum m'għandi aptit nikteb xejn" (Formosa, 2004: 127); donnha l-kitba ssir sfurzata. Mill-banda l-oħra, id-differenza tidher meta jinħass ħerqan, fosthom bit-tul tal-kitba (Formosa, 2004: 70-72).

Wagner (2007: 83) jemmen li l-aqwa kittieba huma dawk li jagħġnu l-esperjenzi personali f'kitbiethom. Peress li l-kittieb huwa mgħaddas fir-realtà tal-iskola, kitbietu tinħass veritiera u awtentika (Formosa, 2004: v). B'hekk, jintrabat mal-kittieba Realistiċi; l-iskop tar-Realiżmu huwa li jipproduċi ritratt fidil tar-realtà (Muscat, 2016: 3). Il-letteratura Realistika tisħaq fuq l-ikrah tal-ħajja li jiġi ppreżentat minn filtru pjuttost negattiv u griż (Buttigieg, 2006: 9). Xogħol ir-Realisti huwa li jtellgħu fil-wiċċ dak li huwa l-aktar insinifikanti f'għajnejn il-qarrej (Borg, 2010: 2). Minkejja li Formosa jaqa' fl-ispettru tal-kittieba Realistiċi, kitbietu mhix għalkollox pessimista.

## 4.12 L-użu tal-footnotes

Minkejja li l-użu tal-footnotes huwa minimu, 11-il darba b'kollox, xorta jiġbed l-attenzjoni għaliex mhux skont il-konvenzjonijiet tad-djarju. Madanakollu, kien tard ħafna meta Formosa ddeċieda li jinkludihom; donnu l-ewwel jinħakem mill-kilba tal-kitba informali, imbagħad f'daqqa waħda jiddeċiedi li jinkludi elementi li jinsabu f'kotba letterarji. L-ewwel waħda tidher f'paġna 213 bħala indikazzjoni li dak li semma jfisser 'Nifgu'.

B'hekk, Formosa ried li juża l-ġeneru tad-djarju flimkien ma' elementi oħra biex kitbietu tispikka. Normalment il-footnotes jintrabtu ma' informazzjoni addizzjonali (Laird, 2012: 1319). Ħafna drabi jinsabu f'kitba akkademika imma ġieli jkun hemm okkorrenzi wkoll f'kotba letterarji. Formosa inkluda dettalji fejn ħaseb li hemm bżonn: "Ara wkoll 18 ta' Settembru, 7 u 19 t'Ottubru" (Formosa, 2004: 227) biex il-qarrej jaqra paġni oħraminħabba

l-kuntest. Dan l-istil jintuża f'kotba tal-qari ta' lingwi barranin ukoll, bħal f'*La Montagne Ensorceleè* ta' Roumain (2010: 65) fejn jagħti deskrizzjoni tal-użu tal-kelma 'tonton' – mod pulit kif tiddeskrivi raġel matur; kif ukoll f'kotba Maltin bħal f'*Bil-Kliem Żvinat o Ħoġri* ta' Sciberras (2016: 56) fejn jikteb l-isem tal-poeżija li l-qarrej irid jaqra biex jifhem.

Personalment nemmen li t-tħaddim tal-footnotes ma jxellifx l-istil tad-djarju għaliex il-ktieb għandu bosta elementi li jindikaw li huwa djarju.

## 4.13 Il-paġni ud-dati

Lejn l-aħħar tad-djarju hemm żewġ paġni li fihom il-qarrej ma jistax jaqra s-sentenzi sħaħ għaliex il-paġni rrovinati u jkopru x-xahar ta' Novembru (Formosa, 2004: 233-254). Biex tkun realistika, Formosa kompla l-kitba tal-paġni fil-kantuniera tal-paġni daqslikieku xi ħadd qattagħhom. Fil-werrej hemm nota miktuba dwar l-esklużjoni tagħhom.

Madanakollu, ir-raġuni mhix ċara jekk il-kittieb ma riedx djarju tradizzjonali, jekk ma kienx ix-xahar favorit, jew għamilx hekk biex jaħsad lill-qarrejja. Sa ċertu punt, Daniel joħloq stennija għaliex f'paġna 232 kiteb: "Twelidt taħt stilla ħażina. Bilfors. Issa naraw x'ġej f'Novembru!" Hemm ġranet li fihom ma jiktibx, bħal f'Awwissu 27 u 28, u r-raġunijiet jiktibhom fis-26 ta' Awwissu (Formosa, 2004: 232) biex jieħu brejk mill-kitba u għax ma kien se jkollu xejn interessanti fuq xiex jikteb.

## 4.14 L-użu tad-djalogu

Djalogu effettiv huwa neċessarju għaliex kapaċi jwassal biex argument jintemm (Bento, 2017: 58). Dan it-tip ta' djalogu jissejjaħ 'djalogu empatiku' u Daniel ġieli jagħmel użu minnu, pereżempju meta jitkellem ma' Kenneth dwar l-ittra li kien irċieva (Formosa, 2004: 43), imma ġieli wkoll jisbel f'xi logħba ma' sħabu (Formosa, 2004: 188). Mhux faċli li

kittieb jikteb djalogi li joqogħdu lill-karattri (Kempton, 2004: 3). Daniel jagħmel użu minn żewġ metodi ta' kitba: jiddeskrivi dak li jkun qal ħaddieħor fi kliemu mingħajr virgoletti (Formosa, 2004: ix), u d-diskors dirett (Formosa, 2004: 24).

Fid-djarju hemm ħafna konverżazzjonijiet mal-ħbieb, mal-familjari, mal-għalliema, u l-bqija. Ħafna drabi, meta jkun djalogu bejn Daniel u sħabu jkompli jikteb fl-istess linja, filwaqt li meta l-konverżazzjoni tkun iktar serja juża struttura vertikali (Formosa, 2004: 43, 83). Ġieli kien jirrekordja konverżazzjonijiet li jisma' mingħand il-ġenituri u jiddistingwihom billi juża l-virgoletti; b'hekk il-qarrejja jirrealizzaw min qed jitkellem.

Juża djalogi għal għanijiet differenti. Qabelxejn, biex jipperswadi, bħal meta jipprova jipperswadi lil Olivia biex ma tirrepetix dak li qalu (Formosa, 2004: 262). It-tieni, biex jipprovdi informazzjoni ġdida, pereżempju meta joħloq djalogu mal-qarrejja biex jippreżenta lit-tabib tal-familja (Formosa, 2004: 124-5). U t-tielet, biex jesprimi opinjoni jew preferenza (Formosa, 2004: 90).

## 4.15 L-użu tal-qwiel ul-idjomi

Osservazzjoni interessanti hija l-frażi Ingliża li uża Daniel: "the last straw" li tfisser "A farther difficulty or annoyance, typically minor in itself, but coming on top of a whole series of difficulties that makes a situation unbearable" (Speake, 2004: 279). Din il-frażi tintrabat mal-idjoma: 'The last straw breaks the camel's back'. Daniel jitqabbel mal-ġemel għaliex tant iddejjaq li Josephine qaltlu immatur, li spiċċa nkorla: "Dik kienet, kif jgħidu l-Ingliżi, the last straw. Ma kellha l-ebda dritt titfagħni fl-istess kejl " (Formosa, 2004: 179).

Formosa jinkludi wkoll frażijiet minn lingwi differenti, pereżempju l-frażi bil-Latin '*mens sana in corpore sano*' li qalitha ommu meta ma riditx tagħmillu nota biex tiskużah mil-lezzjoni tal-Edukazzjoni Fiżika (Formosa, 2004: 21). *SĦMDT* inkiteb fis-seklu 21 u

għaldaqstant il-kittieb seta' kien konxju kemm l-eżerċizzju huwa importanti.

Formosa jinkludi wkoll frażijiet li saru komuni fil-kultura Maltija, fosthom: *"Home Sweet Home"* (sic.) (Formosa, 2004 : 118). Din l-espressjoni ġejja minn diska 'Home, Sweet Home' fl-opra 'Clari' jew 'The Maid of Milan' li kienet ġiet imtellgħa f'Convent Garden fl-1823. Eżempju ieħor huwa "house warming" – illum sar cliché; jista' jkun li Formosa uża dan it-tip ta' espressjonijiet għal skop. Fil-fatt, skont BookBrowse (1997) l-espressjoni 'home sweet home' saret popolari ferm fis-seklu 19 mas-suldati tal-Gwerra Ċivili Amerikana. Fil-fatt, Formosa jagħmel referenza għall-gwerra (Formosa, 2004: 199).

Jinkludi wkoll frażijiet li jintużaw kollokjalment: "ħrabna niġru, kif jgħidu, b'saqajna mal-warrani" (Formosa, 2004: 7) u "kif jgħidu li l-ħajt għandu widintu" (Formosa, 2004: 19). Kultant il-protagonist ma jkunx jaf eżatt kif jgħid il-frażi imma xorta jużaha.

Mill-osservazzjoni tiegħi nnutajt li kultant juża xi qawl, bħal: "Il-ftira sħuna tajba". Okkorrenzi bħal dawn huma fula f'qargħa (Formosa, 2004: 155). Interessanti kif fis-sentenza ta' wara jgħid "Il-froġa sħuna tajba", li hija eleborazzjoni tal-qawl Malti minħabba l-kuntest.

## 4.16 L-għażla tal-figuri tat-taħdit

Matul ir-rakkont, il-protagonist jagħmel użu minn xi figuri tat-taħdit.

### *4.16.1 Is-similitudni*

Formosa juża bosta similitudnijiet biex jikkonkretizza l-affarijiet billi jagħmel paraguni ma' sitwazzjonijiet 'il bogħod mill-kitba.

Fl-eżempju "Dan l-aħħar iz-zija Matilda għaddejja minn perjodu ta' safa u tjubija; mhu qed tgħid xejn ħlief il-verità. Naħseb li ġralha bħal Jim Carey fil-film *Liar Liar*" (Formosa,

2004: 14) – Fletcher Reede, maħduma minn Jim Carey, jiġrilu l-istess bħal zitu: jispiċċa jgħid biss il-verità (Fandango, b.d.).

L-użu tas-similitudni b''qisni' tidher fost l-oħrajn fis-sentenza: "Inħobb noqgħod waħdi, niddiskuti fuq kollox b'sengħa kbira qisni l-Profs Oliver Friggieri" (Formosa, 2004: 58). Hawnhekk hija għodda li biha jittrażmetti lill-qarrejja l-imħabba li għandu għal Friggieri biex huma wkoll japprezzawh.

#### *4.16.2 L-iperbole*

Meta l-għalliema jħarrġu lill-istudenti biex jidentifikaw il-kliem ewlieni, inkonxjament jibdew jiżirgħu fihom il-kurżità għal tiftix ta' termini simili, fosthom l-iperbole (Tallman, 2021). Għaldaqstant, hija tattika tajba li Formosa jinkludi eżempju, "leħni ħallejtu baxx ma mmurx inkisser il-ħġieġ kollha tad-dar bil-qawwa ta' leħni. Stħajjiltni u ħassejtni xi Domingo jew Pavarotti jew Carreras" (Formosa, 2004: 13) – fejn tinħass l-esaġerazzjoni. Barra minn hekk, jesaġera wkoll meta jgħid li l-vibrazzjonijiet ta' leħnu se jkissru l-ħġieġ u meta jiddeskrivi l-fattizzi (Formosa, 2004: 175, 220).

Il-kittieb juża wkoll is-superlattiv b'sarkażmu: "sabuna naħdmu kollha fil-kwiet fl-iktar arja pura li jista' jkun hemm" (Formosa, 2004: 61). Eżempju ieħor ta' esaġerazzjoni tidher permezz tas-superlattiv 'l-isbaħ': "Ommi tgħidli li jiena kont l-isbaħ tarbija li twelidt fis-sena tiegħi" (Formosa, 2004: 223). Hawnhekk is-superlattiv jindika l-imħabba bla limitu tal-ommijiet.

## 4.17 Elementi ta'intertestwalità

B'mod ġenerali, il-ktieb huwa xoqqa b'elementi kulturali tat-tmeninijiet, fosthom kotba u kittieba. Il-kumplament huma diskussi f'Kapitlu 6.

Kultant Formosa jinkludi dettalji li forsi għall-età tal-protagonist ikunu ġodda bħal *Crime and Punishment*. Hawnhekk tidher rabta bejn l-isem tal-ktieb u s-sitwazzjoni, għaliex meta l-ġenituri għajtu miegħu, ħass li bħala kastig għandu jingħalaq f'kamartu: "Lanqas televixin ma ħallewni nara. Aċċettajt kollox bi qlubija u kuraġġ kbir [...] ikkunslajt billi bdejt naqra Crime and Punishment ta' xi ħadd jismu Dostoyevsky" (Formosa, 2004: 30). *Crime and Punishment* huwa ktieb imsejjes fuq l-esperjenza terribbli ta' Dostoyevsky li tintrabat mas-sistema monarkika li kellha l-krudeltajiet tagħha għaliex kienet tibbaża fuq il-livelli tal-klassijiet tar-Russja Tzarista (Uwasomba, 2011: 141). Għaldaqstant, huwa ktieb li għal ġuvni ta' 15-il sena jista' jitqies pjuttost diffiċli. Isemmi wkoll xi eżempji ta' rumanzi Maltin bħal *Ineż Farruġ* u Formosa jaħtaf l-opportunità biex jagħmel pass lura fiż-żmien u jagħti dettalji fuq tradizzjonijiet Maltin: "ma' driegħi tal-lemin maktur tal-ħarir imżewwaq li tkun tatni omm l-għarusa b'tifkira tal-kelma li tajt lil bintha" u "raġel kien jidħol l-ewwel qabel il-mara fid-dar" (Formosa, 2004: 6).

## 4.18 Xi limiti udiffikultajiet

Wara analiżi dettaljata tar-rumanz *SĦMDT* ġew innutati xi limitazzjonijiet. L-istampa tal-iżbandola u l-ajruplan tal-karti fuq il-qoxra jagħmlu l-ktieb jidher wieħed t'avventura, mentri fil-verità mhux. It-tipa użata, Times New Roman, tagħmilha diffiċli sabiex qarrejja b'ċerti kundizzjonijiet (eż. l-Awtiżmu) jirnexxilhom jaqraw ir-rumanz. Veszeli u Shepherd (2019: 73) jemmnu li l-kulur, il-materjal u l-ispazju bejn is-sentenzi wkoll iħallu impatt. Għaldaqstant, il-ktieb ma sarx b'mod realistiku biex jirrifletti djarju proprju, speċjalment minħabba l-fatt li d-dati huma run on text. Barra minn hekk, kien ikun iktar għaqli li jagħżel il-granet meta jħoss il-bżonn li jikteb u mhux jikteb kuljum bil-konsegwenza li ġieli ma jkunx jaf x'jaqbad jikteb, għaliex l-istil jidher monotonu jew imġebbed.

Kultant, waqt li qed jikteb, il-kittieb jagħmel xi referenzi kulturali li jagħmluha diffiċli biex xi qarrejja li twieldu jew kibru lil hinn mis-snin 80 ikunu konxji ta' xi dettalji, u għalhekk ma jifhmux il-kuntest. Ħarsa lejn il-vokabularju turi li Formosa ma jiddistingwix bejn diskors użat minn adulti (bħal omm Daniel), u dak użat minn adolexxenti, għaliex id-djalogi huma msawra minn lingwaġġ simili, irrelevanti minn min qed jitkellem.

## 4.19 L-għeluq

Wara analiżi tal-istil, wieħed jista' jikkonkludi li l-kittieb żewweġ tekniki li jintrabtu mal-ġeneru tradizzjonali tad-djarju flimkien ma' tekniki li jmorru lil hinn. Din hija xhieda tal-esperimentazzjoni ta' Formosa u ta' kif il-ġeneri ġieli jinbidlu. F'dan il-kapitlu ġie analizzat l-istil li l-kittieb ħaddem fil-ktieb tiegħu fid-dawl ta' teoriji, kritiċi u studji li jintrabtu mas-sengħa tal-kitba, letteratura għat-tfal u edukazzjoni.

Permezz tal-preżentazzjoni ta' sitwazzjonijiet u realtajiet komuni, u l-għażla mirquma tal-kelma letterarja u l-istil abbinat magħha, Formosa jirnexxilu jgħaddi lill-qarrejja minn medda ta' esperjenzi u jitqanqlu fihom damma ta' emozzjonijiet. Kemm qarrejja żgħażagħ, kif ukoll adulti, jistgħu jsibu gost fil-qari għaliex iż-żgħażagħ jistgħu jqisu l-kitba bħala mera ta' ħajjithom u l-adulti jistgħu jagħmlu pass lura fiż-żmien u jġeddu l-memorji tagħhom ta' meta kienu għadhom adolexxenti. Għaldaqstant, dan id-djarju partikolari jista' jitqies bħala cross-over għaliex faċilment jista' jgħaddi bħala ktieb għall-adulti, minkejja li jittratta d-dinja tal-adolexxenti.

# Il-Ħamis Kapitlu

# Il-kuntestedukattiv: L-edukazzjoni tradizzjonali

## 5.1 L-introduzzjoni

Sa mill-bidu, il-protagonist u n-narratur idaħħlu lill-qarrejja f'kuntest edukattiv li xorob ħafna mill-mument meta nkiteb il-ktieb.

## 5.2 L-għalliema fiċ-ċentru

Il-mudell ta' edukazzjoni tradizzjonali jqis lill-għalliema bħala l-aġenti tat-tagħlim filwaqt li l-istudenti huma passivi (Michel et al., 2009: 400). Okkorrenza partikolari tidher meta Daniel juri interess f'suġġett partikolari u jgħid li l-għalliem: "Kisirni waħda sew!" (Formosa, 2004: 222). Aġir bħal dan, li jintrabat ukoll mal-immaniġġjar tal-klassi, iħalli impatt negattiv fuq l-istudenti għaliex ma jinkoraġġihomx biex jerġgħu jippruvaw isemmgħu leħinhom.

Bourdieu (1973: 73) jemmen li l-istudenti jvarjaw minn xulxin minħabba l-habitus, id-drawwiet u l-ħiliet uniċi. B'hekk, l-għalliema għandhom ikunu sensittivi u jaċċettaw kull student. Madanakollu, meta Daniel ġie mwaqqa' għaċ-ċajt mill-għalliem, staħa, u b'hekk darb'oħra jaħsibha darbtejn biex jitkellem fuq xi ħaġa lil hinn mis-suġġett (Formosa, 2004: 222).

Moore (1982: 36) iqabbel l-irwol tal-għalliema ma' ġardinar responsabbbli fit-tkabbir tal-pjanta. Allura, huwa argumentat li l-għalliema jgħinu fit-tkabbir tal-istudenti imma ma jistgħux jgħallmuhom jikbru jew jiżviluppaw. B'hekk, l-involviment tal-istudenti stess fl-

edukazzjoni huwa importanti.

Fl-iskola postsekondarja, Daniel jagħmel iktar kuraġġ isemma' leħnu: "Mort dritt fuq il-lecturer u għedtlu li ma rridx noqgħod aktar fl-istess grupp ta' studenti waqt il-lectures u t-tutorial" (Formosa, 2004: 227). Madanakollu, fl-ebda mument ma jagħti indikazzjoni li l-għalliema approvat it-talba tiegħu.

Fis-sekondarja l-istudenti kienu jħossu li ma kinux ikkunsidrati. Fil-fatt, Daniel iħossu mwarrab meta ħadd mill-għalliema ma induna li kien għaddej minn żmien diffiċli:

> Ħadd ma ta kas. Lanqas l-għalliema! Għalihom ħej aħna l-istudenti numru biss; 20, 23, 25 fil-klassi għalihom xorta. Ma jafux dawn li aħna wkoll sensittivi għall-emozzjonjiet umani? (Formosa, 2004: 26).

Hija idea żbaljata li l-għalliema huma infallibbli. Freire (1983: 145) jgħid li sa ċertu punt din l-idea ġejja mill-mod kif kienu jippreżentaw lilhom infushom l-għalliema fis-snin 60 u qabel: dawk li jafu kollox u l-istudenti ma jafu xejn. Imma fil-verità l-ebda individwu, lanqas l-għalliema, ma jistgħu jaġixxu ta' individwi perfetti maqtugħa mir-realtà. Għaldaqstant, għal żmien twil twieldet l-idea li jekk l-għalliema jieħdu żball kienet tfisser nuqqas ta' kompetenza fihom u fil-proċess tat-tagħlim fl-istituzzjoni.

Maż-żmien, l-aspettattivi tal-ġenituri kibru għaliex bdew jistennew li wliedhom jagħmlu suċċessi akbar fl-iskola u jekk le jkun tort l-għalliema (Kane & Mallon, 2006: xiii). Dan il-ħsieb jintrabat mal-effettività tal-għalliema bħala l-unika sors għas-suċċess akkademiku, allura mal-iċken żball li jagħmlu, se jsibu lill-ġenituri jippuntaw subgħajhom lejhom. Madanakollu, il-ħsieb li l-għalliema qatt ma jistgħu jiżbaljaw huwa ħsieb li maż-żmien iktar qed jgħib, però Daniel xorta jitkażża meta l-għalliem tal-Matematika jieħu żball (Formosa, 2004: 44-45). Għaldaqstant, wieħed jikkonkludi li l-idea li l-għalliema ma jistgħux

jiżbaljaw kienet għadha preżenti fit-tmeninijiet, għall-inqas f'Daniel.

## 5.3 It-tagħlim dirett

It-tagħlim dirett jistrieħ fuq l-idea li l-għalliema jwasslu l-kontenut lill-istudenti u huma jisimgħu u jobdu (Ellis, 2005: 28). Fl-iskola postsekondarja, l-istrateġiji tal-għalliema ta' Daniel ma nbidlux. Tant hu hekk, li jiddeskrivi kif lecturer partikolari kienet tidħol fil-klassi, tpoġġi u tgħaddas rasha fil-qari, mingħajr ma tindenja ruħha ssaqsi jekk l-istudenti jkunux qed jifhmu (Formosa, 2004: 227). Din l-azzjoni wasslet biex Daniel jipprova jibbrilla u jkun "l-ewwel fil-klassi" (Formosa, 2004: 216), milli fuq dak li jista' jiggwadanja mil-lezzjoni.

Bosta għalliema jemmnu li l-kwiet u d-dixxiplina fil-klassi huma ċ-ċavetta għat-tagħlim effettiv. Kultant, l-importanza żejda fuq l-iskola twassal biex l-istudenti jħossuhom skomdi u jispiċċaw jirvillaw (Formosa, 2004: 13-15). Fil-verità, l-immaniġġjar tal-klassi li japplika s-Sir tal-Kimika ma tagħtix lok għal immaġinazzjoni u kreattività, għaliex jemmen li l-biża' trażżan lill-istudenti. It-tip ta' klassi li xtaq dal-għalliem ma tħejjix lill-istudenti biex jikbru f'ċittadini attivi li jafu jieħdu inizjattiva; anzi, bil-maqlub, qegħdin jiġu mrawmin biex jobdu biss.

Madanakollu, mhux kull lezzjoni kienet suċċess. Ngħidu aħna, Daniel jgħid li l-lezzjonijiet tal-Istorja kważi ma swew għalxejn għaliex ma jiftakarx wisq minn dak li suppost tgħallem (Formosa, 2004: 156). Il-fatt li Daniel jinsab fl-aħħar sena tas-sekondarja, ifisser li kien ilu jagħmel eżamijiet ta' dan is-suġġett, imma minkejja li għadda mill-eżamijiet, wara ma kien jiftakar xejn.

L-edukazzjoni titlob ir-responsabbiltà tal-istudenti billi jirrevedu l-kontenut li jkun sar fil-klassi. Waħda mid-differenzi bejn il-metodi tradizzjonali u dawk progressivi hija li f'kuntest ta' tagħlim dirett, l-għalliema tagħti l-istruzzjonijiet sabiex jgħaddu minn eżami jew

test. Fil-każ ta' Daniel u sħabu, l-għalliem tal-Malti tas-sekondarja kien jgħaddilhom il-botti biex ifakkarhom li kien qed igerbeb iż-żmien għat-test u li jridu jistudjaw (Formosa, 2004: 46). L-idea kontemporanja tal-għalliema ideali tintrabat ma'

> The development of competent and professional teachers who are able to reflect on their practice, have robust knowledge of their subject, a fascination with pedagogy and its implications for teaching and learning. (Darmanin & Mayo, 2007: 6).

Fil-fatt, illum l-għalliema qed jorbtu l-idea tal-studju ma' assessjar kontinwu u bl-użu ta' riżorsi (inkluż dawk teknoloġiċi) li ħafna drabi l-istudenti jieħdu iktar pjaċir bihom milli kieku jaħdmu karti tat-taħriġ.

## 5.4 Ix-xogħol għad-dar, l-eżamijietu l-assessjar

Fl-iskola ta' Daniel l-għalliema kienu jagħtu xogħol għad-dar biex jaraw kemm tgħallmu l-istudenti. Minkejja li huwa metodu tajjeb ta' reviżjoni, mhux neċessarjament li ssir enfasi kbira fuqu. Fi klassijiet tradizzjonali, l-istudenti jkunu kkastigati jekk ma jagħmlux dak li hu mistenni minnhom (Mohamed, 2018: 5). Fil-fatt, l-għalliema ta' Daniel kienu jagħmlu xenata jekk xi ħadd ma kienx jirritorna l-iskola bix-xogħol (Formosa, 2004: 30).

Kultant, l-għalliema stess kienu jindunaw li l-attenzjoni żejda lejn is-suċċess akkademiku qed tħalli impatt negattiv. Dan jidher meta Daniel jgħid:

> L-għalliema qaluli llum biex neħodha bil-mod fl-istudju, nikkalma ftit, għax kif rawli għajnejja ħomor miksurin u għajjenin inħasdu. Qaluli biex inqassam il-ħin sew tal-istudju, nagħmel forma ta' timetable. (Formosa, 2004: 61).

Minkejja li apprezza l-fatt li l-għan ewlieni tal-għalliem kien li jġiegħel lill-istudenti

jistudjaw, il-fatt li kkanċella t-test bi prova biex Daniel ikun jista' jagħmlu wkoll, turi kemm kien determinat li t-testijiet huma l-unika metodu li jwasslu lill-istudenti jistudjaw (Formosa, 2004: 55).

## 5.5 L-għalliema u t-taħriġ professjonali

Il-professjoni tal-għalliema titlob taħriġ kontinwu biex iżommu ruħhom aġġornati (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012: 24). Daniel jiddeskrivi l-għalliem tal-letteratura Ingliża bħala mhux sod ħafna fit-teorija u l-prattika tas-suġġett tiegħu. Madanakollu, dan huwa ġudizzju suġġettiv ta' student, mhux ġudizzju professjonali fuq għalliem. Minkejja li teżisti l-possibilità li Daniel jesaġera jew saħansitra jigdeb għall-fini tiegħu, fil-verità nemmen li l-kittieb wassal messaġġ li mhux kull għalliem jibqa' kompetenti biżżejjed wara snin twal. Skont Furlong (2015: 5) hemm tliet affarijiet neċessarji għal tagħlim addattat. L-ewwel hemm bżonn li l-istituzzjonijiet jimpjegaw edukaturi dedikati. Wara hemm bżonn li l-edukazzjoni toffri taħriġ u appoġġ kontinwu sabiex tassigura l-aħjar tagħlim għall-istudenti.

Daniel donnu jissimpatizza mal-għalliem u jlesti ruħu biex jgħinu jekk jeħel fl-ispjegazzjoni. Isemmi wkoll li hemm il-possibilità li jekk jiżbalja, l-għalliem probabbilment ma jindunax (Formosa, 2004: 33). Dan jintrabat ukoll mal-pedagoġija tal-iżball għaliex għalliema tajba jieħdu l-opportunità biex minn żball (irrelevanti jkunx sar mill-għalliema jew l-istudenti) jiftħu l-ispjegazzjoni. Tant hu hekk, li Frodesen u Holten (2003: 141-161) jgħidu li kultant korrezzjoni ta' żball isservi bħala l-iktar attività effettiva fi klassi. Jista' jkun li l-għalliem tal-letteratura jagħmel tabirruħu li ma jindunax bl-iżball biex ma jaqax għaċ-ċajt, imma wara kollox "[m]aking mistakes is part and parcel of learning" (Krishnan, 2018).

Minħabba l-kontenut teoretiku u prattiku, għalliema professjonali jridu jkunu kapaċi jirriflettu fuq il-metodi u l-lezzjonijiet li jużaw (Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012:

24). Korthagen et al. (2001) jgħidu li riflessjoni fil-fond u wiesgħa hija kompetenza neċessarja għall-għalliema biex ikomplu jiżviluppaw professjonalment. Għaldaqstant, jekk veru l-għalliem tal-letteratura Ingliża ma kienx jintebaħ li kieku ħa żball, jimplika li ma tantx kien iqatta' ħin jaħseb dwar x'seta' mar ħażin fil-lezzjonijiet tiegħu. Il-qarrejja jridu jkunu xi ftit suspettużi tan-narratur; jista' jkun Daniel kien l-iżbaljat u mhux l-għalliem. Personalment nemmen li Formosa xeħet din l-ispjegazzjoni f'fomm Daniel biex iħeġġeġ il-pubbliku li se jaqra xogħlu li kultant żball kapaċi jwassal għal xi ħaġa tajba.

Sa ċertu punt, il-professjoni tal-għalliema kienet titkejjel fuq kemm studenti jirnexxilhom jgħaddu mill-eżamijiet (Baker et al., 2010: 1), għaliex skont Daniel l-għalliem tal-Malti kien jistinka biex kulħadd jgħaddi ħalli juri kemm hu għalliem tajjeb (Formosa, 2004: 32). Madanakollu, din hija l-perspettiva ta' Daniel. Hemm mod ieħor kif il-qarrej jinterpreta l-aġir tal-għalliem: għalliem responsabbli u dedikat għaliex jaf il-konsegwenzi tal-highstakes assessments, bħalma huma l-eżamijiet, u l-effetti tagħhom fil-ħajja tal-istudenti. L-istess jista' jingħad meta l-għalliem tal-Malti rrabja ħafna meta rrealizza li kien hemm ħafna li marru ħażin fit-test. Tant hu hekk, li ddedika ħafna ħin mil-lezzjoni biex jispjegalhom xi wħud mill-iżbalji li sab fil-karta hu u jikkoreġi (Formosa, 2004: 66).

## 5.6 Ir-realtà tal-iskola

Dewey (1997: 105) jisħaq li l-għan ewlieni tal-edukazzjoni għandu jkun li toffri l-opportunità lill-individwi biex ikomplu jkabbru l-għarfien tagħhom, fosthom permezz tad-dixxiplina. Id-dixxiplina fl-iskola sekondarja ta' Daniel kienet tinżamm l-iktar mill-Kap tal-Iskola. Hu u sħabu kienu jibżgħu minnu għaliex mawra sal-uffiċċju tas-Surmast kienet tfisser kastig (Formosa, 2004: 23).

Xi kummenti li jagħmel Daniel juru li r-realtà li jaspira li jkollhom studenti futuri hija

kompletament differenti minn dik li għex hu bħala student:

> Li kieku jiena nkun Sir, ma nagħti h.w. qatt, lit-tfal inħallihom jieklu fil-klassi, joqogħdu bilqiegħda fejn iridu jew inkella jbiddlu l-bankijiet bejniethom kull tant żmien, u nofs il-lezzjonijiet niddedikahom għaċ-ċajt. (Formosa, 2004: 46-47).

L-edukazzjoni trid tiżgura li l-istudenti jkunu preparati b'abbiltajiet u ħiliet meħtieġa għal ħajjithom (Ballantine & Stuber, 2017: 62). Madanakollu, irid ikun hemm bilanċ bejn il-preparazzjoni tal-istudenti għas-soċjetà u t-tħejjija għall-impjieg. Fil-pedagoġija tradizzjonali, l-istudenti jiġu ppremjati biss talli jobdu mill-għalliema u jġibu marki għoljin. Din il-pedagoġija tonqos milli taqdi l-iżvilupp tal-ħiliet tal-istudenti tas-seklu 21 li jinkludu: kreattività, ħsieb kritiku, komunikazzjoni, u oħrajn (Scardamalia & Bereiter, 2014: 61-63). Bis-saħħa tal-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali*, l-istudenti jingħataw l-opportunità li jiksbu kwalifika formali fil-kompetenza ewlenija bħala l-pedament għat-tagħlim tul il-ħajja (Ministry of Education and Employment, 2012: iii).

Illum jidher li l-opportunitajiet żdiedu għaliex l-istudenti jistgħu jistudjaw f'ambjent li jirrifletti l-professjoni li jixtieq ikollhom. Madanakollu, Daniel fl-ebda mument ma jsemmi li l-iskola li kien jattendi, kemm sekondarja kif ukoll postsekondarja, kien hemm postijiet li fihom l-istudenti setgħu jipprattikaw daqslikieku jkunu fuq il-post tax-xogħol. Perspettiva oħra tqis l-indħil tal-industrija fl-iskola bħala mezz ta' kontroll tal-imħuħ. Huwa neċessarju li s-sistema edukattiva ma ddurx biss madwar in-nies li jaħdmu, għaliex inkella kif jiddeskriviha Marx, issir biss aljenazzjoni mill-affarijiet iktar importanti (Wilson, 2017: 20-28). L-iskop tal-edukazzjoni m'għandux ikun li tipprepara l-istudenti għad-dinja tax-xogħol biss, inkella tkun qed tiffavorixxi l-Kapitaliżmu. Bowles u Gintis (2002: 12) jemmnu li l-kurrikulu, formali udak

mistur, għandu l-għan li

> Produce future workers, may seem to be based on the notion that schools socialize students to accept, values, and forms of behaviour on the basis of authority, rather than the students' own critical judgments of their interests.

Għaldaqstant, ix-xewqa ta' Daniel li jbiddel il-metodi li jużaw l-għalliema tiegħu jimplikaw li jixtieq jinħoloq ambjent ta' tagħlim li jappoġġja edukazzjoni għal kulħadd. L-importanti li l-esperjenza tat-tagħlim tkun waħda sabiħa u effettiva għaliex wara kollox l-edukazzjoni mhix tħejjija għall-ħajja; l-edukazzjoni hija l-ħajja nnifisha (Dewey, 1916: 239).

Ir-realtà tal-iskola ma kinitx waħda ideali, tant li Daniel iqabbilha mal-ħabs u Frankuni: "[il-]ħabs u Frankuni, huma l-uniċi postijiet fejn in-nies imorru kontra qalbhom" (Formosa, 2004: 28). Mit-tmeninijiet 'l hawn saret bidla kemm fl-isem kif ukoll fil-ħsibijiet li jintrabtu ma' dawn iż-żewġ postijiet. Illum sirna nirreferu għalihom bħala Sptar Monte Carmeli u l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Iż-żewġ postijiet joffru opportunità biex dak li jkun jingħata ċ-ċans għal ħajja aħjar. Madanakollu, Daniel jagħmel referenza differenti għal dawn il-postijiet sforz il-kultura lokali li kienet tirreferi għalihom b'mod differenti.

Biex l-istudenti jibbenefikaw mija fil-mija, l-edukaturi jridu jkunu kuntenti wkoll. Fil-każ tal-għalliema ta' Daniel, uħud minnhom kienu jidhru li huma mdejqa. Dan jidher meta sema' lil uħud jgħidu "aħna qegħdin f'ħabs u mhux it-tfal" (Formosa, 2004: 36).

Mill-banda l-oħra, l-iskola kienet tagħmel ħilitha biex almenu fl-aħħar snin tas-sekondarja tagħti tifkira lill-istudenti; l-għalliema jieħdu ritratti mal-istudenti u jinġibed anke xi vidjow (Formosa, 2004: 96).

## 5.7 Ir-realtà tal-klassi

Daniel jirrealizza li bosta għalliema fl-iskola sekondarja kienu jidħlu rrankati fil-klassi biex jibdew il-lezzjoni mingħajr ebda komunikazzjoni mal-istudenti: "Naf li s-Sur Amato, hekk kif jiġi filgħodu, jidħol dritt fil-klassi, jew lecture room insomma. Ma jkun irid ikellem lil ħadd" (Formosa, 2004: 270).

Klassijiet kbar joffru sfida lill-għalliema u lill-istudenti, speċjalment dawk li jħossuhom skomdi jistaqsu u jipparteċipaw quddiem klassi kbira (Ballantine & Stuber, 2017: 221). Daniel jgħid li fil-klassi kienu 24 – numru li għalih jidher kbir għaliex jammetti li kien jippreferi jkun fit-tutorials għaliex: "Inkunu ftit, u aktar inkunu nistgħu nitkellmu mal-għalliem" (Formosa, 2004: 218).

L-interazzjoni fil-klassi hija neċessarja. B'hekk, l-għalliem irid ikun kawt fil-mod kif jindirizza lill-istudenti fil-klassi biex jassigura li l-istudenti jipparteċipaw kemm jista' jkun. It-tqassim fi gruppi żgħar huwa utli għaliex b'hekk l-istudenti jkollhom l-opportunità li jikkomunikaw iktar (IRMA, 2015: 543, 765).

Rocca (2010: 185-213) jemmen li l-parteċipazzjoni tal-istudenti titnaqqas b'mod drastiku meta jikber l-għadd tal-istudenti. Wara l-ftehim li sar fl-2017 bejn il-Gvern ta' Malta u l-Unjin tal-Għalliema (MUT), ġie deċiż li idealment kull klassi ma jkollhiex iktar minn 26 student (European Commission, 2022). Minħabba li l-involviment tal-istudenti fil-lezzjonijiet, flimkien mal-mistoqsijiet li jagħmlu, għandu sehem importanti fis-suċċess akkademiku, jekk l-istudenti ma jipparteċipawx minħabba l-kobor tal-klassi ma jkunux qed jibbenefikaw kompletament mill-proċess tat-tagħlim.

Ir-rutina tal-klassi tħalli impatt fuq l-istudenti għaliex l-istess rutina kapaċi twassal għall-monotonija. Għalkemm matul ir-rakkont Daniel ftit li xejn jagħmel referenza għat-tip

t'attivitajiet li jsiru fil-klassi, il-mod kif jiddeskrivi r-rutina turi li bosta lezzjonijiet kienu jsiru bl-istess mod (Formosa, 2004: 227).

Minkejja li r-rassenja hija importanti għaliex l-għalliema jkollhom rendikont ta' min kien preżenti, hemm modi differenti kif wieħed jagħmilha. Il-metodu li kienu jużaw ħafna mill-għalliema ta' Daniel ma kienx ideali: "Għamel l-attendenza ta' malajr kif daħal għat-tieni lezzjoni, eżatt bħal ta' qablu. Rari ssib wieħed li jiċċekkjana sew" (Formosa, 2004: 88).

Fis-sekondarja, il-maġġoranza tas-suġġetti mgħallma huma obbligatorji, fosthom dawk li huma neċessarji biex l-istudenti jkomplu jistudjaw: il-Malti, l-Ingliż u l-Matematika. Imbagħad hemm dawk li huma fakultattivi, pereżempju l-Kimika u l-Bijoloġija, li fil-fatt kien jistudja Daniel. Il-fatt li meta mar fl-iskola postsekondarja għażel it-Taljan, il-Franċiż u l-Ingliż, probabbli kien minħabba li dawn is-suġġetti rnexxielu jġib l-O levels tagħhom (Formosa, 2004: 162-3). Għall-kuntrarju, il-Filosofija għażlu bħala suġġett ġdid. Meta mqabbel ma' suġġetti oħra, Daniel iqis il-Malti bħala l-eħfef (Formosa, 2004: 156).

Għal żmien twil, l-unika suġġett morali li kien jiġi mgħallem kien ir-Reliġjon, imma llum il-ġenituri jistgħu jagħżlu li wliedhom jitgħallmu s-suġġett tal-Etika minflok (Mizzi, 2019: iii). Fil-każ ta' Daniel, fl-ebda mument ma jsemmi li seta' jagħżel dan is-suġġett.

Huwa interessanti kif Daniel u sħabu jiddefinixxu s-suġġetti li jitgħallmu għaliex minn kliem Daniel jidher li jistudjaw biss bil-għan li jġibu l-eżamijiet biex ikomplu jimxu lejn il-karriera li jridu u mhux neċessarjament għax jemmnu li huma essenzjali għal ħajjithom:

> Dalwaqt se jibdew l-eżamijiet tal-Annwali l-iskola. Jiena mhux se nagħmilhom. U ħadd minn sħabi tal-klassi. X'nambihom? Jiena għal skola postsekondarja issa. U hemmhekk l-eżamijiet taċ-ĊES iridu. (Formosa, 2004: 129).

## 5.8 Is-sehem tal-ġenituri

B'mod ġenerali, is-sehem tal-ġenituri fl-ambjent edukattiv deskritt fil-ktieb ftit li xejn jissemma. Il-ġenituri ta' Daniel jidher li jissapportjaw il-filosofija tal-iskola: is-suċċess akkademiku. Tant hu hekk, li meta missieru ħass li ma kienx mar tajjeb, naqqaslu l-pocket money (Formosa, 2004: 163). Barra minn hekk, Daniel sikwit tisimgħu jgorr li missieru jistenna li jmur tajjeb ħafna bħalma għamlet oħtu (Formosa, 2004: 156).

Minkejja li hemm xi forma ta' komunikazzjoni bejn l-iskola u l-ġenituri tal-istudenti, fil-verità hemm lok għal iktar involviment tal-ġenituri. Dan għaliex, mill-mod kif kien jitkellem Daniel, l-iskola kienet tikkuntattja lill-ġenituri meta jinqala' xi ħaġa, pereżempju meta l-istudenti jkunu ġabu ruħhom ħażin. Is-sena 1994 kienet nominata bħala s-sena internazzjonali tal-familja u huwa proprju għalhekk li l-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta kienet ħejjiet konferenza li fiha ġie diskuss kif jista' jkun hemm kollaborazzjoni bejn l-għalliema u l-ġenituri għal edukazzjoni aħjar (Sultana, 1994).

Minn kliem Daniel u sħabu jidher li l-ġenituri kienu jemmnu dak kollu li jgħidulhom mill-iskola, irrelevanti jekk uliedhom kienu jiċħdu jew ma jaqblux ma' dak li jkun intqal fuqhom (Formosa, 2004: 26). Minkejja li huwa neċessarju li l-ġenituri jkollhom fiduċja fl-edukaturi, hemm bżonn ukoll li l-istudenti jkollhom iċ-ċans li jsemmgħu leħinhom. Gatto (2005: 104-105) jisħaq li l-ġenituri flimkien ma' wliedhom għandhom jieħdu l-kontroll tal-edukazzjoni f'idejhom u mhux iħallu l-għalliema jkunu s-sewwieqa tas-suċċess akkademiku tal-ġenerazzjonijiet futuri. Personalment, jien nemmen li l-ideal huwa li l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri jiġbdu ħabel wieħed. B'hekk, ma naqbilx mija fil-mija li l-ġenituri u wliedhom jieħdu l-kontroll f'idejhom, għaliex bl-ebda mod m'għandhom iħallu lill-edukaturi fil-ġenb.

## 5.9 L-għeluq

L-analiżi tal-kuntest edukattiv fil-ktieb *SĦMDT* uriet li l-kittieb iddeskriva realtà edukattiva pjuttost tradizzjonali. Fl-edukazzjoni tradizzjonali, l-istudenti jattendu l-lezzjonijiet fil-ħin skedat, jitgħallmu kontenut minn suġġetti varji u suppost jgħaddu mill-eżamijiet biex ikomplu jimxu fil-karriera li jixtiequ li jkollhom; min ma jikkonformax ma' dan il-mudell, jitwarrab u jħallas konsegwenzi soċjali.

Daniel huwa prototip ta' kull student li jgħix din ir-realtà skolastika. Għaldaqstant, il-ktieb hu dokument realistiku tal-ħajja ta' student li kien jattendi l-iskola fis-snin 80. F'xogħlu, Formosa għaraf jirreplika mudell ta' sistema edukattiva tradizzjonali Maltija. Il-kittieb stess qal li f'Daniel jara lilu nnifsu u ż-żmien sabiħ li għadda meta kien ta' dik l-età (Formosa, 2004: v). Wieħed jista' jqis il-kittieb bħala Realista kompjaċenti li dmiru hu biss li jieħu ritratt konvinċenti tal-iskola biex donnu jiddokumenta f'xogħol letterarju dak kollu li għadda minnu hu meta kien student.

# Is-Sitt Kapitlu

# Il-kuntest kulturali: It-tmeninijiet

## 6.1 L-introduzzjoni

Test letterarju b'aspetti kulturali joffri sfida lill-qarrejja li jaqrawh fi żminijiet differenti minn meta nkiteb jew fejn ikun ambjentat (Zammit, 2015: 2). Kunow u Mussil (2013: 59) jispjegaw li sabiex tinterpreta xogħol letterarju sew, trid tistudja t-test innifsu u l-kuntest kulturali, u tagħmel 'dijanjosi kulturali'.

Il-bagalja lingwistika wkoll tiddependi fuq l-esperjenzi kulturali (Dockrell & Messer, 2004: 35-52). B'hekk, importanti li l-qarrejja jimmaġinaw ruħhom mal-kultura misjuba fix-xogħol moqri.

F'dan il-kapitlu se jiġu mistħarrġa xi elementi kulturali li Formosa niseġ fid-djarju li jindikaw u jiddeskrivu żmien partikulari fl-istorja: is-snin 80 tas-seklu li għadda.

## 6.2 Il-kantanti ul-mużika

Il-programmi mużikali li kienu qed isiru fuq ir-redifussion kellhom rabtiet estensivi ma' stazzjonijiet Ewropej u kienu jimitaw ħafna l-programmi barranin (Sant, 2016: 72). Wara l-Indipendenza feġġet b'saħħa l-mużika pop bil-Malti, u bħal barra minn Malta, dehru diversi gruppi beat b'mużika importata u oħrajn li bdew jikkomponu mużika oriġinali (Tabone, 2021: 16). Tnejn mill-gruppi popolari tal-mużika pop f'Malta fis-snin 70 u 80 kienu 'The Tramps' u 'The Malta Bums', li kisbu suċċess barra minn Malta wkoll (Micallef, 2018).

Interessanti kif Daniel, sikwit isemmi kantanti u mużika li mhux normalment isemmu

żgħażagħ fis-seklu 21. Dan jagħti ħjiel li l-ambjentazzjoni tal-ktieb tiegħu lill-qarrejja lura lejn it-tmeninijiet. Mhux darba jew tnejn li Daniel stqarr li togħġbu l-opra; kultant anke jqabbel lilu nnifsu ma' xi sopran bħal Domingo, Pavarotti jew Carreras. Il-qarrejja jindunaw li l-preferenza ta' missieru għall-opri ħalliet impatt fuqu għaliex hu stess jammetti li: "Drajthom issa lil dawn. Ħa jsemmihom xi darba oħra missieri!" (Formosa, 2004: 13).

Fis-snin 80 kienet qed titqajjem l-influwenza tal-mużika heavy metal, fosthom ta' Bon Jovi (Ray, 2012: 64). Daniel isemmi kif Bon Jovi għandu kanzunetta partikolari (li għal xi raġuni ma jiktibx isimha fid-djarju) li tant togħġbitu, li "meta nkun nervuż jew bid-dwejjaq nibda nkantaha waħdi minn taħt l-ilsien, u mbagħad dejjem inżid" (Formosa, 2004: 266).

Isemmi wkoll kanzunetta li għadha popolari sal-lum: 'We don't need no Education' tal-Pink Floyd. F'nofs is-sebgħinijiet ifjorixxiet il-mużika art rock li tinkludi gruppi fosthom 'il-Pink Floyd', 'Genesis', 'King Crimson', u 'Yes' (Ray, 2012: 133). Fid-diska famuża li tissemma, l-edukazzjoni tfalli għaliex twassal lill-istudenti biex ikunu kif proprju jindika l-isem proprju tad-diska għal 'another brick in the wall' (Van Biesen, et al., 2009: 3277). Probabbilment, il-kittieb inkluda din id-diska għaliex kien konxju li l-edukazzjoni ta' Daniel se twasslu biss għal mixja akkademika.

Il-protagonist isemmi wkoll il-grupp 'U2' għaliex kultant kien jixgħel ir-radju u jinzerta xi diska tagħhom. Dan il-grupp, flimkien ma' oħrajn bħal 'Police', splodew fil-popolarità tagħhom (Ray, 2012: 243). Isemmi wkoll lil Alcazar u lil Ricky Martin li kienu popolari ferm fis-snin 90 (Formosa, 2004: 126).

Il-mużika ħalliet impatt ukoll fuq il-moda, bħalma ġara fl-epoka tas-Swinging Sixties speċjalment minħabba l-importanza lill-moda popolari ta' dak iż-żmien mal-wasla tal-Beatlemania u l-Ġenerazzjoni Beat tal-1964 (Tabone, 2021: 15). Il-kantanti u l-bands kienu

qed joħorġu bi stil ta' lbies li influwenza lin-nies, speċjalment fl-istil tax-xagħar. Fit-tmeninijiet kien popolari x-xagħar twil bil-frenża li sikwit kienu jużaw il-gel biex iżommuh f'postu, l-aktar l-irġiel (Church Gibson, 2014: 12). Mill-mod kif jikteb Daniel, jidher li kien iżomm xagħru kemxejn twil tant li kien jgħatti widnejh bih (Formosa, 2004: 18). Barra minn hekk, il-fatt li kien jipprova jżommu f'postu timplika li kien juża xi prodotti bħal xi gel jew krema tax-xagħar. Dawn ix-xejriet ikomplu juru kemm il-kultura tat-tmeninijiet hija qawwija fil-ktieb (Formosa, 2006: 17).

## 6.3 L-istil tal-ħwejjeġ

L-irġiel fit-tmeninijiet kienu qed jibdew jilbsu s-suit (Steer, 2009: 24). Fil-ktieb, Daniel isemmi kif ommu xtrat id-drapp biex tħit suit lil missieru (Formosa, 2004: 208). Il-kulur iswed kien jiddomina fis-snin 80, imma mas-snin 90 bdew deħlin iktar kuluri (Steer, 2009: 58). Daniel juri taħlita ta' kuluri fil-ħwejjeġ; isemmi lbies ikkulurit – bħal jeans blu u qmis ħamra, kif ukoll kuluri skuri – bħal qmis sewda u qalziet iswed (Formosa, 2004: 168, 161).

Fis-snin 80 l-irġiel inbidlu b'dak li kien jissejjaħ snag – abbrevjazzjoni ta' sensitive new age guy għaliex bdew isiru iktar vanitużi (Craik, 1993: 166). Fil-ktieb Daniel sikwit jidher vanituż. Għal diversi snin, il-moda kienet tintrabat man-nisa imma fit-tmeninijiet twieldu bosta disinjaturi rġiel, fosthom Giorgio Armani (Rampley, 2005: 74) u Gucci li t-tnejn jissemmew f'*SĦMDT* (Formosa, 2004:84).

L-innovazzjoni teknoloġika, speċjalment bl-introduzzjoni tat-televixin, kompliet tinfluwenza l-moda tal-irġiel (Condra, 2008: 196). Fil-fatt, Daniel kien jipprova jimita dak li jara fuq it-televixin (Formosa, 2004: 168). Williams (1983: 237) jagħti erba' definizzjonijiet ta' kultura: kultura li tingħoġob mill-maġġoranza; kultura inferjuri; dak kollu li jintrabat ma' ħajjet il-bniedem; kultura maħluqa min-nies stess. B'mod ġenerali, il-kultura pop tintrabat

iktar mal-adolexxenti u tinkludi oqsma differenti, fosthom mużika, letteratura, moda, żfin, modi ta' divertiment u oħrajn; mid-deskrizzjonijiet li jagħti Formosa, jidher li l-kultura li jintrabat magħha Daniel hija dik pop.

## 6.4 Il-poeżiji, il-kotba ur-ritratti

Matul ir-rakkont, Daniel sikwit jirreferi għal xi kittieba, poeti jew xogħlijiet oħra li jintrabtu mal-epoka tat-tmeninijiet. Jagħmel referenza anke għal xi xogħlijiet partikolari bħall-poeżija 'Suldati ta' Malta' ta' Ġorġ Pisani: "Suldati ta' Malta, Suldati Maltin" (Formosa, 2004: 23). Din hija poeżija storika ispirata minn ġrajjiet li wasslu għall-gwerra. Inkitbet fil-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija u fiha l-poeta jiddeskrivi xena ta' grupp ta' suldati mexjin (Falzon, 2007: 54). Kienet ukoll l-ewwel poeżija fil-ktieb *Mill-Ġnejna Maltija* (1969) imħejji minn Gulia li ntuża fl-iskejjel għal xi snin. Din l-intertestwalità turi li l-kittieb ried li minkejja li kitbietu hija ambjentata fit-tmeninijiet, il-qarrej ma jinsiex il-patrijottiżmu u dak kollu li għaddew minnu ommijietna u missirijietna.

Kultant, Daniel jinkludi dettalji li jmissu għarfien li normalment mhux mistenni minn żagħżugħ, bħar-referenza għall-ktieb *Crime and Punishment.* Hawnhekk tidher rabta bejn l-isem tal-ktieb u s-sitwazzjoni li kien għaddej minnha, għaliex meta l-ġenituri għajtu miegħu ħass li bħala kastig għandu jingħalaq f'kamartu: "Lanqas televixin ma ħallewni nara. Aċċettajt kollox bi qlubija u kuraġġ kbir [...] ikkunslajt billi bdejt naqra *Crime and Punishment* ta' xi ħadd jismu Dostoevsky" (Formosa, 2004: 30); ktieb imsejjes fuq l-esperjenza terribbli ta' Dostoevsky li tintrabat mas-sistema krudili tar-Russja Tzarista (Uwasomba, 2011: 141). Għaldaqstant, huwa ktieb li għal ġuvni ta' 15-il sena jista' jinħass diffiċli.

Isemmi wkoll rumanzi Maltin bħal *Ineż Farruġ* (Caruana, 2001), u Formosa jaħtaf l-opportunità biex jagħmel pass lura fiż-żmien u jagħti dettalji fuq tradizzjonijiet Maltin:

"Imgerbeb ma' driegħi tal-lemin maktur tal-ħarir imżewwaq li tkun tatni omm l-għarusa b'tifkira tal-kelma li tajt lil bintha" u "raġel kien jidħol l-ewwel qabel il-mara fid-dar" (Formosa, 2004: 6).

Il-bejgħ tal-gazzetti mill-ħwienet ukoll jindika li l-atmosfera mhix ambjentata riċentament. Tidher ukoll l-intertestwalità għaliex il-possibilità hija li l-qarrejja jorbtu l-bejgħ tal-gazzetti mal-poeżija 'Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti' ta' Ġorġ Borg – poeżija misjuba f'bosta antoloġiji għall-istudenti. Permezz ta' versi mill-isbaħ, Borg jiddikjara l-imħabba bla qies lejn il-ġenituri lil hinn mill-aspett materjali (Spiteri, 2021). B'mod ġenerali, iż-żgħażagħ tampar Daniel illum il-ġurnata ma tantx jixtru l-gazzetti mill-ħwienet, imma Daniel mhux talli jgħaddi jixtri l-gazzetti imma jsemmi wkoll l-ismijiet tal-gazzetti: "'L-Orizzont', it-'Times', 'In-Nazzjon Tagħna' u l-'Independent'" (Formosa, 2004: 78).

Evidenza oħra hija li Daniel ta' sikwit imur il-librerija biex jissellef il-kotba. Minkejja li din il-prattika għadha sseħħ, Daniel ma jsemmi ebda forma oħra ta' servizz ieħor biex isib l-informazzjoni. Illum hawn diversi modi teknoloġiċi liż-żgħażagħ jużaw biex jaqraw; isibu artikli, vidjows u stampi online. Saret komuni wkoll li jinqraw kotba elettroniċi permezz ta' Kindle fost oħrajn (Bunkell & Dyas-Correia, 2009: 215-219). Il-protagonist isemmi wkoll li kellu kamera u li biha kellu ħsieb li jieħu ritratti bħala tifkira tal-wirja li kienet se ssir fl-iskola (Formosa, 2004: 153).

## 6.5 Xi ħjiel tax-xena politika Maltija

Fis-snin 80, l-awtur Malti beda jħoss il-ħtieġa li r-realtà soċjali u l-politika attwali jiġu riflessi f'xogħlijiet letterarji (Caruana, 2009: 1). F'dak iż-żmien, il-politika kienet iddominata mill-figura maskili. Darba Daniel immaġina li ommu għad tkun tajba bħala politikanta. Bil-kumment li jgħaddi jagħti x'jifhem li kienet xi ħaġa ġdida li n-nisa jkollhom sehem fil-

parlament (Formosa, 2004: 106). In-nuqqas ta' nisa fil-politika għadu jinħass sal-lum għaliex fil-verità l-parlament lokali huwa rrappreżentat minn nofs in-nies peress li l-maġġoranza tal-membri li jkunu eletti huma rġiel. Mis-snin 80 għal-lum saru xi tibdiliet għaliex il-politikanti qed jippruvaw isewwu l-iżvantaġġ b'riformi fil-kostituzzjoni biex in-nisa jkunu rappreżentati fil-parlament (Borg, 2021).

Kienet proprju s-sena 1947 li l-ewwel mara, Agatha Barbara, ġiet eletta fil-parlament Malti bħala backbencher. Barbara kompliet taħdem matul il-ħames snin ta' wara. Saħansitra kienet bdiet tagħti xi pariri biex titjieb is-sitwazzjoni soċjali ta' pajjiżna (Cremona, 2013: 38). Għaldaqstant, il-fatt li l-ktieb ambjentat fis-snin 80, jidher li l-kittieb ried juri li l-preżenza tan-nisa fil-politika kienet fjakka.

Sa ċertu punt, Daniel jista' jitqabbel mal-ideal ta' Bloom – kritiku letterarju li tkellem fuq l-involviment tan-nisa fil-kitba (Bloom, 1994: 29). Dan għaliex minkejja li ġieli jgħaddi xi kummenti sterjotipati, fil-verità xorta jimplika li jixtieq li n-nisa jkunu preżenti iktar fil-politika. Bloom jemmen fi drittijiet ugwali, fosthom is-sehem tal-mara fil-politika, imma fl-istess ħin wieħed ma jistax jikkunsidrah bħala Femminist estrem. Hu jemmen li post il-politika mhux fl-istudji letterarji, għaliex l-importanza jagħtiha biss lill-estetika preżenti f'xogħol letterarju (Showalter, 2019). Il-fatt li Daniel mhux Femminist imma fl-istess ħin hu konxju li l-mara mhix preżenti ħafna fir-realtà, torbtu ma' Bloom għaliex jemmen li hemm lok għal iktar ugwaljanza minkejja li ma jammettix b'mod dirett.

Isemmi wkoll il-pika preżenti minħabba ż-żewġ partiti ewlenin f'pajjiżna; Laburisti kontra Nazzjonalisti (Formosa, 2004: 284). L-idea ta' kitba f'tifsira politika tidher ukoll f'kitbiet ta' awturi lokali oħra bħalma jidher f'xogħlijiet ta' Friggieri, fosthom il-poeżija 'Innu lil tribù b'żewġ bnadar'. Skont Grima (2003: 115-117), f'din il-poeżija l-poeta jispjega li

jħossu barrani f'pajjiżu minħabba l-politika partiġġjana lokali – sitwazzjoni li ġegħlitu jħossu maqtugħ minn art twelidu. Jinħass ton melankoniku li jissimbolizza telf ta' poplu f'armonija għaliex skont Friggieri l-ħolqien ta' pika politika twassal biex individwu jħossu aljen f'pajjiżu (Grima, 2003: 36).

L-istoriku Pirotta (2005: 289-347) jgħid li fil-bidu tas-snin 80 Malta kienet f'xifer t'abbiss. Is-sinjali ta' gwerra ċivili kienu evidenti; Malta kienet f'salib it-toroq hekk kif kellha taffronta wieħed mill-iktar mumenti kritiċi. Il-qasma kbira bejn il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista wasslet għal instabbilità u tensjoni qawwija (Psaila, 2009: 1). Fil-ktieb hemm referenza mhux biss għall-politika lokali imma wkoll għal dik internazzjonali. Fil-fatt, il-protagonist jagħmel referenza wkoll għall-Gwerra Bierda: "Oħti ma tridxtkellimni. Għaddejja speċi ta' Gwerra Bierda bejnietna" (Formosa, 2004: 32). Dan il-paragun importanti għaliex ġiet magħżula Malta bħala post li fiha saru taħditiet biex iż-żewġ mexxejja influwenti fid-dinja ta' dak iż-żmien jersqu lejn stabbiltà u paċi. Permezz ta' dan is-summit, il-gwerra għalqet fil-bajja ta' Marsaxlokk/Birżebbuġa. Iltaqgħu fil-Bajja ta' Kalafrana nhar it-2 u t-3 ta' Diċembru tal-1989 biex isolvu l-problemi ta' bejniethom (Balzia, 2006) u ġiet fi tmiemha l-gwerra. Birżebbuġa wkoll tissemma fid-djarju (Formosa, 2004: 170).

Daniel ta' sikwit isemmi kif jixtieq ikun parti mix-Xirka tal-Imdawlin ta' Manwel Dimech. Fil-fatt ikun b'seba' mitt għajn għall-attitudni tan-nies biex jara dak li jkun ikunx maqtugħ għal dan il-moviment, bħalma jagħmel mat-tifla tal-kuġin tiegħu – tifla ta' tmien snin, għaliex irrealizza li kellha intelliġenza kbira għall-età tagħha:

> Il-Bambin veru qalbu tajba," qaltli fl-aħħar. "Billi ma nistgħux nibqgħu mejtin biss u rridu mmorru xi mkien, ħalaq il-Ġenna. Għalfejn imma ma jarax x'jagħmel fuq ix-xitan u jagħlaq l-Infern? Daqshekk diffiċli? Imbagħad kulħadd

imur biss il-Purgatorju jew il-Ġenna. Mhux tajjeb hekk kieku?" Hawnhekk wasalt għall-konklużjoni li bla ebda dubju Olivia la tikber se tkun imdawla bħali, żgur mhux forsi. (Formosa, 2004: 263).

Fl-istorja lokali, ix-Xirka tal-Imdawlin kienet moviment imwaqqaf minn Dimech li emmen li l-kotra setgħet tikseb is-saħħa u l-qawwa tal-ħsieb u tal-qalb. B'riħet din l-emanċipazzjoni l-poplu seta' jinbidel u jimmatura. Montebello jisħaqq li Dimech ħadem ħafna biex jaqbeż għan-nies misruqa u foqra. Imwieled fil-kerrejjiet tal-Belt, Dimech kellu jħallas il-prezz qares tal-illitteriżmu, l-esklużjoni u l-faqar li tħalla jikber fihom billi għal 20 sena għadda ż-żgħożija u l-bidu tal-irġulija tiegħu fil-ħabs. Matul dan il-perjodu għallem lilu nnifsu kif jaqbeż għal dawk li kienu qed ibatu bħalu (Montebello, 2020: 25). Probabbli Formosa kien infurmat sew b'dan il-moviment u l-ħsieb ta' Montebello u l-għan tajjeb tiegħu, u għalhekk għażel li jinkludi dan id-dettall f'kitbietu.

Niechcial (2019: 171) tgħid li s-snin 80 kienu l-bidu li fih kittieba nisa bdew jesprimu ruħhom permezz tal-letteratura. Niechcial (2019: 171) issemmi kif ir-Revoluzzjoni Iżlamika tal-1979 qajmet fervur fost il-kittieba nisa

> With their feminist issues successfully stepped into mainstream literary discourse, focusing on topics previously omitted, emphasising socio-cultural gender issues and contributing to the development of specific attitudes and values among readers.

B'hekk, il-fatt li Formosa għażel li joħloq karattru ta' tifla żgħira, Olivia, u poġġieha proprju f'xena politika tal-moviment li ried iqajjem Daniel, turi li l-kittieb ried iħeġġeġ iktar nisa biex ikollhom sehem attiv kemm fil-kitba kif ukoll biex isemmgħu leħinhom.

## 6.6 In-nuqqas ta' teknoloġija ul-mezzi ta' komunikazzjoni

L-uniċi mezzi ta' komunikazzjoni li jsemmi Daniel fil-ktieb huma r-radju, it-televiżjoni, it-telefon u l-mowbajl. Ir-radju lokali, jiġifieri s-servizz tar-redifussion, kien jinsab f'kull rokna tal-gżira. Ir-radju baqa' preżenti fid-djar l-aktar biex jisimgħu l-aħbarijiet, xi reklami u ħwejjeġ oħra ta' interess (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, 1963: 3). Fil-fatt, Daniel fil-ktieb kien ta' sikwit jixgħel ir-radju biex jisma' xi ħaġa rigward il-futbol, u ħafna xandir kien ikun bil-lingwa Taljana.

## 6.7 Il-films u l-postijiet ta' divertiment

Hekk kif għebu s-sittinijiet u s-sebgħinijiet evolviet kultura ġdida li kienet ikkaratterizzata fost l-oħrajn minn modi ġodda ta' divertiment. Il-laqgħat tal-hippies tas-sittinijiet żviluppaw f'dance parties li bdew jiġu organizzati f'diversi pajjiżi (Tabone, 2021: 17). Abela (1992: 19) jemmen li b'konsegwenza t'hekk bdew jitfaċċaw problemi soċjali moderni li kienu ta' xkiel għall-ħajja tradizzjonali Maltija. Iż-żgħażagħ Maltin ġew influwenzati minn mentalità konsumista u permissiva li bdew jaraw fuq stazzjonijiet televiżivi (Abela, 1992).

Din l-imġiba serviet ta' pedament biex seħħew bidliet radikali f'diversi oqsma tal-ħajja. Tabone (2021: 22) tgħid li dawn il-bidliet seħħew bl-għajnuna ta' influwenzi barranin li daħlu u tħalltu biex sawru l-identità Maltija tal-epoka tat-tmeninijiet, billi ħallew il-passat warajhom – passat ikkaratterizzat minn tradizzjoni, u wittew it-triq għall-ġejjieni ikkaratterizzat minn ħajja sekulari u 'l bogħod mill-istituzzjonijiet tal-poter.

Fit-tmeninijiet, iċ-ċentri tal-bowling fl-Imsida u f'San Ġiljan kienu jkunu ffullati (Formosa, 2004: 77). Proprju għalhekk, Daniel jixtieq iħejji ruħu sew f'dan l-isport. Jagħmel

ukoll referenza għall-films, pereżempju dawk ta' Bruce Lee, li huma mimlija azzjonijiet tal-Kung Fu. Fil-fatt, isemmi dan it-tip ta' films f'kuntest vjolenti: "Jiena l-films ta' Bruce Lee rajthom kollha u naf nagħtihom dawk id-daqqiet sigrieti. Jien ma nafx xi tfisser il-kelma "biża'"(Formosa, 2004: 42).

Isemmi wkoll lil Tyson, Schwarzeneggar u lil Rambo (Formosa, 2004: 163, 186) li wkoll jintrabtu mal-vjolenza. Ħaġa li tindika s-snin 80 hija li dawn dawn it-tlieta kienu fl-aqwa tal-karriera tagħhom f'dawn iż-żminijiet. Is-snin 80 kienu ddominati minn bosta personaġġi erojċi fil-midja. Skont Jeffords (1993: 196-203), dawn l-atturi kienu jġibu ruħhom b'mod vjolenti biex jirbħu xi azzjoni f'xi film. Kienu wkoll rappreżentazzjoni tal-idea maskilista Amerikana li kienet teżisti fi żmien l-amministrazzjoni mmexxija mill-President Reagen. Jeffords (1994: 47) temmen li atturi bħal Tyson, Schwarzeneggar u Rambo, kienu fost il-ħafna personaġġi li bl-imġiba tagħhom kienu qed iwasslu l-messaġġ li l-irġiel b'saħħithom kienu jxaqilbu iktar lejn il-karnaġġjon ċar. Fil-fatt, l-unika referenzi li jagħmel il-protagonist kienu atturi popolari kif tiddeskrivihom Jeffords: irġiel immuskulati u b'karnaġġjon ċar.

Ġieli anke jikteb l-isem tal-films li jkun se jara bħal *A Star is Born* ta' Barbara Steisand (Formosa, 2004: 82). Dan il-film inħadem fl-1976 u b'hekk jagħmel sens li Formosa jinkludih bħala parti mix-xena viżiva tas-snin 80. Madanakollu, interessanti li dan il-film huwa iktar addattat għal udjenza matura għaliex jittratta storja romantika. Però, il-fatt li semmieh Daniel jista' jkun li Formosa għażel li jinkludi films li jaf li l-adolexxenti jibdew jagħżlu li jaraw għaliex jibdew jinteressaw ruħhom fi stejjer romantiċi.

## 6.8 Il-flus

Il-munita ewro daħlet f'Malta fl-2008. Fil-ktieb, Daniel sikwit isemmi li l-flus Maltin

kienu l-liri Maltin; "Mitt elf lira f'munita ta' lira" (Formosa, 2004: 257). Dawk li jaqraw il-ktieb fis-seklu 21, speċjalment jekk ikunu qarrejja żgħażagħ, probabbli jsibuha ftit diffiċli li jifhmu l-kunċett tal-muniti u l-liri. Għaldaqstant, il-qarrejja tajjeb li jkollhom sfond dwar l-għan ewlieni li Malta ddeċidiet li taqleb il-flus minħabba l-vantaġġi li l-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea ma jkollhomx għalfejn isarfu l-flus jekk ikunu se jivvjaġġaw f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea stess.

Ħafna drabi, il-kunċett tal-liri juri r-relazzjonijiet tan-nies għaliex Daniel ta' sikwit jagħmel referenza għall-flus, fosthom meta jkun hemm persuni li jkunu taw xi ħaġa lil xi ħadd bħala karità bħalma għamel missieru meta ta ħames liri lil wieħed fqir (Formosa, 2004: 285) u l-ħars tan-nies meta Daniel jitfa' "tliet lirijat" fis-sasla (Formosa, 2004: 68). L-inklużjoni tal-flus matul ir-rakkont tintrabat mal-idea Marxista li kull forma ta' relazzjoni soċjali tinkludi produzzjoni. B'dan il-mod, in-nies jibdew jorbtu kollox ma' prezz bil-konsegwenza li jkunu qed jappoġġjaw il-Kapitaliżmu (Brewer, 2001: 11). Daniel mill-ewwel ħataf l-okkażjoni u beda jaħseb kif jista' jiggwadanja minn ta' madwaru (Formosa, 2004: 118).

## 6.9 L-għeluq

Stħarriġ tal-ambjentazzjoni tal-ktieb juri li l-kitba fid-djarju hija dik li tissejjaħ 'slice of life' għaliex irnexxielu jieħu biċċiet minn ħajjet in-nies li għexu fit-tmeninijiet u preżentahom f'kitbietu.

Irnexxielu jżewweġ ukoll r-realtà mal-finzjoni. Micallef (1987: 9) jiddefinixxi kittieb Realist bħala bniedem li josserva, janalizza, jiddeskrivi u jiddokumenta l-verità f'kuntest partikolari. Id-djarji huma l-aħjar għodda biex il-qarrej jieħu idea ċara ta' ħajjet il-kittieb (Grosswald Curran, 2017: 65). Il-kittieb stess jammetti li Daniel huwa mfassal fuq ħajtu meta

kien għadu student (Formosa, 2004: v). B'dan il-mod, il-qarrejja jintebħu kemm il-kitba timita, tiddokumenta u f'waqtiet tirreaġixxi għar-realtà li tpoġġi l-ħsieb fl-interpretazzjoni emottiva tal-artist u jirnexxilu jinfilsa lill-qarrejja f'dawl ġdid (Micallef 1987: 43).

Formosa uża tattika tajba meta għażel li jikteb ktieb ambjentat fil-passat għaliex dak li jkun irid ikun intiż fil-kultura Maltija tas-snin 80 biex jifhem kitbietu. Mill-banda l-oħra, qarrej li ma jkunx jaf fuq din l-epoka, jinħakem mill-kurżità biex jaqra u jsir jaf fuq it-tmeninijiet. Kif jgħid Dyczewski (2016: 143), kull kultura għandha sett ta' valuri, normi u drawwiet awtonomi. Għaldaqstant, kitbet Formosa hija partikolari għaliex il-qarrejja jintrabtu ma' epoka, udjenza u żmien partikolari, li jagħtuhom l-opportunità li jbexqu tieqa fiż-żmien li għexu missirijietna u ommijietna.

# L-Għeluq

## Il-kontribut tar-riċerka

Din ir-riċerka tanalizza l-istil, il-kuntest kulturali u t-temi li jispikkaw, b'mod speċjali dawk marbuta mal-edukazzjoni u l-adolexxenza fid-djarju *SĦMDT* – miktub mill-kittieb Malti Edgar Formosa. L-interpretazzjoni tad-djarju taqbel ma' li jgħid Galea (2007: 40):

> The experiences of schooling vary considerably in the different types of schools. Such experiences affect the students' life in several ways and are directly linked to their certification at the end of secondary schooling and their future prospects.

Fil-każ tal-protagonist, kien stressjat għaliex l-eżamijiet li kien qed jipprepara għalihom kienu jiddeterminaw ikomplix jistudja fuq is-suġġetti li xtaq jew le. Cassar (1991: 36) użat din il-metafora:

> The examination haunted the pupils like some monstrous phantom. Whenever the pupils made a mistake, or 'failed' to achieve as much as the teacher wanted them to, they were reminded – threatened even, that they had better do as they were told for the sake of this examination.

Matul dan il-proċess jinħass effett ukoll fuq l-iżvilupp fiżiku u mentali tal-protagonist, fosthom il-preokkupazzjoni bid-dehra, l-influwenza tal-midja, il-maturità u n-nuqqas tagħha, kif ukoll in-nuqqas ta' qbil (ara Kapitlu 3). Tidher il-metafora tat-tranżizzjoni (proċess ta' bidla), maturità; il-bniedem li jinsa min kien u jsir xi ħadd ġdid. Portelli (2011: 178) jemmen li "Being true to oneself, and to strive to achieve what can be achieved, can be considered as

an aim in life". Bil-mod, Daniel jikber u jieħu deċiżjonijiet li jgħinuh jikseb dak li Maslow (1970/1987) jiddefinixxih bħala self-actualisation. Madanakollu, Obama (2018: 333) tgħid li:

> Becoming isn't about arriving somewhere or achieving a certain aim. I see it instead as forward motion, a means of evolving, a way to reach continuously toward a better self. The journey doesn't end.

B'hekk, minkejja li Daniel qabad it-triq biex isir raġel, fil-verità minn kull perjodu f'ħajtu se jitgħallem xi ħaġa.

Ingħatat importanza lill-isfond tal-kittieb permezz tal-kitba fl-analiżi tematika (ara Kapitlu 3) u l-kapitli li jiffukaw fuq il-kuntest edukattiv u x-xena kulturali (ara Kapitli 5 u 6). B'hekk ġiet analizzata l-kultura preżenti li fiha huwa msawwar il-ktieb; il-kultura tat-tmeninijiet. Madanakollu, għall-istħarriġ tal-istil tħaddmu lehmiet mislufa mill-Kritika Formalista u l-Istrutturaliżmu. B'hekk seta' jkun innutat kif bis-saħħa tas-sitwazzjonijiet maħluqa permezz tal-kelma letterarja u l-istil abbinat, Formosa rnexxielu jqanqal emozzjonijiet differenti fil-qarrejja.

Ġew ikkunsidrati wkoll teoriji u studji soċjoloġiċi u psikoloġiċi li jintrabtu mas-sengħa tal-kitba u mal-letteratura. L-orjentament soċjoloġiku għen fil-fehim tax-xogħol letterarju fid-dawl tas-soċjetà li jiżviluppa fiha. Fl-istess ħin, il-lenti psikoloġika tispjega n-nebħ u l-intenzjoni tal-kittieb, kif ukoll il-motivazzjoni tal-karattri misjuba fil-ktieb. Fost il-punti mistħarrġa kien hemm id-deskrizzjonijiet li juża Daniel, l-għażla u s-sensil tal-kliem, it-tipa, it-ton, il-footnotes, u l-użu tad-djalogu (ara Kapitlu 4).

L-istħarriġ tal-ambjentazzjoni tagħti ħjiel tar-realtà li rnexxielu (jew f'waqtiet b'xi limiti) ipitter b'kitbietu, b'tali mod li jiddeskrivi lealment il-kultura li hu stess trabba fiha bħala student. Din l-osservazzjoni tagħti idea lill-qarrejja dwar kemm il-kultura ta' dak iż-

żmien ħalliet impatt, kemm fuq il-poplu kif ukoll fuq l-istudenti li kienu jattendu fit-tmeninijiet tas-seklu 20. Fil-ktieb dehru wkoll xi traċċi tar-Realiżmu għaliex permezz ta' kitbietu Formosa jiddokumenta realtà preċiża mhux imnebbħa mill-ħajja kontemporanja li fiha nkiteb il-ktieb. Madanakollu, il-letteratura la hija duplikazzjoni tal-ħajja u lanqas aljenazzjoni minnha, (Buttigieg, 2006: 3, 26) u kull bniedem jinterpreta l-ħajja differenti. Fil-fatt, Buttigieg (2006: 26) jikkuntrasta r-Realiżmu soċjali u r-Realiżmu kritiku:

> Filwaqt li r-Realiżmu soċjali kien ifittex li jifli s-soċjetà u l-karattri li jgħixu fiha b'osservazzjoni ġewwiena, bħallikieku dawn il-karattri kienu xi ħlejjaq taħt l-osservazzjoni xjentifika f'laboratorju, kittieba kbar tar-Realiżmu kritiku (...) dejjem raw u ddeskrivew il-karattru minn barra.

Minkejja li Buttigieg jgħid li dawn "Iż-żewġ metodi jistgħu jiġu applikati f'daqqa" (Buttigieg, 2006: 26), Formosa uża l-iktar il-kritika soċjali għaliex il-protagonist jikxef hu min hu u l-kultura li trabba fiha l-kittieb (ara Kapitlu 6). Fil-fatt, bosta riċerkaturi jemmnu li l-aspett kulturali f'test jitlob impenn mill-qarrejja għaliex l-ambjentazzjoni mhux neċessarjament tkun tixbah lil tal-qarrejja (Zammit, 2015: 2). Żvilupp ta' dan il-ħsieb jinsab fil-moviment kritiku msejjaħ Storiċiżmu Ġdid li "Sought to breathe new life into canonical texts" (Kramer & Maza, 2006: 147) f'attentat "To reconceive history on the model of literature" (Cantor, 1993: 21).

Mill-karatteristiċi tal-Istoriċiżmu ta' Veeser (1994: 2), l-iktar prinċipju li jintrabat ma' din ir-riċerka kien it-tielet prinċipju: "That literary and non-literary 'texts' circulate inseparably". Dan għaliex, minkejja li hemm min jikkunsidra kitba fi djarju bħala xogħol mhux letterarju (Literary Text and Non Literary Text, 2019), għall-fini ta' din ir-riċerka serviet ta' tieqa li tbexxqet f'realtà mhux kontemporanja. B'hekk, permezz tal-Istoriċiżmu l-Ġdid, il-

qarrejja tal-ktieb *SĦMDT* "Inevitably read the past from the present" (Hickling, 2018: 54).

Permezz tal-kitba ta' kuljum fid-djarju, il-protagonist jikxef realtajiet li kienu jgħaddu minnhom studenti tal-istess età li għexu u attendew l-iskola fis-snin 80. B'hekk, l-informazzjoni miġbura komplient turi evidenza dwar kemm il-pedagoġija u l-metodi tat-tagħlim jintrabtu id f'id mal-edukazzjoni tradizzjonali li kienu mrobbija fiha studenti li għexu f'dak iż-żmien (ara Kapitlu 5).

Galea (2007: 174) jgħid li idealment:

> The teaching methods used in the various areas of the secondary curriculum should aim at developing the skills and competences of individual pupils to enable them to become autonomous and effective citizens.

Waqt l-analiżi deher li l-kurrikulu ta' Daniel ma kienx fih elementi ta' awtonomija – kwalità meqjusa essenzjali fit-tiswir tal-programm tat-tagħlim (Sercu & Raya, 2007: 81).

Permezz tal-qari kritiku, din id-dissertazzjoni esponiet il-filosofiji tradizzjonali b'kuntrast għal dawk progressivi kif jixirfu mill-attitudni tal-għalliema u dawk li jaħdmu fl-iskola li kien jattendi Daniel. Fil-ħames kapitlu l-għalliema ta' Daniel ġew ikkategorizzati bħala tradizzjonali għaliex japprezzaw iżżejjed lill-istudenti ubbidjenti; dan jaqbel mal-ideat ta' Cuban (1983: 165) li ntebaħ kif "[t]he dominant pattern was teacher-centred instruction". L-analiżi tlaħħmet billi sar kuntrast ma' metodi li jintużaw fl-edukazzjoni progressiva. B'dan il-mod, il-qarrejja jieħdu idea ta' liema kuntest edukattiv jgħolli lill-istudenti biex l-għalliema flimkien mal-istudenti jixmu id f'id għas-suċċess akkademiku.

## Xi spunti konklussivi

Il-letteratura sikwit nirreferu għaliha bħala l-esperjenza letterarja għaliex tintrabat

mill-qrib mar-realtà u l-esperjenzi li jġarrab il-bniedem. Wittgenstein (1998: 44-56) jagħti l-eżempju tal-uġigħ tad-dras. Bħalma l-esperjenza tal-uġigħ tad-dras hija personali, l-istess hija l-letteratura, għaliex kulħadd jesperjenzaha differenti. Kwotazzjoni li tintrabat mal-ktieb hija ta' Hall: "Adolescence is a new birth, for the higher and more completely human traits are now born" (Stanley Hall, b.d.). Hawnhekk tintrabat il-metafora tat-tieni twelid – mit-tfulija għaż-żgħożija, għaliex l-individwu jitwieled wara tqala diffiċli.

Id-djarju ta' Daniel hu eżempju ta' din it-tranżizzjoni diffiċli lejn grad ogħla ta' maturità. Sa mill-ewwel daqqa t'għajn, il-qarrejja jintebħu li l-protagonist huwa ġuvni li bil-mod il-mod qed jirfes l-għatba tal-ħajja adulta. Kull adult għex il-perjodu taż-żgħożija imma kultant il-ħajja u l-esperjenzi li jgħaddi minnhom inessu l-avventuri u d-diffikultajiet. B'hekk, permezz tad-djarju, il-kittieb jerġa' jġedded il-memorji tal-adulti li jaqraw xogħlu għaliex Formosa rabat ħafna mar-realtà. Dan id-djarju jista' jistqies ukoll bħala cross-over għaliex jista' jkun apprezzat kemm miż-żgħażagħ kif ukoll mill-adulti.

L-ewwel impressjoni li jieħdu l-qarrejja malli jaqraw it-titlu hija li f'dan il-ktieb se jiltaqgħu ma' ġuvni introvert jismu Daniel Tusa minħabba l-aġġettiv 'mistura'. Ma' kull paġna li titqalleb donnu l-kelma 'mistura' tgħib għaliex Daniel iżomm appuntament regolari mad-djarju u mhux talli jikteb kważi kuljum, imma talli jagħti dettalji ċari ta' dak li jkun għadda minnu fil-ġurnata. Paperno (2004: 562) jgħid li: "The diary is also firmly committed to the first-person narrative; but not to an addressee. What follows is the diary's special relationship to privacy, intimacy, and secrecy". Fil-ktieb, minkejja li Daniel jikteb fl-ewwel persuna, ma jindirizza lil ħadd speċifiku ħlief għal xi ftit okkorrenzi li jindirizza lid-djarju b'"Għażiż djarju". Madanakollu, permezz ta' kitbietu l-qarrejja jħossu li l-protagonist qed jindirizza lilhom u jistedinhom isiru jafuh.

Id-djarju jintrabat mill-qrib ukoll ma' kotba li ma jaqgħux taħt l-istess ġeneru. Fil-fatt, il-ktieb *SĦMDT* jixbah ħafna lill-kotba miktuba għall-adolexxenti bħalma huwa l-ktieb *Sħab* ta' Żahra (2006). Dan għaliex il-karattri u s-sitwazzjonijiet huma realistiċi. Barra minn hekk, id-djarju ta' Formosa huwa aktar minn rendikont ħafif ta' dak li jkun ġara kull jum li jgħaddi, imma tinseġ id-deskrizzjoni mal-ħsibijiet u r-riflessjonijiet tiegħu. Din it-teknika toffri l-opportunità lill-qarrejja sabiex jifhmu lil Daniel bħala adolexxent li qed jiżviluppa u jgħaddi minn perjodi differenti sforz it-tibdiliet fiżiċi u mentali.

Il-fatt li d-djarju huwa narrat fl-ewwel persuna, kien hemm ċans kbir li ċerti dettalji jkunu esaġerati jew interpretati inkorrettament (Fan, 2018). Madanakollu, ħafna drabi nħass li n-narratur seta' jiġi afdat u bl-ebda mod ma prova jħawwad lill-qarrejja; mhux bħalma jiġri pereżempju fil-ktieb *The Prague Cemetry* ta' Eco (2010) li jitfa' lill-qarrejja f'dilemma dwar min hu l-veru narratur.

Ġiet analizzata wkoll il-forma li biha l-kittieb wassal kitbietu; tekniki li jintrabtu mal-ġeneru tradizzjonali tad-djarju flimkien ma' tekniki moderni. Tardy (2015: 130-131) jissuġġerixxi numru ta' mekkaniżmi "That can produce genre change such as unexpected linguistic form, new modalities, unconventional rhetorical appeals, unusual ideas" u oħrajn.

Fil-każ tad-djarju *SĦMDT*, Formosa uża tekniki tradizzjonali bħar-rakkont fl-ewwel persuna, kliem informali, kif ukoll xi tpinġijiet. B'kuntrast ma' dan, hemm xi elementi li jitbiegħdu mill-ġeneru tad-djarju bħall-użu tal-ortografija u punteġġjatura tajba, kif ukoll l-inklużjoni ta' kwotazzjonijiet diretti bħal xi silta minn poeżija. Analiżi u riflessjoni ta' dawn il-mekkaniżmi kif ukoll tal-fatt li kien hemm proċess sa ma d-djarju wasal f'id il-qarrejja, ikompli jbiegħed il-ktieb mill-ġeneru tradizzjonali ta' djarju għaliex: "Traditional print diarist who publish their texts relinquish any power over who can read them" (McNeil, 2003: 38).

B'hekk, Formosa rnexxielu jsawwar ktieb li fih għaġen l-esperjenzi personali flimkien ma' dawk li ħoloq hu, b'tali mod li jagħti l-opportunità lill-qarrejja jsiru jafuh.

Barra minn hekk, l-istil partikolari li juża jgħin lill-qarrejja sabiex il-qari ma jkunx monotonu u ma jitilfux l-interess. Kienet ukoll tattika interessanti kif Formosa għażel li l-protagonist jikteb għal sena sħiħa. Mill-analiżi tal-paġni miktuba deher li sena serviet iktar ta' difett milli ta' preġju għaliex il-fatt li kellu jikteb kuljum ħoloq iktar problemi. Daniel kien donnu jħoss obbligu li jżomm appuntament regolari mad-djarju bil-konsegwenza li xi partijiet dehru mġebbda. Dan seta' kien ta' żvantaġġ għall-qarrejja għaliex f'xi mumenti jħossu li l-protagonist ikun qed jikteb sempliċiment biex iniżżel rendikont tal-ġurnata. Minkejja dan, kien hemm xi ġranet partikolari li fihom qabeż milli jikteb. F'dawn l-okkorrenzi l-qarrejja jinħakmu mill-kurżità u jinbtu fihom mistoqsijiet il-għala naqas minn kitbietu.

Mill-istħarriġ tal-ambjent u l-kuntest storiku u kulturali tad-djarju (ara Kapitlu 6), jidher ċar li l-kittieb għamel użu minn dik li tissejjaħ 'slice of life' (Baker, 2002: 83-84) għaliex Formosa ppreżenta xogħol li permezz tiegħu l-qarrejja jieħdu idea tajba u mirquma tar-realtà tas-snin 80 f'Malta. B'dan il-mod laħaq żewġ għanijiet: l-ewwel, li jħalli ħajjin is-snin tal-passat; u t-tieni, li l-qarrejja li jaqbdu l-ktieb f'idejhom ikunu impenjattivi, jiġifieri li mhux sempliċiment iqallbu l-paġni, imma biex jifhmu aktar u aħjar kemm Formosa ried iżewweġ flimkien il-qari mat-tiftixa tad-dettalji 'ġodda'. Mill-banda l-oħra, referenza żejda għall-kuntest tqaddem lill-ktieb għaliex ma jkunx faċli li l-qarrejja jirrelataw miegħu mill-ewwel.

Wilkinson u sħabu (2020: 157-166) sabu li ħafna adolexxenti jaqraw biex jirrilassaw, oħrajn "Reported that books provided a way of getting away from reality, a form of escapism". Proprju għalhekk il-ktieb *SĦMDT* joffri l-opportunità biex l-adolexxenti jħallu r-realtà tagħhom fil-ġenb u jsiru parti minn ħajjet Daniel. Il-protagonist huwa simbolu ta' kull

student li ġarrab realtà li tiffavorixxi s-suċċess akkademiku li jintlaħaq biss b'ubbidjenza assoluta tal-istudenti f'kuntest fejn il-lezzjonijiet ikunu kollha f'idejn l-għalliema (Abdella & Fataar, 2021: 46).

Formosa għamel bosta snin jaħdem fis-settur edukattiv (ara Taqsima 1.3). Punt importanti li ħareġ mir-riċerka huwa li minkejja li l-edukazzjoni li trabba fiha wasslitu għall-karriera ta' għalliem, mill-evalwazzjoni titwieled idea oħra: l-għodda meħtieġa għall-istudenti-għalliema, fosthom l-użu ta'pedagoġiji effettivi li jinkludu tagħlim iggwidat u awtonomija biex l-istudent jitpoġġa fiċ-ċentru. Matul il-qari, il-qarrejja jintebħu li xi ħiliet li huma neċessarji għall-karriera ta' għalliema huma neqsin fl-għalliema ta' Daniel, bħalma huma l-kreattività, id-determinazzjoni u s-sens umoristiku (Walker, 2008: 65).

It-tagħlim ma jistax jieqaf malli l-istudenti-għalliema jtemmu l-istudji tagħhom, imma hemm bżonn ta' tagħlim u taħriġ kontinwu biex iżommu ruħhom aġġornati mal-iżvilupp akkademiku u jadattaw għall-bżonnijiet soċjali, teknoloġiċi, u l-bqija. B'hekk, il-qari tad-djarju jiftaħ għajnejn il-qarrejja għal xi mġiba tal-għalliema u x'effetti din jista' jkollha fuq l-istudenti. Tant hu hekk, li Wain u sħabu (1995: 7) jgħidu li hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn "What is delivered to a focus on what is actually learnt". Dan għaliex edukazzjoni li tibbaża s-suċċess fuq il-marki tal-eżamijiet biss mhix edukazzjoni demokratika (Wain, 1991: 122). Għall-kuntrarju, trawwem lill-istudenti f'passività għaliex l-attendenza tagħhom fl-iskola tkun sempliċement bil-għan li jgħaddu mill-eżamijiet.

Maż-żmien, ir-realtajiet jinbidlu u proprju għalhekk hemm bżonn li s-sistema edukattiva taddatta għall-ħtiġijiet tal-istudenti li jkollha. Fil-fatt, waħda mill-iktar preokkupazzjonijiet li kellu Wain (1991: 122) kienet proprju fuq ir-riformi u l-innovazzjoni tal-kurrikulum lokali. L-akbar uġigħ ta' ras tinħass rigward in-nuqqas ta' konsultazzjoni fl-

istituzzjonijiet edukattivi li tħalli lill-għalliema diżappuntati (ara Taqsima 5.6). Il-fatt li l-kurrikulum isir biss minn grupp żgħir ta' nies ukoll hija problematika, u proprju għalhekk hemm bżonn konsultazzjoni tal-għalliema u l-ġenituri (Sultana, 1994: 142). L-għalliema tas-sekondarja ta' Daniel huma xhieda ta' kemm fil-verità ma jħossuhomx parti mill-proċess tal-edukazzjoni (ara Taqsima 5.6).

Il-karatteristiċi mogħtija lill-edukaturi jħallu effett ukoll fuq l-idea ta' għalliema professjonali u l-professjoni tagħhom. Dan għaliex kull min jaqra l-ktieb jintebaħ li l-imġiba tal-għalliema fil-ħajja tal-lum tikkuntrastra mal-għalliema li ħoloq Formosa. B'hekk, kitbietu qed isservi ta' ċavetta li biha l-qarrejja jintebħu kemm fil-verità l-professjoni ta' għalliema hija importanti għaliex tħalli impatt kbir fuq l-istudenti. Proprju għalhekk li l-ġenituri jafdaw lil uliedhom f'idejhom għaliex jafu li jkunu jinsabu f'idejn tajba (Wain et al., 1995: 15).

Fost l-isfidi ewlenin tal-għalliema li ġew innutati f'dan l-istudju nsibu: l-istress li jħossu l-għalliema sabiex jgħallmu b'mod effettiv; id-dixxiplina u l-imġiba tal-istudenti, speċjalment fi skejjel sekondarji u postsekondarji, għaliex l-istudenti jibdew joħorġu l-karattru tagħhom. Permezz ta' dawn ir-riflessjonijiet, jibdew jitwieldu xi soluzzjonijiet f'moħħ il-qarrejja li jiffaċilitaw ħajjet l-edukaturi: iktar sapport professjonali, klassijiet iżgħar għal immaniġġjar aħjar, kif ukoll li l-edukaturi jkunu rispettati iktar u l-professjoni tagħhom tkun stmata. B'hekk, dan l-istudju jgħin biex tinħoloq kuxjenza fost l-edukaturi – li flimkien mal-istudenti huma l-pilastri tal-edukazzjoni, sabiex jingħataw ir-rispett li jistħoqqilhom (Sammons & Bakkum, 2012: 9-26). Meta għalliem ikun rispettat u kuntent fuq il-post tax-xogħol, jagħmel xogħlu b'dedikazzjoni kbira b'konsegwenza li jgawdu l-istudenti (Parker & Parker, 2021).

## Ir-riflessjoni fir-riċerka

Ir-riflessjoni saret suġġett ewlieni fid-diskussjonijiet tar-riċerka speċjalment fl-istudji edukattivi (Douglas, 2001: 35). Qabel ma beda l-proċess tal-analiżi, pass pass bdiet tinkiseb konsapevolezza ta' studji, metodi, qari, kif ukoll xogħlijiet li jintrabtu mill-qrib ma' dan l-istudju. Fil-letteratura nirreferu għall-proċess tar-riflessjoni bħala reflexivity. Dan il-proċess jgħinek teżamina l-ġudizzji u t-twemmin tiegħek bil-għan li tintebaħ jekk il-valuri u t-twemmin personali humiex se jaffettwaw ir-riċerka. Proprju għalhekk, sikwit kien ikun hemm mumenti fejn kienu jinbtu xi dilemmi fil-ħsibijiet tar-riċerkatriċi għaliex hija normali li riċerkatur jikkontradixxi s-suppożizzjonijiet tiegħu stess (Wilkinson, 1988: 494).

F'din id-dissertazzjoni ntużat ir-reflexivity li Bager-Charleson (2010) jiddefinixxiha bħala: "Finding strategies to question our own attitudes, theories-in-use, values, assumptions, prejudices and habitual actions; to understand our complex roles in relation to others". Biex sar dan kien hemm bżonn evalwazzjoni ta' dak li hemm fil-ktieb u r-rabta mar-riċerkatriċi. Riċerka b'kuntest edukattiv hija wkoll prattika soċjali għaliex b'xi mod jew ieħor se jkun hemm influwenza lejn il-kultura u l-kuntest li hu mrobbi fihom ir-riċerkatur (Scott & Robin, 1996: 34). Fil-każ ta' din ir-riċerka kien hemm bżonn li r-riċerkatriċi taqra sabiex tifhem il-kuntest edukattiv fis-snin 80 biex tirrelata mal-pedagoġiji mħaddma fis-seklu 21.

## Xi suġġerimenti għal studji oħra fl-istess qasam

Minkejja li l-għan prinċipali ta' din id-dissertazzjoni kien li ssir analiżi b'reqqa tal-ktieb *SĦMDT*, xorta hemm lok għal diversi studji li jistgħu jibnu fuq dan ix-xogħol biex l-istħarriġ ta' dan id-djarju partikolari jkompli jirfina.

L-ewwel suġġeriment huwa li jsir studju komparattiv bejn il-ktieb li analizzajt jien ma'

kotba oħra li kiteb Formosa sabiex jiġu nnutati xi rabtiet u differenzi fl-istil kif ukoll fit-temi. Ikun xogħol interessanti li kieku tinqabad analiżi partikolari, pereżempju analiżi stilistika, u jiġu analizzati tliet kotba ta' Formosa biex tinħareġ id-differenza bejniethom. B'dan il-mod Formosa jkun apprezzat fil-kanoni Maltin.

Idea oħra hija li jsir studju li fih jiġi analizzat xi ktieb jew test letterarju ieħor li jittratta l-qasam edukattiv, b'mod speċjali kuntest li fih l-għalliema ma jkunux iffukati biss biex l-istudenti jeċċelleraw akkademikament – bħalma jiġri fil-ktieb *Id tad-Deheb* (De Battista, 2009), għaliex għamlu ħilithom biex isibu lill-istudenti mitlufin biex jaraw kif jistgħu jgħinuhom. B'hekk ikun possibbli li jsir tqabbil bejn xogħol letterarju li huwa ambjentat fi żmien meta lokalment kienet titħaddem pedagoġija li tiffavorixxi iktar lill-għalliem, ma' xogħol ieħor li fih il-kuntest huwa ambjentat f'edukazzjoni li fiha l-istudent jingħata l-opportunità li jikber u jiżviluppa.

Tista' wkoll issir riċerka li fiha l-ktieb ta' Formosa jkun imqabbel ma' ktieb miktub b'lingwa oħra li wkoll ikun fih kuntest edukattiv simili. Eżempju tipiku jkun il-ktieb *Matilda* miktub minn Roald Dahl (2016). B'dan il-mod ikun jista' jsir studju komparattiv bejn kuntesti edukattivi ta' pajjiżi differenti sabiex jiġu nnutati l-konsegwenzi ta' pedagoġiji u metodi ta' tagħlim partikolari, kemm fuq l-għalliema, kif ukoll fuq l-istudenti.

Huwa possibbli wkoll li t-temi li nħarġu permezz ta' din id-dissertazzjoni jservu bħala għeruq li bihom jissawru xi kwestjonarji bil-għan li jitqassmu lil studenti tampar il-protagonist. B'dan il-mod, permezz tat-tweġibiet mill-informanti, ikun possibbli li jiġi nnutat jekk ir-realtajiet u s-sitwazzjonijiet li ħass u għadda minnhom Daniel għadhomx preżenti fi studenti tamparu, speċjalment dawk li jintrabtu mill-qrib mal-kuntest edukattiv bħall-istress tal-eżamijiet.

## L-għeluq

Din ir-riċerka kienet sors tajjeb biex tidher il-passjoni u d-dedikazzjoni li għandu l-kittieb lejn l-edukazzjoni. L-evalwazzjoni u l-ħarsa kritika tal-attitudni u l-imġiba tal-protagonist tal-ktieb – Daniel Tusa – servew ta' mudell biex jidhru liema metodi u sistemi kienu jdejqu lilu u lil sħabu, u niftaħ għajnejja biex ma nużax l-istess sistemi fil-klassijiet futuri tiegħi.

Aspett importanti fil-mixja edukattiva ta' kull individwu huwa r-relazzjoni ta' bejn l-għalliema u l-istudenti (Farrugia & Xerri, 2016: 7). Gurland u Evangelista (2015: 879-904) jgħidu li r-relazzjoni ta' bejn l-għalliema u l-istudenti hija essenzjali matul is-snin li jkunu fuq il-bank tal-iskola, kemm għall-iżvilupp soċjali kif ukoll għall-iżvilupp lingwistiku. Għaldaqstant, permezz tad-djarju rnexxieli nara l-perspettiva ta' studenti li 'l quddiem se nkun qed ngħallem jien.

Din ir-riċerka għenitni biex bħala riċerkatriċi nkompli nwessa' l-għarfien tiegħi tal-letteratura Maltija. Waqt l-analiżi tal-ktieb ta' Formosa ħadt idea tal-kontribut ta' dan il-kittieb Malti li kompla jgħinni biex nikber kemm bħala riċerkatriċi, qarrejja, kif ukoll bħala studenta-għalliema tal-Malti li għad inkun għalliema fil-futur.

Dan l-istudju laqqagħni wkoll ma' kotba oħra tal-istess awtur kif ukoll ma' xogħlijiet letterarji – kemm lokali kif ukoll internazzjonali – li għenuni nkabbar it-tagħrif tiegħi fuq il-letteratura għat-tfal u l-adolexxenti, kif ukoll kotba b'kuntest edukattiv. Wieħed għandu jimxi bil-mod meta jinterpreta xogħol letterarju u huwa propju għalhekk li dan l-istudju għallimni kif għandi nħaddem u niżviluppa l-ħila kritika tiegħi billi nevalwa b'attenzjoni kbira qabel nasal għal xi konklużjoni. Madanakollu, ikolli nammetti li l-ktieb kompla jkattar fija x-xewqa li naqra u nesplora xogħlijiet simili.

B'sodisfazzjon kbir ngħid li dan ix-xogħol għenni biex inkompli naspira u naħdem biex insir għalliema effettiva. Matul dawn l-aħħar sentejn, tgħallimt diversi pedagoġiji u metodi tat-tagħlim li ħejjewni b'bagalja mimlija għodda li se nkun qed inġorr kull darba li nidħol fil-klassi. Għaldaqstant, din ir-riċerka kompliet tpoġġi dak kollu li tgħallimt f'kuntest iktar reali għaliex irnexxieli nara l-proċess edukattiv mil-lenti ta' student – opportunità li ma tiġix kuljum.

# Il-Lista ta' Referenzi


Abbott, H.P. (2002). *The Cambridge Introduction to Narrative.* Cambridge: Cambridge University Press.

Abdella, A. S., & Fataar, A. (2021). Teaching Styles of Educators in Higher Education in Eritrea: Teacher-Centred or Student-Centred? *Journal of Higher Education in Africa / Revue de l'Enseignement Supérieur en Afrique*, *19*(1), 45–62.

Abela, A. (1992). *Changing Youth Culture in Malta.* Malta: Jesuit Pub.

Academic Center for Excellence. (2009). *Writing a Literary Analysis Paper*. Fredericksburg: Germanna Community College.

Adams, G.R., & Berzonsky, M.D. (2003). *Blackwell Handbook of Adolescence.* Malden: Blackwell Publishing Limited.

Adams, G.R., & Gullotta, T.P. (2005). *Handbook of Adolescent Behavioral Problems.* Manhattan: Springer Publishing Company.

Adams, K. (2009). *Journal to the Self.* New York: Grand Central Publishing.

Ainsworth, M.S. (1979). Infant-Mother Attachment. *American Psychologist, 34*(10), 932–937.

Alharahsheh, H. H., & Pius, A. (2020). A Review of Key Paradigms: Positivism vs Interpretivism. *Global Academic Journal of Humanities and Social Sciences, 2*(3), 39-43.

Al-Omari, Jehad. (2008). *Understanding the Arab Culture* (it-2ni ed.). Oxford: How to Books Limited.

Altick, R.D., & Fenstermaker, J. J. (1993). *The Art of Literary Research.* New York: W.W. Norton & Company.

American Psychological Association.(2015). *APA Dictionary of Psychology* (it-2ni ed.). Washington: American Psychological Association.

Ancestry (1997-2021). Tusa Family History. Aċċessat nhar is-16 ta' Lulju 2021. Minn dan is-sit elettroniku: https://www.ancestry.com/name-origin?surname=tusa

Arendholz, J., Bublitz, W., & Kirner-Ludwig, M. (Ed.). (2015). *The Pragmatics of Quoting Now and Then,* 529-594. Boston: De Gruyter Mouton.

Arnett, J.J. (1999). Adolescent Storm and Stress, Reconsidered. *American Psychologist, 54*(5), 317–326.

Attard, M. (2009). *Ħsibijiet Kritiċi dwar ir-Rappreżentazzjoni tal-Għalliema fil-Letteratura Maltija*. (teżi tal-Baċellerat mhux ippubblikata fil-Fakultà tal-Arti). Malta: L-Università ta' Malta.

Avildsen, J.G. (Direttur). (1984). *The Karate Kid.* [Film]. Columbia Pictures: FilmFlex.

Ayers, H., & Nicolson, D. (2004). *Adolescent Problems: Guide for Teachers, Parents, Counsellors*. Londra: David Fulton Publishers.

Bager-Charleson, S. (2010). *Reflective Practice in Counselling and Psychotheraphy.* Londra: Sage Publishing.

Baker, E.L., Barton, P.E., Darling-Hammond, L., Haertel, E., Ladd, H.F., Linn, R.L., Ravitch, D., Rothstein, R., Shavelson, R.J., & Shepard, L.A. (2010). *Problems with the Use of Student Test Scores to Evaluate Teachers.* Washington: Economic Policy Insititute.

Baker, S. E. (2002). *Bernard Shaw's Remarkable Religion: A Faith that Fits the Facts.* Florida: University Press of Florida.

Bal, M. (2009). *Narratology: Introduction to the Theory of Narrative* (it-3et ed.). Londra: University of Toronto Press.

Ballantine, J.H., & Stuber, J. (2017). *The Sociology of Education: A Systematic Analysis.* Londra: Routledge.

Balzia, M. (2006). L-Arma ta' Birżebbuġa u Gino Muscat Azzopardi. *Minn Qalb l-Iljuni*, *14* (1), 122-123.

Baron, R. A., & Branscombe, N. R. (2012). *Social Psychology.* Londra: Pearson Education.

Barone, D., Meyerson, M., & Mallette, M. (1995). Images of Teachers in Children's Literature. *Concepts & Themes*, *8*(4), 257–270.

Barthes, R. (1974). *S/Z*: *An Essay* (R. Miller, Trad.). New York: Farrar, Straus and Giroux.

Barthes, R. (1977). *Image-Music-Text* (S. Heath, Trad.). Londra: Fontana Press.

Bennett, A. (2006). *The History Boys*. Londra: Faber & Faber.

Bennett, A., & Royle, N. (2004). *An Introduction to Literature, Crticism and Theory* (it-3et ed.). Londra: Pearson Education Limited.

Bento, C. L. (2017). *4 Essential Keys to Effective Communication in Love, Life, Work-Anywhere.* California: Author's Republic.

Berger, K.S. (2018). *The Developing Person Through Childhood and Adolescence*. New York: Worth Publishers.

Bergland, C. (2013). Scientists Identify why Girls Often Mature Faster than Boys. Aċċessat nhar is-6 ta' Mejju 2021. Minn dan is-sit elettroniku: https://www.psychologytoday.com/ca/blog/the-athletes-way/201312/scientists-identify-why-girls-often-mature-faster-boys.

Berlie, D. (1991). *Dear Nobody.* Londra: Puffin Books Publications.

Berry, J. A. (2010). Benedittu XVI: Kitbiet, Tamiet, u Viżjoni. *Melita Theologica, 61*(1), 67-80.

Berscheid, E., & Reis, H. T. (1998). Attraction and Close Relationships. F'D.T. Gilbert, S.T. Fiske, & G. Lindzey (Ed.). *The Handbook of Social Psychology, 2* (pp. 193–281). New York: McGraw-Hill.

Bezzina, C., & Portelli, V. (2005). Teachers and Teaching in Malta: Some Key Issues. *Journal of Maltese Education Research*, *3*(2), 8-22.

Bi, L., & Fang, X. (2020). Images of Teachers in Contemporary Chinese Children's Literature. *Children's Literature in Education*, *51*(2), 179-191.

Bleich, D. (1975). The Subjective Character of Critical Interpretation. *College English*, *36*(7), 739-755.

Block, J. (2020). *360°.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Bloom, H. (1994). Feminism as The Love of Reading. *Raritan, 14*(2), 29.

